SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

24 ta' Settembru 2019*

"Kompetizzjoni – Akkordji – Settur tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax iddenominati f'EUR – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE – Manipulazzjoni tar-rati ta' referenza interbankarji tal-Euribor – Skambju ta' informazzjoni kunfidenzjali – Restrizzjoni tal-kompetizzjoni bħala għan – Ksur uniku u kontinwu – Multi – Ammont bażiku – Valur tal-bejgħ – Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Obbligu ta' motivazzjoni"

Fil-Kawża T-105/17,

HSBC Holdings plc, stabbilit f'Londra (ir-Renju Unit),

HSBC Bank plc, stabbilit f'Londra,

HSBC France, stabbilit f'Pariġi (Franza),

irrappreżentati minn K. Bacon, QC, D. Bailey, barrister, M. Simpson, solicitor u Y. Anselin u C. Angeli, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn M. Farley, B. Mongin u F. van Schaik, bħala aġenti, assistiti minn B. Lask, barrister,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, minn naħa, għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 8530 finali tas-7 ta' Diċembru 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 tat-TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39914 – Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro) u, min-naħa l-oħra, għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta minn M. Prek (Relatur), President, E. Buttigieg, F. Schalin, B. Berke u M. J. Costeira, Imħallfin,

Reġistratur: M. Marescaux, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tad-19 ta' Marzu 2019,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Permezz tad-deċiżjoni tagħha C (2016) 8530 finali tas-7 ta' Diċembru 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39914 – Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li r-rikorrenti, HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC France kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE meta ħadu sehem, mit-12 ta' Frar sas-27 ta' Marzu 2007, fi ksur uniku u kontinwu li kellu bħala suġġett it-tibdil tal-kors normali tal-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax f'EUR (Euro Interest Rate Derivatives, iktar 'il quddiem "EIRD") marbuta mal-"Euro Interbank Offered Rate" (Euribor) u/jew l-Euro Over-Night Index Average (EONIA) (Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kkontestata) u imponitilhom *in solidum* multa fl-ammont ta' EUR 33 606 000 (Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata).

2 Il-grupp HSBC (iktar 'il quddiem "HSBC") huwa grupp bankarju li ftit mill-attivitajiet tiegħu huma l-bank ta' investiment, ta' finanzjament u kummerċjali. HSBC Holdings hija l-kumpannija ewlenija ta' HSBC. HSBC Holdings hija l-kumpannija omm ta' HSBC France u din hija l-kumpannija omm ta' HSBC Bank. HSBC France u HSBC Bank huma responsabbli min-negozjati tal-EIRD. HSBC France hija responsabbli mis-sottomissjonijiet tar-rati lill-bord tal-Euribor (premessi 58 sa 61 tad-deċiżjoni kkontestata).

3 Fl-14 ta' Ġunju 2011, il-grupp bankarju Barclays (Barclays plc, Barclays Bank plc, Barclays Directors Ltd, Barclays Group Holding Ltd, Barclays Capital Services Ltd u Barclays Services Jersey Ltd, iktar 'il quddiem "Barclays") adixxa lill-Kummissjoni b'talba għall-għoti ta' marker skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17) billi informaha bl-eżistenza ta' kartell fis-settur tal-EIRD u billi esprima x-xewqa tiegħu li jikkopera. Fl-14 ta' Ottubru 2011, Barclays ingħata immunità kundizzjonali (premessa 86 tad-deċiżjoni kkontestata).

4 Bejn it-18 u l-21 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni wettqet xi spezzjonijiet fil-bini ta' ċertu numru ta' stabbilimenti finanzjarji f'Londra (ir-Renju Unit) u f'Pariġi (Franza), fosthom f'dawk tar-rikorrenti (premessa 87 tad-deċiżjoni kkontestata).

5 Fil-5 ta' Marzu u d-29 ta' Ottubru 2013, skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205), il-Kummissjoni nhidiet proċedura ta' ksur fil-konfront tar-rikorrenti kif ukoll ta' Barclays, ta' Crédit agricole SA u ta' Crédit agricole Corporate and Investment Bank (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Crédit agricole"), ta' Deutsche Bank AG, ta' Deutsche Bank Services (Jersey) Ltd u ta' DB Group Services (UK) Ltd (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "Deutsche Bank"), ta' JP Morgan Chase & Co., ta' JP Morgan Chase Bank National Association u ta' JP Morgan Services LLP (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "JP Morgan"), ta' Royal Bank of Scotland plc u ta' the Royal Bank of Scotland Group plc (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, "RBS") u ta' la Société générale (premessa 89 tad-deċiżjoni kkontestata).

6 Barclays, Deutsche Bank, is-Société générale u RBS xtaqu jipparteċipaw fi proċedura għar-riżolviment skont l-Artikolu 10a tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikoli [101 TFUE] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81), kif emendat. HSBC, il-Crédit agricole u JP Morgan iddeċidew li ma jipparteċipawx f'din il-proċedura għar-riżolviment.

7 Fl-4 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni adottat, fil-konfront ta' Barclays, ta' Deutsche Bank, tas-Société générale u ta' RBS, id-Deċiżjoni C (2013) 8512 final li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (il-Każ AT.39914 – Derivattivi tar-Rati tal-Imgħax f'Euro (EIRD) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' riżolviment"), li permezz tagħha hija kkonkludiet li dawn l-impriżi kienu kisru l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw fi ksur uniku u kontinwu li kellu bħala suġġett it-tibdil tal-kors normali tal-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tal-EIRD (premessa 95 tad-deċiżjoni kkontestata).

A. Il-proċedura amministrattiva li wasslet għad-deċiżjoni kkontestata

8 Fid-19 ta' Marzu 2014, il-Kummissjoni indirizzat lir-rikorrenti, kif ukoll lil Crédit agricole u lil JP Morgan, dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet (premessa 98 tad-deċiżjoni kkontestata).

9 Ir-rikorrenti setgħu jikkonsultaw fuq DVD il-partijiet aċċessibbli tal-fajl tal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tagħhom ibbenefikaw minn aċċess addizzjonali għall-fajl fil-bini tal-Kummissjoni (premessa 99 tad-deċiżjoni kkontestata). Ir-rikorrenti kellhom aċċess ukoll għad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-partijiet li waslu għal riżoluzzjoni, għat-tweġibiet ta' dawn il-partijiet, kif ukoll għad-deċiżjoni ta' riżolviment (premessa 100 tad-deċiżjoni kkontestata).

10 Fl-14 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom wara d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u esprimew ruħhom fis-smigħ li nżamm bejn il-15 u s-17 ta' Ġunju 2015 (premessa 104 tad-deċiżjoni kkontestata).

11 Fis-6 ta' April 2016, il-Kummissjoni rrettifikat id-deċiżjoni ta' riżolviment f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-ammont tal-multa tas-Société générale. Ir-rikorrenti kellhom aċċess għal din id-deċiżjoni ta' rettifika kif ukoll għall-korrispondenza relatata magħha u għad-data finanzjarja rrettifikata sottomessa mis-Société générale (premessi 105 u 106 tad-deċiżjoni kkontestata).

B. Id-deċiżjoni kkontestata

12 Fis-7 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata abbażi tal-Artikoli 7 u 23 tar-Regolament Nru 1/2003. L-Artikolu 1(b) u l-Artikolu 2(b) ta' din id-deċiżjoni huma fformulati kif ġej:

"Artikolu 1

L-impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, fil-perijodi indikati, fi ksur uniku u kontinwu li jikkonċerna derivattivi tar-rati tal-imgħax iddenominati f'EUR. Dan il-ksur, li kien jestendi għaż-ŻEE kollha, kien jikkonsisti fi ftehimiet u/jew fi prattiki miftiehma li għandhom bħala għan id-distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax iddenominati f'EUR:

[…]

b) [ir-rikorrenti] mit-12 ta' Frar 2007 sas-27 ta' Marzu 2007 […]

Artikolu 2

Il-multi li ġejjin għandhom jiġu imposti għall-ksur imsemmi fl-Artikolu 1:

[…]

b) [ir-rikorrenti], responsabbli *in solidum*: EUR 33 606 600" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

1. Il-prodotti inkwistjoni

13 Il-ksur inkwistjoni jirrigwarda l-EIRD, jiġifieri derivattivi tar-rati tal-imgħax ddenominati f'EUR indiċjati fil-Euribor jew fl-EONIA.

14 L-Euribor hija ġabra ta' rati ta' imgħax ta' referenza intiża li tirrifletti l-ispejjeż tas-self interbankarju użat frekwentement fis-swieq internazzjonali tal-kapital. Hija ddefinita bħala indiċi tar-rati li d-depożiti interbankarji ta' żmien fiss f'EUR huma offruti fihom minn bank ewlieni lil bank ewlieni ieħor fi ħdan iż-żona EUR. L-Euribor hija kkalkolata permezz tal-prezzijiet offruti ta' kuljum minn bord, kompost fil-perijodu kkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata ta' 47 bank ewlieni – fosthom il-banek imsemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq –, indirizzati lil Thomson Reuters bħala aġent tal-kalkolu tal-Federazzjoni Bankarja Ewropea (FBE) bejn l-10 h 45 u l-11 h 00 ta' filgħodu. Il-banek jipprovdu kontribuzzjonijiet għall-ħmistax-il rata tal-imgħax differenti tal-Euribor, li jvarjaw, skont iż-żmien tagħhom, bejn ġimgħa u tnax-il xahar. L-EONIA tissodisfa funzjoni ekwivalenti għall-Euribor, iżda f' dak li jirrigwarda r-rati ta' kuljum. Hija kkalkolata mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) abbażi ta' medja tar-rati għad-depożiti interbankarji mhux iggarantiti ("unsecured") tal-istess bord ta' banek bħal dak użat għall-iffissar tal-Euribor (premessi 20 sa 27 tad-deċiżjoni kkontestata).

15 L-EIRD l-iktar frekwenti huma l-ftehimiet ta' rati futuri ("forward rate agreements"), is-swaps ta' rati tal-imgħax ("interest rate swaps"), l-għażliet dwar rati tal-imgħax, u l-kuntratti forward ("futuri") ta' rati tal-imgħax (premessi 4 sa 10 tad-deċiżjoni kkontestata).

2. Aġir ikkritikat tar-rikorrenti

16 Fil-premessa 113 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeskriviet l-aġir ikkritikat tal-banek imsemmija fil-punt 5 iktar 'il fuq bil-mod li ġej:

"Barclays, Deutsche Bank, JPMorgan Chase, Société générale, Crédit agricole, HSBC u RBS ipparteċipaw f'serje ta' kuntatti bilaterjali fis-settur tal-EIRD li kien jikkonsisti essenzjalment fil-prattiċi li ġejjin bejn id-diversi partijiet:

a) f'ċerti okkażjonijiet, ċerti operaturi impjegati mid-diversi partijiet ikkomunikaw u/jew irċivew informazzjoni fuq il-preferenzi fir-rigward tal-għażla ta' rati ta' imgħax mhux mibdula, baxxi jew għolja għal ċerti skadenzi Euribor; dawn il-preferenzi kienu jiddependu mill-espożizzjonijiet/pożizzjonijiet ta' operar tagħhom;

b) f'ċerti okkażjonijiet, ċerti operaturi ta' diversi partijiet ikkomunikaw u/jew irċevew wieħed mingħand l-ieħor informazzjoni ddettaljata, mhux magħrufa/disponibbli pubblikament, dwar il-pożizzjonijiet ta' operar jew l-intenzjonijiet dwar sottomissjonijiet futuri Euribor għal ċerti skadenzi ta' mill-inqas wieħed mill-banek rispettivi tagħhom;

c) f'ċerti okkażjonijiet, ċerti operaturi eżaminaw ukoll il-possibbiltajiet li jallinnjaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom fuq EIRD abbażi ta' informazzjoni bħal dik deskritta fil-punti (a) jew (b);

d) f'ċerti okkażjonijiet, ċerti operaturi eżaminaw ukoll il-possibbiltà li jallenjaw mill-inqas waħda mis-sottomissjonijiet Euribor futuri tal-banek tagħhom abbażi ta' informazzjoni bħal dik deskritta fil-punti (a) jew (b);

e) f'ċerti okkażjonijiet, mill-inqas wieħed mill-operaturi involuti f'tali diskussjonijiet ikkuntattja lill-persuni responsabbli mis-sottomissjonijiet Euribor tal-bank ikkonċernat, jew iddikjara li tali kuntatt ser isir, sabiex jitlob li dawn jibagħtu lill-aġent tal-kalkolu tal-FBE rati f'ċerta direzzjoni jew f'livell speċifiku;

f) f'ċerti okkażjonijiet, mill-inqas wieħed mill-operaturi involuti f'tali diskussjonijiet iddikjara li huwa jieħu inkunsiderazzjoni jew kien ħa inkunsiderazzjoni tat-tweġiba tal-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet qabel il-ħin ta' kuljum għas-sottomissjoni tar-rati Euribor lill-aġent tal-kalkolu jew, fil-każ li dan l-operatur ikun diġà ddiskuta dan il-punt mal-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet, ikkomunika din l-informazzjoni rċevuta minn dan tal-aħħar lill-operatur ta' parti oħra;

g) f'ċerti okkażjonijiet, mill-inqas operatur wieħed ta' parti żvela lil operatur ta' parti oħra informazzjoni oħra ddettaljata u sensittiva dwar l-istrateġija ta' operar jew l-iffissar tal-prezzijiet tal-EIRD tal-bank tiegħu" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

17 Fil-premessa 114 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni żiedet li "[b]arra minn hekk, f'ċerti okkażjonijiet, ċerti operaturi impjegati mid-diversi partijiet iddiskutew ir-riżultat tal-iffissar tar-rati Euribor, inklużi s-sottomissjonijiet ta' banek speċifiċi, wara l-iffissar u l-pubblikazzjoni tar-rati Euribor tal-jum" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

18 Il-Kummissjoni qieset li dan l-aġir kien jaqa' taħt ksur uniku u kontinwu.

19 Sabiex tiġġustifika din il-klassifikazzjoni, fl-ewwel lok, il-Kummissjoni argumentat li l-imsemmi aġir kellu għan ekonomiku uniku (premessi 444 sa 450 tad-deċiżjoni kkontestata), ikkostitwit bit-tnaqqis ta' flussi tal-flus li l-parteċipanti kien ikollhom iħallsu bħala EIRD jew permezz taż-żieda ta' dawk li huma kellhom jirċievu. Fit-tieni lok, hija qieset li l-aġir differenti kien jaqa' taħt skema ta' aġir komuni, peress li grupp stabbli ta' persuni kien involut fl-akkordju, li l-partijiet kienu segwew skema simili ħafna fl-attivitajiet antikompetittivi tagħhom u li d-diversi diskussjonijiet bejn il-partijiet kienu jkopru suġġetti identiċi jew li kienu jikkoinċidu u għalhekk kellhom kontenut identiku jew parzjalment identiku (premessi 451 sa 456). Fit-tielet lok, hija qieset li l-operaturi parteċipanti fl-iskambji antikompetittivi kienu bejjiegħa jew fornituri kkwalifikati u kellhom għarfien jew kien imisshom kellhom għarfien tal-portata ġenerali u tal-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju fit-totalità tiegħu (premessi 457 sa 483).

20 Hija qieset li HSBC kien ipparteċipa f'dan il-ksur uniku u kontinwu, filwaqt li enfasizzat li l-iskambji bilaterali ma' Barclays kienu fihom infushom jikkostitwixxu ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE (premessa 486 tad-deċiżjoni kkontestata).

21 F'dak li jirrigwarda t-tul ta' din il-parteċipazzjoni, il-Kummissjoni ħadet bħala punt ta' tluq fil-konfront ta' HSBC it-12 ta' Frar 2007 (premessa 620 tad-deċiżjoni kkontestata) u bħala data ta' tmiem is-27 ta' Marzu 2007 (premessa 625 tad-deċiżjoni kkontestata).

3. Kalkolu tal-ammont tal-multa

a) Ammont bażiku tal-multa

22 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, id-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ tal-banek li pparteċipaw fl-akkordju, sa fejn l-EIRD ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens normali tal-kelma, il-Kummissjoni ddeterminat il-valur tal-bejgħ permezz ta' valur ta' sostituzzjoni. Barra minn hekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, hija qieset li kien aħjar li ma jittieħidx inkunsiderazzjoni l-valur ta' sostituzzjoni annwalizzat, iżda li wieħed jibbaża ruħu fuq il-valur ta' sostituzzjoni li jikkorrispondi għax-xhur ta' parteċipazzjoni tal-banek fil-ksur (premessa 640 tad-deċiżjoni kkontestata). Hija fakkret li ma kinitx obbligata tapplika formula matematika u li kellha marġni ta' diskrezzjoni meta hija tiddetermina l-ammont ta' kull multa (premessa 647 tad-deċiżjoni kkontestata).

23 Il-Kummissjoni qieset xieraq li tieħu bħala valur ta' sostituzzjoni d-dħul tal-flus iġġenerat mill-flussi tal-flus li kull bank kiseb mill-portafoll ta' EIRD tiegħu marbut ma' kull skadenza Euribor u/jew EONIA u konklużma' kontropartijiet stabbiliti fiż-ŻEE (premessa 641 tad-deċiżjoni kkontestata) li għalihom ġie applikat fattur ta' tnaqqis uniformi ta' 98.849 %.

24 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ħadet bħala valur tal-bejgħ fil-konfront tar-rikorrenti l-ammont ta' EUR 192 081 799 (premessa 648 tad-deċiżjoni kkontestata).

25 F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-gravità tal-ksur, il-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni fattur ta' gravità ta' 15 % sa fejn il-ksur irrigwarda l-koordinazzjoni tal-prezzijiet u tal-ftehimiet ta' ffissar tal-prezz. Hija żiedet fattur ta' gravità ta' 3 % billi għamlet riferiment għaċ-ċirkustanza li l-akkordju kien ikkonċerna ż-ŻEE kollha u kien irrigwarda rati rilevanti għall-EIRD kollha u li l-imsemmija rati, dwar l-EUR, kellhom importanza fundamentali għall-armonizzazzjoni tal-kundizzjonijiet finanzjarji fis-suq intern u għall-attivitajiet bankarji fl-Istati Membri (premessi 720 u 721 tad-deċiżjoni kkontestata).

26 F'dak li jirrigwarda, fit-tielet lok, it-tul tal-ksur, il-Kummissjoni enfasizzat li ħadet inkunsiderazzjoni t-tul tal-parteċipazzjoni ta' kull parteċipant fl-akkordju f' "numru ta' xhur imqarrba 'l isfel u *prorata*", li wassal għall-applikazzjoni għar-rikorrenti ta' proporzjon multiplikatur ta' 0.08 % (premessi 727 sa 731 tad-deċiżjoni kkontestata).

27 Fir-raba' lok, il-Kummissjoni żiedet ammont addizzjonali ta' 18 % tal-valur tal-bejgħ, ikklassifikat bħala "dritt ta' dħul" sa fejn il-ksur ikkonsista f'iffissar orizzontali tal-prezzijiet, sabiex l-impriżi jiġu skoraġġuti milli jipparteċipaw f'tali prattiċi, indipendentement mit-tul tal-ksur (premessi 732 sa 734 tad-deċiżjoni kkontestata).

28 Il-Kummissjoni għaldaqstant stabbilixxiet l-ammont bażiku tal-multa tar-rikorrenti f'EUR 37 340 000 (premessa 735 tad-deċiżjoni kkontestata).

b) L-ammont finali tal-multa

29 F'dak li jirrigwarda l-iffissar tal-ammont finali tal-multa, il-Kummissjoni ddeċidiet li HSBC kellu rwol iktar marġinali jew żgħir fil-ksur li ma setax jiġi pparagunat mal-atturi prinċipali u ngħata tnaqqis ta' 10 % tal-ammont bażiku tal-multa (premessi 747 sa 749 tad-deċiżjoni kkontestata). L-Artikolu 2(1)(b) tad-deċiżjoni kkontestata jimponi għaldaqstant fuq ir-rikorrenti multa ta' ammont finali ta' EUR 33 606 000.

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

30 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-17 ta' Frar 2017, ir-rikorrenti ppreżentaw ir-rikors odjern.

31 Fuq proposta tat-Tieni Awla tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li tirreferi l-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti estiż.

32 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (it-Tieni Awla Estiża) iddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura, għamlet xi mistoqsijiet bil-miktub lill-partijiet fit-30 ta' Jannar 2019. Fl-14 u fil-15 ta' Frar 2019 il-Kummissjoni u r-rikorrenti, rispettivament, wieġbu għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali.

33 Fit-8 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali għamlet mistoqsija addizzjonali lill-partijiet, għal tweġiba matul is-seduta għas-sottomissjonijiet orali.

34 Fit-18 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, wara li semgħet lill-partijiet, li s-seduta għas-sottomissjonijiet orali tinżamm *in camera*, skont l-Artikolu 109 tar-regoli tal-proċedura.

35 Matul is-seduta tad-19 ta' Marzu 2019, instemgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali magħmula mill-Qorti Ġenerali. Matul din is-seduta, il-Kummissjoni ntalbet tipprovdi spjegazzjonijiet addizzjonali fuq id-determinazzjoni tal-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 % li hija kienet applikat għad-dħul tal-flus.

36 Fit-2 ta' April 2019, il-Kummissjoni wieġbet għall-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali.

37 Fl-10 ta' Mejju 2019, ir-rikorrenti ppreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom fuq ir-risposta tal-Kummissjoni.

38 Fit-28 ta' Mejju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat l-osservazzjonijiet tagħha.

39 Permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali (it-Tieni Awla Estiża) għalqet il-fażi orali tal-proċedura.

40 Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kkontestata;

– b'mod iktar sussidjarju, tannulla parzjalment l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kkontestata, sa fejn fih hemm meqjus li huma ppartecipaw fi ksur uniku u kontinwu;

– tannulla l-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tnaqqas b'mod sostanzjali l-multa li hija imposta fuqhom skont l-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata għal ammont li l-Qorti Ġenerali tqis xieraq;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż jew, sussidjarjament, għal parti xierqa mill-ispejjeż tagħhom.

41 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

42 Fil-kuntest tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jippreżentaw kemm talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 u tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll talbiet għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta mill-imsemmi Artikolu 2(b). Ser issir distinzjoni bejn, minn naħa, l-eżami tat-talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) tal-imsemmija deċiżjoni u, min-naħa l-oħra, l-eżami tat-talba għall-annullament tal-Artikolu 2(b) tal-imsemmija deċiżjoni, li permezz tagħha l-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 33 606 000 fuq ir-rikorrenti, kif ukoll tat-talba għall-bidla tal-ammont ta' din il-multa.

43 Sa fejn ir-rikorrenti jippreżentaw kemm talbiet għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta, għandu jiġi enfasizzat, b'mod preliminari, li s-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 TFUE u 102 TFUE tikkonsisti fi stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet stabbilit fl-Artikolu 263 TFUE, li jista' jitwettaq, skont l-Artikolu 261 TFUE u fuq talba tar-rikorrenti, bl-eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali ta' ġurisdizzjoni sħiħa fir-rigward tas-sanzjonijiet imposti f'dan il-qasam mill-Kummissjoni (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 47, u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-portata tal-istħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, dan jestendi għall-punti kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE li l-Qorti tal-Unjoni tiżgura stħarriġ fil-fond tagħhom, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fid-dawl tal-motivi mqajma mir-rikorrenti u b'kunsiderazzjoni tal-punti rilevanti kollha mqajma minn din tal-aħħar (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Għandu jitfakkar, madankollu, li l-qrati tal-Unjoni ma jistgħux, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità msemmi fl-Artikolu 263 TFUE, jissostitwixxu l-motivazzjoni tagħhom għal dik tal-awtur tal-att inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2013, Frucona Košice vs Il-Kummissjoni, C-73/11 P, EU:C:2013:32, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-portata tal-ġurisdizzjoni sħiħa rrikonoxxuta lill-qorti tal-Unjoni fl-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003, konformement mal-Artikolu 261 TFUE, din tagħti s-setgħa lill-qorti, lil hinn mis-sempliċi stħarriġ tal-legalità tas-sanzjoni, li tissostitwixxi bl-evalwazzjoni tagħha dik tal-Kummissjoni u, konsegwentement, li tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-penalità imposta (ara s-sentenza tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 193, u l-ġurisprudenza ċċitata).

47 Min-naħa l-oħra, il-portata ta' din il-ġurisdizzjoni sħiħa hija strettament limitata, b'differenza tal-isħarriġ tal-legalità previst fl-Artikolu 263 TFUE, għad-determinazzjoni tal-ammont tal-multa (ara s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2016, Galp Energía España *et* vs Il-Kummissjoni, C-603/13 P, EU:C:2016:38, punt 76 u l-ġurisprudenza ċċitata).

A. Fuq it-talbiet għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, tal-Artikolu 1(b) tal-imsemmija deċiżjoni

48 Insostenn tat-talbiet tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarament, tal-Artikolu 1(b) tal-imsemmija deċiżjoni, ir-rikorrenti jqajmu ħames motivi.

49 L-ewwel motiv jirrigwarda l-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan mogħtija mill-Kummissjoni.

50 Permezz tat-tieni, it-tielet u r-raba' motivi, ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu mogħtija mill-Kummissjoni. It-tieni motiv jirrigwarda l-konklużjoni tal-Kummissjoni skont liema l-ftehimiet kollużorji mfassla minn HSBC u l-partijiet l-oħrajn kienu parti minn pjan wieħed li jfittex għan uniku. It-tielet u r-raba' aggravju jirrigwardaw l-intenzjoni ta' HSBC li jikkontribwixxi għal dan l-għan u l-għarfien tiegħu tal-aġir tal-parteċipanti l-oħrajn fil-ksur, rispettivament.

51 Il-ħames motiv jirrigwarda l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata wara deċiżjoni ta' riżolviment li fiha l-Kummissjoni kienet diġà ħadet pożizzjoni fuq il-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur inkwistjoni. Ir-rikorrenti jiddeduċu minn dan li l-Kummissjoni kisret il-prinċipji tal-preżunzjoni ta' innoċenza u ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll id-drittijiet tad-difiża.

1. Fuq l-ewwel motiv, dwar il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE

52 Peress li inkwistjoni hemm il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata mill-Kumissjoni, għandu jitfakkar li, sabiex jaqgħu taħt il-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 101(1) TFUE, ftehim, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma għandu jkollhom "bħala għan jew riżultat tagħhom" il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew id-distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

53 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ċerti tipi ta' koordinazzjoni bejn impriżi juru grad suffiċjenti ta' dannu fir-rigward tal-kompetizzjoni b'mod li jkun jista' jitqies li l-eżami tal-effetti tagħhom ma huwiex neċessarju (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 49, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 113; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 34).

54 Id-distinzjoni bejn "ksur bħala għan" u "ksur minħabba r-riżultat" tirriżulta miċ-ċirkustanza li ċerti forom ta' kollużjoni bejn impriżi jistgħu jitqiesu, minħabba n-natura tagħhom stess, bħala ta' ħsara għall-funzjonament tajjeb tal-proċess normali tal-kompetizzjoni (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 50, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 114; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 35).

55 Għalhekk, huwa preżunt li ċertu aġir kollużiv, bħal dak li jwassal għall-iffissar orizzontali tal-prezzijiet permezz ta' kartelli, jista' jitqies bħala li tant jista' jkollu effetti negattivi fuq, b'mod partikolari, il-prezz, il-kwantità jew il-kwalità tal-prodotti u tas-servizzi li jista' jitqies inutli, għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE, li jintwera li dan għandu effetti konkreti fis-suq. Fil-fatt, l-esperjenza turi li tali aġir jinvolvi tnaqqis fil-produzzjoni u żidiet fil-prezzijiet, li jwassal għal allokazzjoni ħażina tar-riżorsi b'detriment, b'mod partikolari, għall-konsumaturi (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 51, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 115).

56 Fil-każ li l-analiżi ta' tip ta' koordinazzjoni bejn impriżi ma turix grad suffiċjenti ta' ħsara għall-kompetizzjoni, ikun meħtieġ, min-naħa l-oħra, li jiġu eżaminati l-effetti tiegħu u, sabiex dan jiġi pprojbit, li jiġu ssodisfatti l-elementi li jistabbilixxu li kien hemm, fil-fatt, prevenzjoni jew restrizzjoni jew distorsjoni tal-proċess tal-kompetizzjoni b'mod sostanzjali (sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 34; tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 52, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 116).

57 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex jiġi evalwat jekk ftehim bejn impriżi jew deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi għandux grad suffiċjenti ta' ħsara sabiex jitqies li huwa restrizzjoni tal-kompetizzjoni "bħala għan" fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE, wieħed għandu jiffoka fuq il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tiegħu, fuq l-għanijiet li huwa intiż li jilħaq kif ukoll fuq il-kuntest ekonomiku u ġuridiku li jidħol fih. Fl-ambitu tal-evalwazzjoni tal-imsemmi kuntest, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll in-natura tal-beni jew tas-servizzi affettwati kif ukoll il-kundizzjonijiet reali tal-funzjonament u tal-istruttura tas-suq jew swieq inkwistjoni (sentenzi tal-11 ta' Settembru 2014, CB vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 53, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 117; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 36).

58 Barra minn hekk, minkejja li l-intenzjoni tal-partijiet ma tikkostitwixxix element neċessarju għad-determinazzjoni tan-natura restrittiva ta' ftehim bejn impriżi, xejn ma jżomm lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew lill-qrati nazzjonali u tal-Unjoni milli jiħduha inkunsiderazzjoni (sentenzi tal-14 ta' Marzu 2013, Allianz Hungária Biztosító *et*, C-32/11, EU:C:2013:160, punt 37; tal-11 ta' Settembru 2014, CB/vs Il-Kummissjoni, C-67/13 P, EU:C:2014:2204, punt 54, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 118).

59 F'dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, l-iskambju ta' informazzjoni bejn kompetituri, għandu jitfakkar li l-kriterji ta' koordinazzjoni u ta' kooperazzjoni li jikkostitwixxu prattika miftiehma għandhom jinftiehmu fid-dawl tal-interpretazzjoni inerenti għad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-kompetizzjoni, skont liema kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li huwa bi ħsiebu jsegwi fis-suq komuni (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 32, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 119).

60 Minkejja li dan ir-rekwiżit ta' awtonomija ma jeskludix id-dritt tal-operaturi ekonomiċi milli jadattaw ruħhom b'mod intelliġenti għall-aġir ikkonstatat jew mistenni tal-kompetituri tagħhom, huwa madankollu jipprekludi b'mod rigoruż kull kuntatt dirett jew indirett bejn tali operaturi ta' natura li jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali jew li jiżvela lil tali kompetitur l-aġir li ġie deċiż li għandu jsir f'dan is-suq jew li ġie maħsub li jiġi adottat fih, meta dawn il-kuntatti jkollhom l-għan jew l-effett li jwasslu għal kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li ma jikkorrispondux għall-kundizzjonijiet normali tas-suq inkwistjoni, fid-dawl tan-natura tal-prodotti jew tas-servizzi pprovduti, tal-kobor u tan-numru ta' impriżi u tal-volum tal-imsemmi suq (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 33, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 120).

61 B'dan il-mod, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-iskambju ta' informazzjoni bejn kompetituri seta' jmur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni meta dan kien itaffi jew ineħħi l-livell ta' inċertezza fil-funzjonament tas-suq inkwistjoni bil-konsegwenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi (sentenzi tat-2 ta' Ottubru 2003, Thyssen Stahl vs Il-Kummissjoni, C-194/99 P, EU:C:2003:527, punt 89; tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 35, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 121).

62 B'mod partikolari, għandu jitqies li għandu għan antikompetittiv skambju ta' informazzjoni li jista' jelimina inċertezzi f'moħħ il-persuni kkonċernati fir-rigward tad-data, tal-kobor u tal-modalitajiet tal-adattament tal-aġir fis-suq li l-impriżi kkonċernati jkunu ser jimplementaw (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 122; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 41).

63 Barra minn hekk, prattika miftiehma jista' jkollha għan antikompetittiv anki jekk ma jkollhiex rabta diretta mal-prezzijiet għall-konsumaturi. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE ma tippermettix li jitqies li huma pprojbiti biss il-prattiki miftiehma li għandhom effett dirett fuq il-prezz imħallas mill-konsumaturi finali (sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 123; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 36).

64 Għall-kuntrarju, mill-imsemmi Artikolu 101(1)(a) TFUE jirriżulta li prattika miftiehma jista' jkollha għan antikompetittiv jekk din tkun tikkonsisti fl-"iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju" (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 37, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 124).

65 Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 101 TFUE, bħar-regoli l-oħra tal-kompetizzjoni stabbiliti fit-trattat, huwa intiż li jipproteġi mhux biss l-interessi diretti tal-kompetituri jew tal-konsumaturi, iżda wkoll l-istruttura tas-suq u, b'dan il-mod, il-kompetizzjoni bħala tali. Għaldaqstant, il-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' għan antikompetittiv ta' prattika miftiehma ma tistax tkun suġġetta għal dik ta' rabta diretta tagħha mal-prezzijiet għall-konsumaturi (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punti 38 u 39, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 125).

66 Finalment, għandu jitfakkar li mill-kliem stess tal-Artikolu 101(1) TFUE jirriżulta li l-kunċett ta' prattika miftiehma jinvolvi, minbarra l-ftehim bejn l-impriżi kkonċernati, aġir fis-suq li jsegwi dan il-ftehim u rabta ta' kawża u effett bejn dawn iż-żewġ elementi (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 51, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 126).

67 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kien hemm lok li jiġi preżunt, bla ħsara għal prova kuntrarja li kienet ir-responsabbiltà tal-operaturi kkonċernati li jipproduċu, li l-impriżi li jipparteċipaw fil-ftehim u li jibqgħu attivi fis-suq jieħdu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni skambjata mal-kompetituri tagħhom sabiex jiddeterminaw l-aġir tagħhom f'dan is-suq. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li tali prattika miftiehma kienet taqa' taħt l-Artikolu 101(1) TFUE anki fl-assenza ta' effetti antikompetittivi fuq l-imsemmi suq (sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, T-Mobile Netherlands *et*, C-8/08, EU:C:2009:343, punt 51, u tad-19 ta' Marzu 2015, Dole Food u Dole Fresh Fruit Europe vs Il-Kummissjoni, C-286/13 P, EU:C:2015:184, punt 127).

68 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandu jiġi eżaminat l-ewwel motiv, li permezz tiegħu r-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata għal kull waħda mill-katagoriji tal-aġir ikkritikat mill-Kummissjoni. Huma jaqsmu l-argumenti tagħhom f'żewġ partijiet skont jekk dawn jirrigwardawx, minn naħa, l-aġir relatat mal-manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet lill-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007 jew, min-naħa l-oħra, aġir mhux relatat ma' din il-manipulazzjoni, jiġifieri skambji bejn l-operaturi ta' HSBC u operaturi ta' banek oħrajn fuq il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom jew il-prezzijiet medjani tagħhom.

69 Fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni argumentat li l-Artikolu 101 TFUE kien ġie miksur minħabba ksur li jikkonsisti "fi ftehimiet u/jew fi prattiki miftiehma li għandhom bħala għan id-distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur [tal-EIRD]" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

70 Dawn il-ftehimiet u/jew prattiki miftiehma kkritikati lill-banek, fosthom HSBC, ġew deskritti fil-premessi 113, 358 u 392 tad-deċiżjoni kkontestata. Bħalma jenfasizzaw ġustament ir-rikorrenti, dawn jistgħu jiġu organizzati fi tliet gruppi skont jekk jirrigwardawx, l-ewwel nett, il-manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet lill-Euribor (premessi 113, 358 u 392(a): skambji dwar il-preferenzi tagħhom għal livell ta' rati tal-Euribor; premessi 113, 358 u 392(d): skambji dwar il-possibbiltà li jallinjaw is-sottomissjonijiet lill-Euribor; premessi 113, 358 u 392(e): kuntatt mill-operatur implikat tal-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet Euribor fi ħdan il-bank tagħha; premessi 113, 358 u 392(f): ftehimiet sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tentattivi sabiex jiġu influwenzati s-sottomissjonijiet lill-Euribor), it-tieni nett, skambji dwar pożizzjonijiet ta' operar f'dak li jirrigwarda l-EIRD (premessi 113, 358 u 392(b): skambji dwar il-pożizzjonijiet ta' operar/espożizzjonijiet rispettivi tagħhom; premessi 113, 358 u 392(c): skambji dwar il-possibbiltà li jallinjaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom) u, it-tielet nett, skambji dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġija tagħhom fil-qasam ta' prezz tal-EIRD (premessi 113, 358 u 392(g)).

71 Il-Qorti Ġenerali tqis li għandhom jiġu eżaminati preliminarjament żewġ osservazzjonijiet tal-Kummissjoni u tar-rikorrenti.

72 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni targumenta li r-rikorrenti jikkontestaw b'mod żbaljat l-aġir differenti kkritikat lil HSBC fuq bażi individwali u tenfasizza l-interdipendenza tagħhom. Essenzjalment, hija targumenta li huwa artifiċjali li wieħed jagħmel distinzjoni skont liema inkwistjoni hemm il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, skambji dwar il-pożizzjonijiet ta' operar u skambji dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-intenzjonijiet u l-istrateġija tagħhom ta' prezzijiet tal-EIRD, f'dan il-każ il-prezzijiet medjani tal-EIRD.

73 Tali kritika madankollu ma tistax tiġi segwita. Fil-fatt, id-distinzjoni magħmula mir-rikorrenti sempliċement tieħu dik magħmula mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata u mfakkra fil-punt 70 iktar 'il fuq. Barra minn hekk, b'mod partikolari mill-premessi 365, 387, 393 u 442 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li dan l-aġir kellu bħala għan ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni, mhux biss kollettivament, iżda wkoll fuq bażi individwali.

74 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti josservaw li, f'uħud mill-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma tiġġustifikax biss l-eżistenza ta' għan restrittiv tal-kompetizzjoni fis-sens li l-prattiċi inkwistjoni jkunu wasslu għal distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD, iżda wkoll b'riferiment għal distorsjoni ta' kundizzjonijiet oħrajn tan-negozju tal-EIRD fis-sens tal-Artikolu 101(1)(a) TFUE. Huma jargumentaw li, sa fejn tali klassifikazzjoni ma tinsabx fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, din ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ġġustifikata l-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan mogħtija mill-Kummissjoni.

75 Il-Kummissjoni targumenta li l-formulazzjoni tad-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata ma tipprekludix li din tibbaża ruħha fuq il-konklużjoni li hemm distorsjoni ta' kundizzjonijiet oħrajn tan-negozju, peress li din hija esposta b'mod ċar fil-premessi tagħha.

76 Għandu jitfakkar li d-dispożittiv ta' att huwa inseparabbli mill-motivazzjoni tiegħu, b'tali mod li għandu jiġi interpretat, jekk hemm bżonn, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-motivi li wasslu għall-adozzjoni tiegħu (ara d-digriet tat-30 ta' April 2007, EnBW Energie Baden-Württemberg vs Il-Kummissjoni, T-387/04, EU:T:2007:117, punt 127 u l-ġurisprudenza ċċitata). Filwaqt li huwa minnu li d-dispożittiv ta' deċiżjoni biss jista' jipproduċi effetti legali, xorta jibqa' l-fatt li l-evalwazzjonijiet magħmula fil-motivi ta' deċiżjoni jistgħu jiġu suġġetti għall-istħarriġ tal-legalità mill-qorti tal-Unjoni sa fejn, bħala motivi ta' att li jikkawża preġudizzju, huma jikkostitwixxu l-bażi neċessarja tad-dispożittiv ta' dan l-att

jew jekk dawn il-motivi jistgħu jbiddlu s-sustanza ta' dak li ġie deċiż fid-dispożittiv tal-att inkwistjoni (ara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Lulju 2009, KG Holding *et* vs Il-Kummissjoni, T-81/07 sa T-83/07, EU:T:2009:237, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Għaldaqstant, sa fejn il-Kummissjoni enfasizzat, insostenn tal-konklużjoni tagħha li kien hemm restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni, mhux biss il-koordinazzjoni u/jew l-iffissar tal-prezzijiet, iżda wkoll id-distorsjoni ta' kundizzjonijiet oħrajn tan-negozju fis-settur tal-EIRD, b'mod partikolari fil-premessi 384, 388, 393, 415, 423 u 488 tad-deċiżjoni kkontestata, xejn ma jipprekludi, bħala prinċipju, li dan ir-raġunament jittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata l-legalità tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata, minkejja li dan ma jagħmilx riferiment espliċitu għall-imsemmija kundizzjonijiet tan-negozju.

a) Fuq l-ewwel parti tal-motiv, li tikkontesta l-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bħala għan applikata għall-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007

78 Ir-rikorrenti jargumentaw, b'mod preliminari, li l-banek jikkompetu fis-suq tal-EIRD biss fil-konklużjoni ta' dawn il-kuntratti u abbażi biss tar-rata fissa li tikkostitwixxi l-prezz tagħhom. Huma jqisu li l-argument tal-Kummissjoni, li jipprovdi li l-għan tal-partijiet għal EIRD huwa li jottimizzaw il-flussi tal-flus tagħhom, iħalli barra l-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq u ta' kopertura tar-riskju. Huma jqisu li l-kawża odjerna hija distinta minn dik li tat lok għas-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni (T-180/15, EU:T:2017:795), li fiha l-importanza tal-attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq ma ġietx diskussa, minkejja li minnha jirriżulta li, għall-banek li jaġixxu f'din il-kapaċità, ir-rata fissa hija ddeterminata b'mod differenti u l-kompetizzjoni sseħħ biss abbażi tal-imsemmija rata fissa.

79 F'dak li jirrigwarda l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, ir-rikorrenti jirrikonoxxu, essenzjalment, li din kellha l-għan li tnaqqas il-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007 u li, f'dan il-kuntest, operatur ta' Barclays staqsa lil operatur ta' HSBC sabiex dan jitlob lill-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet tar-rati toħroġ offerta baxxa fid-19 ta' Marzu 2007, li fil-fatt sar. Madankollu, minn naħa, huma jiċħdu li din il-manipulazzjoni kellha bħala għan li jiġu distorti l-komponenti tal-prezz u/jew kundizzjonijiet tan-negozju tal-EIRD u, min-naħa l-oħra, huma jargumentaw li l-għan ta' manipulazzjoni tal-flussi tal-flus ma għandux natura antikompetittiva.

80 Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jiċħdu li din il-manipulazzjoni kellha bħala għan il-koordinazzjoni u/jew l-iffissar ta' komponenti tal-prezz tal-EIRD, bħalma enfasizzat il-Kummissjoni fil-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata, peress li din tirrigwarda r-rati varjabbli tal-EIRD filwaqt li l-prezz tiegħu huwa kkostitwit mir-rata fissa. L-Euribor-3M lanqas ma tikkostitwixxi fattur rilevanti tad-determinazzjoni tal-prezz tal-EIRD jew komponent ta' dan il-prezz. F'dan ir-rigward, huma jargumentaw li l-argument tal-Kummissjoni li jipprovdi li r-rata varjabbli hija element tad-determinazzjoni tar-rata fissa fl-okkażjoni tal-konklużjoni ta' EIRD ġodda huwa neċessarjament ibbażat fuq il-konklużjoni ta' kuntratti ġodda wara l-manipulazzjoni. Billi jibbażaw ruħhom fuq għarfien espert ekonomiku magħmul fuq it-talba tagħhom, huma jargumentaw li kien ikun sfavorevoli għall-operaturi kkonċernati li jadattaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom skont il-manipulazzjoni prevista. Huma jiddeduċu minn dan li l-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata bi żball ta' liġi, bi żball manifest ta' evalwazzjoni jew b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni.

81 Fit-tieni lok, ir-rikorrenti jenfasizzaw li d-deċiżjoni kkontestata donnha timplika li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 – minbarra ffissar tal-prezzijiet – tikkostitwixxi skambju ta' informazzjoni fuq l-intenzjonijiet tal-operaturi li għandu bħala konsegwenza tnaqqis tal-inċertezza inerenti fis-suq tal-EIRD. Huma jargumentaw li ma ġietx prodotta l-prova ta' dan l-aġir fil-konfront tal-operaturi ta' HSBC mill-Kummissjoni. Ma ntweriex li l-imsemmija operaturi bbenefikaw minn asimmetrija

fl-informazzjoni li ppermettitilhom jippproponu kundizzjonijiet aħjar mir-rivali tagħhom. Huma jiċħdu li kellhom jippruvaw li l-ftehim bl-ebda mod ma influwenza l-aġir ta' HSBC u jfakkru li hija l-Kummissjoni li għandha turi l-eżistenza ta' għan antikompetittiv.

82 Fit-tielet lok, ir-rikorrenti jargumentaw li l-indikazzjoni fil-premessa 388 tad-deċiżjoni kkontestata li l-manipulazzjoni tikkostitwixxi ffissar tal-kundizzjonijiet tan-negozju fis-sens tal-Artikolu 101(1)(a) TFUE ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni, peress li din ma tissemmiex fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata. Huma jżidu li dan l-aspett tar-raġunament tal-Kummissjoni huwa, fi kwalunkwe każ, ivvizzjat b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, peress li ma hija pprovduta ebda spjegazzjoni. Din l-indikazzjoni hija wkoll żbaljata, peress li d-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet bis-saħħa ta' kuntratt ma humiex inkwistjoni.

83 Fir-raba' lok, ir-rikorrenti jargumentaw li l-għan ta' manipulazzjoni tal-flussi tal-flus ma għandux natura antikompetittiva, peress li dan ma ntlaħaqx permezz ta' ftehim restrittiv tal-kompetizzjoni bejn operaturi. Huma jfakkru li hemm kompetizzjoni fis-suq tal-EIRD fil-mument tal-konklużjoni tiegħu u mhux fuq il-livell tal-flussi tal-flus li huma jħallsu jew jirċievu skont l-EIRD. Essenzjalment, huma jiċħdu li l-flussi tal-flus jista' jkollhom effett indirett fuq il-prezz tal-EIRD.

84 Il-Kummissjoni titlob li din il-parti tal-motiv tiġi miċħuda.

85 F'din il-parti tal-motiv hemm inkwistjoni l-klassifikazzjoni tal-għan restrittiv tal-kompetizzjoni applikata għall-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007. Il-parteċipazzjoni materjali ta' HSBC f'din il-manipulazzjoni hija maħsuba, b'mod partikolari, fil-premessi 271, 275, 289, 322, 328 u 329 tad-deċiżjoni kkontestata.

86 Minn dan jirriżulta, essenzjalment, li dan l-aġir ikkonsista fl-ippreżentar ta' sottomissjonijiet baxxi tal-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007 sabiex titbaxxa din ir-rata f'din id-data, sabiex isir profitt fuq kategorija ta' prodotti dderivati li ser jiskadu f'din id-data b'differenza tar-rata (l-"ispread") ma' prodotti derivattivi indiċjati fuq l-EONIA.

87 B'mod iktar partikolari, din il-manipulazzjoni kienet ibbażata essenzjalment fuq manipulazzjoni ta' tip ta' EIRD, il-kuntratti forward ("futuri") ta' rati tal-imgħax indiċjati fuq l-Euribor-3M. Essenzjalment, b'dan it-tip ta' kuntratt, parti, ikklassifikata bħala xerrej, tirċievi r-rata fissa matul il-kuntratt, filwaqt li l-parti l-oħra, ikklassifikata bħala bejjiegħ, tirċievi r-rata varjabbli. Il-manipulazzjoni kienet tikkonsisti f'li tittieħed b'mod progressiv espożizzjoni kbira ħafna ta' "xerrej", li għaldaqstant għaliha l-bank jirċievi r-rata fissa u jħallas ir-rata varjabbli, u permezz ta' azzjoni miftiehma jbaxxi l-livell tar-rata varjabbli fid-data ta' skadenza.

88 Ir-riferiment għall-prodotti dderivati indiċjati fuq l-EONIA tinsab fil-fatt li l-parteċipanti fl-akkordju jkopru l-espożizzjonijiet "ta' xerrej" tagħhom fuq il-"futuri" indiċjati fuq l-Euribor-3M permezz ta' espożizzjonijiet kuntrarji: jiġifieri, f'dan il-każ, kuntratt ta' "swap" li għandu l-istess skadenza u indiċjat fuq l-EONIA. Bħalma huwa msemmi fil-punt 14 iktar 'il fuq, l-EONIA hija rata ta' kuljum kkalkulata mill-BĊE.

89 Għaldaqstant, billi jbaxxu artifiċjalment ir-rata tal-Euribor meta mqabbel ma' dik tal-EONIA fid-19 ta' Marzu 2007, il-banek li jipparteċipaw fl-akkordju setgħu jgawdu minn profitt finanzjarju.

90 Mill-premessi 257 u 258 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-idea ta' din il-manipulazzjoni tmur lura mill-inqas għall-1 ta' Frar 2007, matul diskussjonijiet bejn operaturi ta' Deutsche Bank, ta' Barclays u tas-Société générale. Mill-premessa 271 tal-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li, fit-12 ta' Frar 2007, operatur ta' Barclays informa lil operatur ta' HSBC b'dan il-pjan u mill-premessa 275 ta' din l-istess deċiżjoni jirriżulta li nżammet ukoll diskussjoni l-għada dwar din il-manipulazzjoni. Fil-premessa 289 tad-deċiżjoni kkontestata tissemma konversazzjoni tat-28 ta' Frar 2007 bejn dawn l-istess żewġ operaturi dwar it-tnaqqis tal-"ispread" bejn l-Euribor-3M u l-EONIA. Fl-aħħar nett, fil-premessa 322

tad-deċiżjoni kkontestata, tissemma diskussjoni tad-19 ta' Marzu 2007 li permezz tagħha l-operatur ta' Barclays jitlob lill-operatur ta' HSBC sabiex jitlob lill-persuni responsabbli mis-sottomissjonijiet ta' dan l-istess bank biex jissottometti stima Euribor-3M baxxa ħafna, fatt li huwa rnexxielu jagħmel.

91 Ir-rikorrenti ma jikkontestawx il-materjalità tal-fatti rrilevati mill-Kummissjoni. Huma jqisu pjuttost li dawn ma jistgħux jiġġustifikaw il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan mogħtija mill-Kummissjoni.

92 Mill-premessa 384 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-Kummissjoni qieset li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 kellha bħala għan li tinfluwenza l-flussi tal-flus dovuti bħala EIRD f'sens favorevoli għall-partijiet fl-imsemmija manipulazzjoni. Fil-premessa 411 tad-deċiżjoni kkontestata, bi tweġiba għal argument tar-rikorrenti li jirribatti l-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan tal-aġir imputat lil HSBC, hija enfasizzat, essenzjalment, li l-Euribor kien jiddetermina direttament il-flussi tal-flus dovuti bħala l-"parti varjabbli" tal-EIRD u kien wkoll rilevanti għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus dovuti bħala l-"parti fissa" tal-EIRD peress li dan kien ittieħed inkunsiderazzjoni indirettament fid-determinazzjoni tar-rata fissa permezz tal-kurva tar-rendiment, li kienet ibbażata fuq ir-rati varjabbli mistennija.

93 Fil-premessa 394 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrilevat li l-aġir kollu deskritt fil-premessa 392 tad-deċiżjoni tagħha, li jinkludi l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, kien jirrestrinġi l-kompetizzjoni billi joħloq asimmetrija ta' informazzjoni bejn l-atturi tas-suq, peress li l-parteċipanti fil-ksur, minn naħa, kienu f'pożizzjoni aħjar li jkunu jafu minn qabel b'ċerta preċiżjoni l-livell li l-Euribor huwa jew kellu jiġi ffissat fih mill-kompetituri tagħhom li jaġixxu f'kollużjoni u, min-naħa l-oħra, kienu jafu jekk l-Euribor f'data speċifika kienx iffissat jew le f'livell artifiċjali.

94 Tali raġunament ma għandu ebda żball ta' liġi jew ta' evalwazzjoni.

95 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-effett tal-manipulazzjoni tal-Euribor fuq il-flussi tal-flus iġġenerati mill-prodotti derivattivi inkwistjoni huwa ovvju. Fid-19 ta' Marzu 2007, il-parteċipanti artifiċjalment naqqsu r-rata tal-Euribor b'mod illi s-somom li huma kellhom iħallsu bħala l-"parti varjabbli" tal-"futuri" indiċjati fuq l-Euribor ikunu iktar baxxi.

96 Għaldaqstant, meta l-operaturi ta' HSBC innegozjaw il-"parti fissa" ta' dawn il-"futuri", jiġifieri r-rata fissa li tirregola l-ħlasijiet li huma kienu ser jirċievu, huma kienu f'pożizzjoni li jagħmlu dan bl-għarfien li r-rata varjabbli, li tirregola l-ħlasijiet li huma kien ser ikollhom jagħmlu, kienet ser tkun baxxa. Għaldaqstant, huma setgħu jipproponu rata iktar kompetittiva minn dik tal-kompetituri tagħhom, peress li huma kienu jafu li l-flussi tal-flus relatati ma' dawn il-kuntratti kienu ser jibqgħu pożittivi.

97 Dan l-aġir neċessarjament irrestrinġa l-kompetizzjoni b'benefiċċju għalihom u b'detriment għall-operaturi l-oħrajn fis-suq. Dan kien mhux biss għall-kontropartijiet tagħhom li raw il-ħlasijiet irċevuti bħala l-"parti varjabbli" tal-EIRD imnaqqsa artifiċjalment, iżda wkoll banek li xtaqu jieħdu pożizzjoni "ta' xerrej" fit-tip ta' EIRD inkwistjoni, iżda li ma kkonkludewx it-tranżazzjoni minħabba r-rata iktar kompetittiva proposta mill-parteċipanti għall-manipulazzjoni. Tali manipulazzjoni saret ukoll b'detriment tal-operaturi tas-suq li, peress li ma kinux jafu bl-imsemmija manipulazzjoni, ħadu pożizzjonijiet ta' operar kuntrarji għal dawk ta' HSBC u ta' Barclays. F'dan ir-rigward, jista' jiġi rrilevat li l-kliem użat mill-operaturi ta' dawn iż-żewġ banek f'konversazzjoni telefonika li saret immedjatament wara l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, imsemmija fil-premessa 329 tad-deċiżjoni kkontestata, huwa ċar fir-rigward tal-perċezzjoni minn dawn iż-żewġ operaturi tal-effetti negattivi tal-manipulazzjoni tagħhom fuq il-kompetituri tagħhom.

98 Id-diversi argumenti mqajma mir-rikorrenti ma humiex ta' natura li jpoġġu inkwistjoni l-fondatezza ta' din il-konklużjoni.

99 L-ewwel serje ta' argumenti mqajma mir-rikorrenti jikkonsistu f'li jiġi sostnut li l-manipulazzjoni tal-Euribor ma tistax tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni, peress li, essenzjalment, hemm relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn il-banek biss waqt il-konklużjoni tal-EIRD u abbażi biss tar-rata prevista għall-"parti fissa" tagħhom li tikkostitwixxi waħedha l-"prezz" tal-EIRD.

100 Tali kritika hija bbażata fuq is-suppożizzjoni li l-konklużjoni tal-EIRD issir abbażi biss ta' kompetizzjoni abbażi tar-rata fissa. Madankollu, bħalma rrilevat ġustament il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, il-flussi tal-flus iġġenerati minn EIRD jirriżultaw mill-kumpens tal-ħlasijiet dovuti għall-"parti fissa" u għall-"parti varjabbli" tal-EIRD. Għaldaqstant, operatur mhux biss ser ikun jista' jtejjeb il-flussi tal-flus skont l-EIRD fis-seħħ, b'manipulazzjoni tar-rata ta' referenza skont il-pożizzjoni tiegħu bħala globalment debitur jew kreditur, iżda ser ikun ukoll f'pożizzjoni li jinnegozja r-rata fissa tal-kuntratti li huwa jikkonkludi billi jkollu informazzjoni pprivileġġata f'dak li jirrigwarda r-rata varjabbli applikabbli għad-dati rilevanti għad-determinazzjoni tal-flussi tal-flus. Il-pożizzjoni kompetittiva tiegħu tista' biss titjieb meta mqabbla ma' dik tal-kompetituri tiegħu li ma għandhomx tali informazzjoni.

101 Ir-rikorrenti jargumentaw li ma kienx fl-interess tal-banek li pparteċipaw fil-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 li jadattaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom skont din il-manipulazzjoni, billi jagħmlu riferiment għall-punti 347 sa 351 tal-għarfien espert ekonomiku (ara l-punt 80 iktar 'il fuq). Madankollu, dawn l-argumenti, kif ukoll is-siltiet rilevanti tal-imsemmi għarfien espert, jinkludu biss kunsiderazzjonijiet ġenerali skont liema ma huwiex fl-interess tal-banek li jipproponu termini aħjar minn dawk tal-kompetituri tagħhom għar-raġuni li dan inaqqas il-profitabbiltà tal-EIRD. Dan ma jippermettix li jiġi miċħud il-fatt li, peress li jibbenefika minn informazzjoni privileġġjata fuq ir-rata varjabbli li ser tiġi applikata għad-dati rilevanti, operatur huwa f'pożizzjoni li jiddetermina r-rata fissa li huwa għandu jipproponi sabiex, minn naħa, tiġi żgurata l-profitabbiltà tal-EIRD, jiġifieri li huwa jiġġenera flussi tal-flus pożittivi għall-bank tiegħu u negattivi għall-kontroparti tiegħu u, min-naħa l-oħra, li l-imsemmija rata tkun tidher iktar interessanti għall-kontroparti minn dik offruta mill-kompetituri tiegħu.

102 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, il-possibbiltà għall-banek ikkonċernati li jippproponu kundizzjonijiet aħjar mill-kompetituri tagħhom u, min-naħa l-oħra, il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan, ma humiex kuntrarji għal xulxin. Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, din il-possibbiltà tikkostitwixxi pjuttost il-manifestazzjoni tal-bdil tal-proċess kompetittiv fis-suq tal-EIRD favur il-banek li pparteċipaw fil-kollużjoni biss.

103 Din il-konklużjoni hija iktar u iktar fondata fid-dawl tal-karatteristiċi tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007. Minn dan isegwi li kien fl-interess tal-banek li jbiddlu l-pożizzjoni ta' operar tagħhom fid-dawl ta' din il-manipulazzjoni bl-akkwist ta' espożizzjonijiet "ta' xerrej" sinifikanti kemm jista' jkun fuq il-"futuri" indiċjati fuq l-Euribor-3M b'antiċipazzjoni tat-tnaqqis miftiehem ta' din ir-rata. F'dan ir-rigward, huwa rilevanti li matul il-konversazzjoni telefonika bejn l-operatur ta' HSBC u dak ta' Barclays, li seħħet fid-19 ta' Marzu 2007 direttament wara l-manipulazzjoni u msemmija fil-premessa 329 tad-deċiżjoni kkontestata, l-operatur ta' HSBC donnu ddispjaċih li ma bbenefikax mill-manipulazzjoni daqs dak ta' Barclays, li kien ħoloq pożizzjoni "ta' xerrej" iktar sinjifikanti.

104 Għaldaqstant, u fid-dawl tas-sinifikanza tal-Euribor fid-determinazzjoni tal-flussi tal-flus dovuti skont dawn il-kuntratti, din l-ewwel serje ta' argumenti intiżi li juru li wettqet żball meta kkonkludiet li l-aġir intiż li jimmanipula r-rata tal-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007 kellu għan restrittiv tal-kompetizzjoni, għandha tiġi miċħuda. Minn dan isegwi wkoll li l-Qorti Ġenerali setgħet teżerċita l-istħarriġ tal-legalità tagħha u li dan l-aspett tar-raġunament tal-Kummissjoni, għaldaqstant, ma huwiex ivvizzjat b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, kuntrarjament għal dak li jargumentaw ir-rikorrenti.

105 Fil-kuntest tat-tieni serje ta' argumenti, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li ffukat biss fuq innegozjar f'isimhom tal-EIRD, u ħalliet barra li HSBC kien jinnegozja EIRD għal finijiet ta' kopertura ta' riskju u ta' ġenerazzjoni tas-suq.

106 Il-kunċett ta' "ġeneratur tas-suq" ġie ddefinit fil-premessa 40 tad-deċiżjoni kkontestata kif ġej: "[i]l-ġeneraturi tas-suq huma individwi jew kumpanniji li jiddikjaraw ruħhom kapaċi jew li jixtiequ jbigħu jew jixtru prodotti finanzjarji, bħal sigurtajiet jew prodotti finanzjarji derivattivi, għal prezzijiet iddeterminati minnhom stess b'mod ġenerali u kontinwu (permezz ta' prezzijiet fissi ta' talbiet u ta' offerti), iktar milli għal kull tranżazzjoni speċifika" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Din id-definizzjoni ma hijiex ikkontestata mir-rikorrenti.

107 Sa fejn dawn jidħlu b'mod ġenerali u kontinwu fis-suq tal-EIRD, il-"ġeneraturi tas-suq" jikkonkludi numru ikbar ta' tranżazzjonijiet mill-atturi l-oħrajn tas-suq, dejjem bl-għan li jagħmlu profitt. L-argument tar-rikorrenti huwa li din it-tiftixa għall-profitt, fil-kuntest ta' ġeneratur tas-suq, issir prinċipalment bid-differenza bejn il-prezz tax-xiri u tal-bejgħ tad-diversi kuntratti li huwa jikkonkludi, jiġifieri d-differenza bejn il-pożizzjonijiet tagħhom "ta' xerrej" u "ta' bejjiegħ" kollha, iktar milli bid-differenza bejn ir-rata fissa u r-rata varjabbli ta' kull wieħed mill-kuntratti.

108 Madankollu, minkejja li ġeneratur tas-suq jista' jagħmel profitt billi juża d-differenza bejn il-prezz li bih huwa jixtri u jbigħ l-EIRD, dan ma huwiex esklużiv mit-tiftixa għal profitt ibbażat fuq id-differenza bejn ir-rata fissa u r-rata varjabbli tal-istess EIRD. Fil-fatt, jidher improbabbli li operatur li jinnegozja numru partikolarment sinjifikanti ta' kuntratti ma jiħux inkunsiderazzjoni tal-perspettiva ta' x'ser tkun ir-rata varjabbli, meta huwa jipproponi prezz ibbażat fuq ir-rata fissa.

109 Barra minn hekk, il-kwalità ta' "ġeneratur tas-suq" tal-operatur ta' HSBC issaħħaħ in-natura implawżibbli tal-argument tar-rikorrenti bbażat fuq l-allegazzjoni li ma kienx fl-interess ta' HSBC li jadatta l-pożizzjonijiet ta' operar tiegħu skont il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, li għalih ingħata tweġiba fil-punti 101 sa 103 iktar'il fuq. Fil-fatt, li wieħed jaċċetta livell iktar baxx ta' profitabbiltà għal kull tranżazzjoni huwa fil-fatt loġiku mill-perspettiva tal-konklużjoni ta' numru ikbar ta' tranżazzjonijiet.

110 Fl-aħħar nett, fid-dawl tal-enfasi mir-rikorrenti tal-fatt li l-EIRD huma konklużi wkoll għal skopijiet ta' kopertura tar-riskji, huwa biżżejjed jiġi enfasizzat li tali użu tal-EIRD ma jnaqqas xejn miċ-ċirkustanza li l-EIRD jistgħu jintużaw ukoll mill-ġeneraturi tas-suq għal skopijiet spekulattivi, bħalma tfakkar mill-Kummissjoni fil-premessa 38 tad-deċiżjoni kkontestata.

111 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, it-tieni serje ta' argumenti mqajma mir-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, u għandu jiġi konkluż li l-Kummissjoni ġustament iddeċidiet li l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 li HSBC ipparteċipa fiha kienet taqa' taħt il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan skont l-Artikolu 101(1) TFUE.

112 Fil-kuntest tat-tielet serje ta' argumenti, ir-rikorrenti jikkritikaw il-klassifikazzjoni ta' ffissar tal-kundizzjonijiet tan-negozju fis-sens tal-Artikolu 101(1)(a) TFUE applikata wkoll mill-Kummissjoni għall-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007.

113 Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata għall-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 hija ġġustifikata b'mod suffiċjenti fid-dritt għar-raġunijiet esposti fil-punti 94 sa 111 iktar 'il fuq, dawn l-argumenti għandhom jiġu miċħuda. Fil-fatt, fir-rigward tagħhom, tista' tiġi applikata ġurisprudenza stabbilita li tipprovdi li meta ċerti motivi ta' deċiżjoni huma, waħedhom, ta' natura li jiġġustifikawha b'mod suffiċjenti fid-dritt, il-vizzji relativi għal motivi oħra tal-att, fi kwalunkwe każ, ma jaffettwawx id-dispożittiv tagħha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Il-Kummissjoni u Franza vs TF1, C-302/99 P u C-308/99 P, EU:C:2001:408, punt 27, u tat-12 ta' Diċembru 2006, SELEX Sistemi Integrati vs Il-Kummissjoni, T-155/04, EU:T:2006:387, punt 47).

114 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, l-ewwel parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda.

b) Fuq it-tieni parti tal-motiv, dwar il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata għall-aġir ikkritikat l-ieħor ta' HSBC.

115 Fil-kuntest ta' din il-parti tal-motiv, ir-rikorrenti jikkontestaw il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata mill-Kummissjoni għal aġir li ma jirrigwardax il-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007 u jissemma fid-deċiżjoni kkontestata taħt it-terminoloġija ta' skambji dwar, minn naħa, "pożizzjonijiet ta' operar" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u, min-naħa l-oħra, "informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġija tagħhom fil-qasam ta' prezz tal-EIRD". Fir-rigward ta' din it-tieni kategorija, ġew irrilevati fil-konfront ta' HSBC skambji li rrigwardaw il-"prezzijiet medjani" tal-EIRD.

116 Huma josservaw li l-iskambji inkwistjoni f'din il-parti tal-motiv jirrigwardaw biss sitt diskussjonijiet onlajn bejn it-12 ta' Frar u s-27 ta' Marzu 2007, li ma jirrigwardawx il-manipulazzjoni tal-Euribor.

117 Huma jargumentaw li d-diskussjonijiet deskritti fid-deċiżjoni kkontestata bħala skambji fuq pożizzjonijiet ta' operar kienu insuffiċjenti sabiex l-operaturi inkwistjoni jkunu jistgħu jikkoordinaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom. Ir-rikorrenti jikkontestaw l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-diskussjonijiet tat-12 u s-16 ta' Frar 2007, u tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007.

118 F'dak li jirrigwarda d-diskussjonijiet deskritti fid-deċiżjoni kkontestata bħala skambji fuq strateġiji dwar il-prezz, ir-rikorrenti jiċħdu li l-prezz medjan jikkostitwixxi "prezz", "lista ta' prezzijiet" jew "komponent tal-prezz", ta' natura li jippermetti din il-klassifikazzjoni u jargumentaw li l-prezz medjan ma huwiex informazzjoni ta' natura kunfidenzjali u li tali diskussjonijiet għandhom dimensjoni li tiffavorixxi l-kompetizzjoni. Huma jikkontestaw l-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tad-diskussjonijiet tal-14 u s-16 ta' Frar 2007.

119 Il-Kummissjoni twieġeb li l-punti kkontestati fir-rikors ma humiex l-uniċi eżempji ta' skambji ta' informazzjoni sensittiva li HSBC ipparteċipa fihom.

120 Hija tenfasizza, fir-rigward tad-diskussjonijiet deskritti fid-deċiżjoni kkontestata bħala skambji fuq pożizzjonijiet ta' operar, li, minkejja li wħud minnhom huma direttament relatati mal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, dawn huma intiżi, bħala tali, li jinfluwenzaw il-flussi tal-flus bħala EIRD billi joħolqu distorsjoni tal-kors normali tal-kompetizzjoni.

121 Il-Kummissjoni tqis, fir-rigward tad-diskussjonijiet deskritti fid-deċiżjoni kkontestata bħala skambji fuq strateġiji dwar il-prezz, li l-prezzijiet medjani jippermettu li jiġi antiċipat il-prezz tax-xiri u tal-bejgħ u, għaldaqstant, li dawn l-iskambji jnaqqsu l-inċertezza fir-rigward tal-livell probabbli ta' dawn il-prezzijiet, u li ż-żamma ta' tali diskussjonijiet ma tikkorrispondix mal-kundizzjonijiet normali tal-funzjonament tas-suq inkwistjoni u ma hijiex favorevoli għall-konsumaturi.

122 Hija żżomm sħiħ l-evalwazzjoni li hija għamlet fid-deċiżjoni kkontestata fuq id-diskussjonijiet tat-12, l-14 u s-16 ta' Frar, u tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007.

123 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li mill-eżami tal-ewwel parti ta' dan il-motiv jirriżulta li l-parteċipazzjoni ta' HSBC fi ksur bħala għan hija ppruvata b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżami ta' din it-tieni parti madankollu għad għandu rilevanza. Fil-fatt, l-eżistenza ta' aġir antikompetittiv ieħor ta' HSBC huwa rilevanti fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-gravità tal-ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE mwettaq minn HSBC, kif ukoll, konsegwentement, tan-natura proporzjonata tal-multa li hija imposta fuqu. Fil-fatt, fost il-punti ta' natura li jidħlu fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' ksur hemm in-numru u l-intensità tal-aġir antitkompetittiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni, C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tas-26 ta' Settembru 2018, Infineon Technologies vs Il-Kummissjoni, C-99/17 P, EU:C:2018:773, punt 197).

124 Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li l-argumenti tar-rikorrenti jistgħu jinqasmu f'żewġ ilmenti skont jekk jirrigwardawx il-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan applikata mill-Kummissjoni għad-diskussjonijiet li hija ddeskriviet, minn naħa, bħala skambji fuq il-prezzijiet medjani jew, min-naħa l-oħra, bħala skambji fuq pożizzjonijiet ta' operar.

1) Fuq l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan applikata għall-iskambji fuq il-prezzijiet medjani

125 Inkwistjoni hemm żewġ diskussjonijiet li HSBC ipparteċipa fihom u li rrigwardaw il-prezzijiet medjani (ikklassifikati wkoll bħala "mids" fid-deċiżjoni kkontestata) tal-EIRD, fl-14 ta' Frar 2007 (premessi 283 sa 285 tad-deċiżjoni kkontestata), u tas-16 ta' Frar 2007 (premessi 286 sa 288 tal-imsemmija deċiżjoni) rispettivament. Dawn id-diskussjonijiet jaqgħu taħt il-kategorija ta' aġir antikompetittiv imsemmi fil-premessi 113(g), 358(g) u 392(g) tad-deċiżjoni kkontestata (skambji dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġija tagħhom ta' ffissar tal-prezzijiet tal-EIRD).

126 Bl-istess mod bħal fir-rigward tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, il-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan ta' tali skambji ġiet iġġustifikata mill-Kummissjoni fil-premessa 394 tad-deċiżjoni kkontestata b'riferiment għall-ħolqien ta' asimmetrija ta' informazzjoni bejn l-atturi tas-suq, peress li l-parteċipanti fil-ksur, minn naħa, kienu f'pożizzjoni aħjar li jkunu jafu minn qabel b'ċerta preċiżjoni l-livell li l-Euribor huwa jew kellu jiġi ffissat fih mill-kompetituri tagħhom li jaġixxu f'kollużjoni u, min-naħa l-oħra, kienu jafu jekk l-Euribor f'data speċifika kienx iffissat jew le f'livell artifiċjali.

127 Xi punti ta' motivazzjoni dwar b'mod iktar partikolari l-prezzijiet medjani jinsabu f'siltiet oħrajn tad-deċiżjoni kkontestata.

128 B'dan il-mod, fil-premessa 32 tad-deċiżjoni kkontestata, hemm enfasizzat li l-kliem "run" jew "mids", "spjegati b'mod sempliċi […] jistgħu jiġu deskritti bħala listi ta' prezzijiet ta' operatur, ta' post tan-negozjar jew ta' bank dwar ċerti prodotti finanzjarji standard" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-premessa 34 tal-imsemmija deċiżjoni, hemm imsemmi li l-kelma "mid" "tagħmel riferiment għall-prezz medjan jew medju bejn il-prezz tat-talba u tal-offerta (per eżempju ta' perċezzjoni, immudellat, ikkwotat jew innegozjat) għal prodott speċifiku[; d]awn ta' spiss jikkostitwixxu approssimazzjoni affidabbli tal-prezz li ġeneratur tas-suq jinnegozja ma' klijent, b'mod partikolari meta s-suq ikun likwidu u d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta […] huwa baxx".

129 Dejjem fil-premessa 34 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni għamlet riferiment għaċ-ċirkustanza li bank spjegalha li "l-operaturi ta' derivattivi [kienu] jużaw il-punti medjani fil-kurvi tar-rendiment tagħhom sabiex jiddeterminaw il-prezzijiet tal-offerti jew tat-talbiet li jkunu ser jissottomettu lis-suq[; jekk huwa] jaf il-prezz medjan ta' kompetitur, minkejja li dan fil-verità ma huwiex il-prezz tat-tranżazzjoni, operatur ta' derivattivi issa qiegħed f'pożizzjoni li jiddetermina l-prezzijiet tal-offerti u tat-talbiet effettivi tal-kompetituri tiegħu [...; il-] prezzijiet medjani jintużaw għall-istabbiliment tal-prezzijiet, l-amministrazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' operar u l-evalwazzjoni ta' portafoll" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

130 Fil-premessa 419 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, bi tweġiba għall-argumenti tar-rikorrenti, irrilevat li l-prezz medjan kien jikkostitwixxi l-estimazzjoni għal kull operatur tal-prezz reali tal-EIRD u li kien hemm estimazzjoni tal-prezz medjan daqs kemm kien hemm atturi tas-suq "peress li l-mid [kien] jirrappreżenta perċezzjoni individwali tal-prezz, u [kien] juri konsegwentement intenzjoni ta' prezz" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. F'dan ir-rigward, hija fakkret li r-rikorrenti nfishom kienu enfasizzaw li l-"prezz tat-talba" kien normalment iffissat ftit ogħla mill-prezz medjan u l-prezz

tal-offerta ftit iktar baxx minnu u li varjazzjonijiet fil-mid "[kellhom] it-tendenza li jwasslu għal ċaqliq parallel kemm tax-xiri u tal-offerta" u li, għaldaqstant, dan kien jirrigwarda valur indikattiv viċin tal-prezzijiet.

131 Il-Kummissjoni analizzat ukoll il-kwistjoni tan-natura sigrieta jew le tal-informazzjoni skambjata u tal-livell ta' trasparenza tas-suq.

132 B'dan il-mod, fil-premessa 395 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni enfasizzat li dawn l-iskambji kienu jmorru lil hinn sew minn skambju ta' informazzjoni li taqa' taħt il-qasam pubbliku u kellhom bħala għan li jżidu t-trasparenza bejn il-partijiet u, għaldaqstant, li jnaqqsu sinjifikament l-inċertezzi normali inerenti fis-suq, b'benefiċċju għall-partijiet u bi ħsara għall-operaturi l-oħrajn.

133 Bl-istess mod, fil-premessi 399 sa 402 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ċaħdet l-argumenti bbażati fuq l-allegazzjoni li l-informazzjoni skambjata ma kellhiex natura sensittiva minħabba l-fatt li l-pubbliku kellu aċċess wiesa' għaliha. Hija qieset li l-informazzjoni eżatta ta' stima ma kinitx aċċessibbli b'mod wiesgħa fis-suq tal-EIRD, billi argumentat li mill-proċess kien jirriżulta li xi informazzjoni mhux affidabbli kultant kienet ikkomunikata b'mod konxju fil-pjattaformi pubbliċi tal-atturi tas-suq u li l-operaturi kellhom bżonn l-informazzjoni fuq il-prezzijiet stabbiliti minn operaturi oħrajn sabiex jaġġustaw l-andament tal-prezzijiet rispettivi tagħhom.

134 Fil-premessa 403 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ma laqgħetx l-argument ibbażat fuq l-għan leġittimu ta' dawn l-iskambji, għar-raġuni, essenzjalment, li dawn ma kinux jaqgħu fil-perspettiva tal-konklużjoni ta' negozju bejn l-operaturi kkonċernati. Hija enfasizzat ukoll li tali skambji bejn ġeneraturi tas-suq kienu jagħtu lok għal trasparenza ikbar bejniethom biss u mhux b'benefiċċju tal-atturi kollha tas-suq.

135 Barra minn hekk, fil-premessa 431 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni rrifjutat li ċerti karatteristiċi tas-suq tal-EIRD, u b'mod partikolari n-natura mgħaġġla u tranżitorja tiegħu, kienu jimplikaw li l-kollużjoni tista' ssir biss permezz ta' komunikazzjonijiet frekwenti fuq dettalji speċifiċi tan-negozjati individwali, bħal informazzjoni preċiża fuq tranżazzjonijiet individwali futuri. Hija sostniet li "l-informazzjoni skambjata fuq id-dettalji tan-negozju (prezzijiet u ammonti) tal-maġġoranza tal-EIRD OTC ma kinitx pubblika u [li] l-punti ta' informazzjoni eżatti kienu utli għall-operaturi" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

136 Il-konverżazzjoni tal-14 ta' Frar 2007 tissemma fil-premessi 283 sa 285 tad-deċiżjoni kkontestata. L-operatur ta' HSBC jenfasizza matulha mal-operatur ta' Barclays li l-operatur ta' Deutsche Bank jippubblika wħud mill-prezzijiet tiegħu fuq l-iskrijn Bloomberg tiegħu, għal liema l-operatur ta' Barclays iwieġeb li dawn il-prezzijiet huma biss indikattivi. Sussegwentement, id-deċiżjoni kkontestata tfakkar li "[l-operatur ta' Barclays] jistaqsi sussegwentement dwar il-prezz eżatt [mill-operatur ta' HSBC] għal Awwissu [...; l-operatur ta' HSBC] iwieġeb "4,012" u jippreċiża li ġie offrut "4,005-4,015 fis-suq ftit qabel jitlaq mill-konverżazzjoni onlajn" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Il-Kummissjoni tiddeduċi minn din il-konverżazzjoni li "[l-operatur ta' Barclays] jitlob [lill-operatur ta' HSBC] informazzjoni preċiża dwar l-iffissar tal-prezzijiet lil hinn mill-kuntest ta' negozju possibbli, mistoqsija li [l-operatur ta' HSBC] iwieġeb […]".

137 Fir-rigward tad-diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007, fil-premessi 286 sa 288 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni sabet li "[l-operatur ta' HSBC] u [l-operatur ta' Barclays] [kienu jiżvelaw] lil xulxin il-prezzijiet medji rispettivi tagħhom permezz ta' swap [indiċjat fuq l-]EONIA ('T'as quoi 10/11 sp eonia?') u [ftehim ta' rati futuri] ('et sur le 1011 Jsp fra?'). [L-operatur ta' HSBC] ma huwiex ċert dwar il-prezz tiegħu għall-iswap EONIA ('je dois être à la rue […] 4,06?' 'g 4,0625 en mid'), iżda [l-operatur ta' Barclays] jassigurah ('non, ça va') u sussegwentement jiżvela l-prezzijiet tan-negozju, u jżid li huwa għamel profitt fuq [il-ftehim ta' rati futuri] grazzi għal negozju mwettaq ma' żewġ atturi oħrajn tas-suq li kienu joffru prezzijiet differenti għall-istess kuntratt" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

138 Il-Kummissjoni ma wettqitx żball meta rrilevat li l-iskambji fuq il-prezzijiet medjani inklużi f'dawn iż-żewġ diskussjonijiet kellhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni.

139 Fl-ewwel lok, għandu jiġi rrilevat li informazzjoni dwar il-prezzijiet medjani hija, kuntrarjament għal dak li jargumentaw ir-rikorrenti, rilevanti għall-iffissar tal-prezzijiet fis-settur tal-EIRD.

140 Fl-ewwel lok, ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li d-determinazzjoni tar-rata fissa tal-EIRD minn operatur issir b'riferiment għal dak li huwa jqis li huwa l-prezz medjan, jiġifieri ftit iktar baxx minnu għall-"prezz tal-offerta" tiegħu u ftit ogħla minnu għall-"prezz tat-talba" tiegħu, bħalma fakkret il-Kummissjoni fil-premessa 419 tad-deċiżjoni kkontestata.

141 It-tieni nett, għandu jitqies ukoll li l-għarfien tal-prezz medjan ta' kompetitur jippermetti li tiġi evalwata l-perċezzjoni tiegħu ta' x'ser tkun ir-rata varjabbli tal-EIRD meta jsir l-iffissar, skont il-kurva tar-rendiment imsemmija fil-premessa 34 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-inqas fir-rigward tal-EIRD li għandhom maturità qasira. Fil-fatt, mistoqsija matul is-seduta fuq il-kwistjoni dwar jekk il-kurva tar-rendiment ta' EIRD hijiex magħrufa mill-operaturi kollha tas-suq, jew jekk tiddependix mill-perċezzjoni individwali ta' kull operatur, ir-rikorrenti nfishom enfasizzaw li l-imsemmija kurva tar-rendiment kellha natura oġġettiva u ma kinitx suġġetta għal evalwazzjoni individwali fir-rigward ta' dan it-tip ta' prodotti.

142 Fit-tieni lok, għandu jiġi rrilevat li l-informazzjoni fuq il-prezzijiet medjani tad-derivattivi "OTC" (over the counter), jiġifieri nnegozjati individwalment, ma hijiex pubblika, b'differenza għall-informazzjoni dwar derivattivi nnegozjati f'suq irregolat. Filwaqt li ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li din l-informazzjoni tal-aħħar hija disponibbli jew tista' tiġi dedotta għall-partijiet kollha li joperaw f'suq irregolat, dan ma huwiex il-każ għad-derivattivi "OTC".

143 Ċertament, informazzjoni fuq il-prezzijiet medjani dwar tali prodotti tista' tkun is-suġġett ta' pubbliċità, direttament għal ċerti operaturi jew indirettament permezz ta' brokers. Xorta jibqa' l-fatt li tali informazzjoni la hija ġeneralment disponibbli, u lanqas ma għandha neċessarjament natura affidabbli, bħalma turi d-diskussjoni tal-14 ta' Frar 2007, imsemmija fil-punt 136 iktar 'il fuq, bejn l-operatur ta' HSBC u dak ta' Barclays dwar il-prezzijiet medjani ppubblikati mill-operatur ta' Deutsche Bank fuq is-sit Bloomberg tiegħu.

144 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li tista' ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-kompetituri li jiġbru informazzjoni b'mod indipendenti jew jiddiskutu prezzijiet futuri ma' klijenti u ma' terzi u, min-naħa l-oħra, il-kompetituri li jiddiskutu fatturi ta' pprezzar u tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet ma' kompetituri oħra qabel jistabbilixxu l-prezzijiet ta' referenza tagħhom. Fil-fatt, għalkemm l-ewwel aġir ma jqajjem l-ebda diffikultà fir-rigward tal-eżerċizzju ta' kompetizzjoni ħielsa u mhux distorta, dan ma huwiex l-istess għat-tieni wieħed, li jikkontradiċi r-rekwiżit li kull operatur ekonomiku għandu jiddetermina b'mod awtonomu l-politika li għandu l-intenzjoni li jsegwi fis-suq intern, peress li din l-awtonomija tipprekludi rigorożament kull tip ta' kuntatt dirett jew indirett bejn tali operaturi li jkollu l-għan jew l-effett jew li jinfluwenza l-aġir fis-suq ta' kompetitur attwali jew potenzjali, jew li jikxef ma' tali kompetitur l-aġir li jkunu ddeċidew jew li bi ħsiebhom jadottaw huma stess fis-suq (ara s-sentenza tal-14 ta' Marzu 2013, Dole Food u Dole Germany vs Il-Kummissjoni, T-588/08, EU:T:2013:130, punti 291 u 292 u l-ġurisprudenza ċċitata).

145 Barra minn hekk, skambju bejn kompetituri, fuq data rilevanti għad-determinazzjoni tal-prezzijiet u li ma għandhiex natura pubblika, għandu natura iżjed u iżjed sensittiva mill-angolu tal-kompetizzjoni meta dan iseħħ bejn operaturi li jaġixxu bħala "ġeneraturi tas-suq", fid-dawl tal-importanza li huma għandhom fis-suq tal-EIRD. Bħalma ġie enfasizzat fil-punti 106 u 107 iktar 'il fuq, il-"ġeneraturi tas-suq" huma attivi b'mod ġenerali u kontinwu u għalhekk jikkonkludu numru ikbar ta' tranżazzjonijiet mill-atturi l-oħrajn tas-suq. Mill-angolu tal-osservanza tal-kompetizzjoni fis-suq, huwa iżjed u iżjed fundamentali li d-determinazzjoni tal-prezzijiet tagħhom issir b'mod awtonomu.

146 Fir-raba' lok, għandu jiġi rrilevat li d-diskussjonijiet bejn l-operaturi ta' HSBC u ta' Barclays tal-14 u s-16 ta' Frar 2007 rrigwardaw informazzjoni preċiża u li tista' tintuża mill-parti l-oħra.

147 B'dan il-mod, minn qari tad-diskussjoni tal-14 ta' Frar 2007 fit-totalità tagħha jirriżulta li mhux biss l-operatur ta' HSBC jiżvela l-livell tal-prezz medjan tiegħu (4.012) kif ukoll il-prezz tat-tranżazzjonijiet li ġew proposti lilu (4.004/4.0015), iżda wkoll li ż-żewġ operaturi jiskambjaw l-impressjoni tagħhom fuq il-livell u l-evoluzzjoni tal-prezzijiet.

148 Fir-rigward tad-diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007, mill-ispjegazzjonijiet ipprovduti mir-rikorrenti nfushom fl-osservazzjonijiet tagħhom fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet jirriżulta li l-operaturi ta' HSBC u ta' Barclays iddiskutew l-evalwazzjoni tagħhom tal-prezz medjan għal swap li għandha bħala bażi ta' referenza l-EONIA li tibda f'għaxar xhur u li għaliha d-data ta' ffissar kienet xahar wara (10/11 swap EONIA) u kkumparawha mal-prezz medjan għal ftehim ta' rati futuri bbażati fuq l-Euribor dwar l-istess dati. Minn din id-diskussjoni jirriżultaw, minn naħa, evalwazzjoni mill-ġdid mill-operatur ta' HSBC tal-prezz medjan tiegħu għall-iswap ibbażata fuq l-EONIA, wara l-opinjoni mogħtija mill-operatur ta' Barclays u, min-naħa l-oħra, li l-partijiet jiskambjaw fuq dik li għandha tkun id-differenza ta' prezz bejn dawn iż-żewġ derivattivi.

149 Fil-ħames lok, għandu jiġi rrilevat li l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq in-natura allegatament "favur il-kompetizzjoni" tal-iskambji ta' informazzjoni bejn ġeneraturi tas-suq dwar il-prezzijiet medjani ma jistgħux jintlaqgħu. Essenzjalment, ir-rikorrenti jargumentaw li l-iskambji dwar il-prezzijiet medjani huma inerenti fl-attivitajiet tal-operaturi, u b'mod iktar partikolari tal-ġeneraturi tas-swieq, li joperaw fis-suq tal-EIRD sabiex inaqqsu r-riskji u jgħinu sabiex inaqqsu d-differenzjal bejn it-talba u l-offerta b'benefiċċju għall-klijenti.

150 Huwa minnu li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 57 iktar 'il fuq, l-eżami tal-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-kuntest ekonomiku u legali tas-suq li l-iskambji tal-informazzjoni seħħew fih.

151 Ċertament, huwa minnu wkoll li s-suq tal-EIRD għandu karatteristika partikolari. Il-banek ta' spiss jikkonkludu EIRD bejniethom, b'mod partikolari għal għanijiet ta' kopertura tar-riskji. Fi kliem ieħor, in-natura stess tas-suq timplika li banek, u b'mod partikolari dawk li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq, li huma kompetituri fir-rigward tal-offerta tal-EIRD lil klijenti potenzjali, jistgħu wkoll jinnegozjaw bejniethom u, għaldaqstant, li f'din l-okkażjoni jikkomunikaw informazzjoni kunfidenzjali bejniethom.

152 Għandu madankollu jiġi enfasizzat li dan l-aspett tal-kuntest ekonomiku u legali tas-suq tal-EIRD ittieħed inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni, sa fejn hija eskludiet mill-analiżi tagħha l-informazzjoni skambjata fil-kuntest ta' negozjar kuntrattwali.

153 Għandu jiġi kkonstatat li l-argument tar-rikorrenti jmur lil hinn mill-kritika waħda tan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest ekonomiku u legali tas-suq tal-EIRD, iżda jikkritika lill-Kummissjoni li ma ħaditx inkunsiderazzjoni ta' eventwali effetti favur il-kompetizzjoni tad-diskussjonijiet bejn operaturi.

154 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, bl-eċċezzjoni tar-restrizzjonijiet anċillari għal operazzjoni prinċipali (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata), huwa biss fil-qafas tal-evalwazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE li eventwali effetti favur il-kompetizzjoni jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni. Fil-fatt, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-eżistenza ta' "regola ta' raġuni", jiġifieri eżami li jiżen l-effetti favur u kontra l-kompetizzjoni ta' ftehim meta ssir il-klassifikazzjoni tiegħu skont l-Artikolu 101(1) TFUE, ma tistax tiġi aċċettata fid-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni (ara s-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2012, E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, T-360/09, EU:T:2012:332, punt 65; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2003, Van den Bergh Foods vs Il-Kummissjoni, T-65/98, EU:T:2003:281, punt 106).

155 Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà tar-rikorrenti, jew li juru li d-diskussjonijiet fuq il-prezzijiet medjani kienu direttament marbuta u neċessarji għall-funzjonament tas-suq tal-EIRD, jew li dawn kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) TFUE.

156 Minn naħa, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jikkritikawx lill-Kummissjoni li għamlet applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 101(3) TFUE fil-kuntest tar-rikors odjern.

157 Min-naħa l-oħra, sa fejn l-argumenti tar-rikorrenti jistgħu jinftiehmu fis-sens li jsostnu li l-iskambji ta' informazzjoni dwar il-prezzijiet medjani bejn ġeneraturi tas-suq huma indissoċjabbli mill-funzjonament tas-suq tal-EIRD, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, jekk operazzjoni jew attività partikolari ma taqax taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni previst fl-Artikolu 101(1) TFUE minħabba n-newtralità tagħha jew l-effett pożittiv tagħha fil-livell tal-kompetizzjoni, restrizzjoni tal-awtonomija kummerċjali ta' parteċipant wieħed jew ta' diversi f'din l-operazzjoni jew f'din l-attività lanqas ma taqa' taħt l-imsemmi prinċipju ta' projbizzjoni jekk din ir-restrizzjoni hija oġġettivament neċessarja għall-implimentazzjoni tal-imsemmija operazzjoni jew tal-imsemmija attività u proporzjonali għall-għanijiet ta' waħda jew l-oħra (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 89 u l-ġurisprudenza ċċitata). Fil-fatt, fejn ma huwiex possibbli li tali restrizzjoni, ikklassifikata bħala restrizzjoni anċillari, tiġi ddissoċjata mill-operazzjoni jew mill-attività prinċipali mingħajr ma jiġu kompromessi l-eżistenza u l-għanijiet tagħha, hemm lok li tiġi eżaminata l-kompatibbiltà ta' din ir-restrizzjoni mal-Artikolu 101 TFUE flimkien mal-kompatibbiltà tal-operazzjoni jew tal-attività prinċipali li għaliha hija anċillari, u dan minkejja li, meqjusa waħidha, restrizzjoni simili tista' tidher, *prima facie*, li taqa' taħt il-prinċipju ta' projbizzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE (sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 90).

158 Sabiex restrizzjoni tkun tista' tiġi kklassifikata bħala anċillari, għandu jiġi eżaminat, minn naħa, jekk ir-restrizzjoni hijiex oġġettivament neċessarja għall-implimentazzjoni tal-operazzjoni jew tal-attività prinċipali u, min-naħa l-oħra, jekk hijiex proporzjonali għaliha (sentenzi tat-18 ta' Settembru 2001, M6 *et* vs Il-Kummissjoni, T-112/99, EU:T:2001:215, punt 106, u tad-29 ta' Ġunju 2012, E.ON Ruhrgas u E.ON vs Il-Kummissjoni, T-360/09, EU:T:2012:332, punt 64).

159 Fir-rigward tal-ewwel kundizzjoni, skont il-ġurisprudenza, għandu jiġi eżaminat jekk it-twettiq ta' din l-operazzjoni jew ta' din l-attività tkunx impossibbli fl-assenza tar-restrizzjoni inkwistjoni. B'dan il-mod, il-fatt li l-imsemmija operazzjoni jew l-imsemmija attività sempliċement issir iktar diffiċli sabiex titwettaq, jew inqas profitabbli, fl-assenza tar-restrizzjoni inkwistjoni ma jistax jitqies li jagħti lil din ir-restrizzjoni n-natura "oġġettivament neċessarja" meħtieġa sabiex din tkun tista' tiġi kklassifikata bħala anċillari. Fil-fatt, tali interpretazzjoni twassal sabiex dan il-kunċett jiġi estiż għal restrizzjonijiet li ma humiex strettament indispensabbli għat-twettiq tal-operazzjoni jew tal-attività prinċipali. Tali riżultat jimmina l-effett utli tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Settembru 2014, MasterCard *et* vs Il-Kummissjoni, C-382/12 P, EU:C:2014:2201, punt 91).

160 Din l-ewwel kundizzjoni, applikata għaċ-ċirkustanzi tal-każ, twassal sabiex jiġi vverifikat jekk il-funzjonament tas-suq tal-EIRD isirx impossibbli mingħajr skambji ta' informazzjoni fuq il-prezzijiet medjani bejn ġeneraturi tas-suq. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed jiġi enfasizzat li, ċertament, ir-rikorrenti jagħmlu riferiment, fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, għall-effetti favur il-kompetizzjoni li jista' jkollhom tali skambji bejn operaturi, sa fejn dawn ippermettewlhom inaqqsu l-inċertezza dwar il-livell li fih huma setgħu kienu f'pożizzjoni li jikkostitwixxu l-kopertura tagħhom u, għalhekk, li jipproponu prezzijiet iktar favorevoli. Madankollu, ir-rikorrenti ma jurux li s-suq tad-derivattivi OTC ma jistax jiffunzjona mingħajr tali skambji ta' informazzjoni bejn operaturi li jaġixxu bħala ġeneraturi tas-suq. Għaldaqstant, l-imsemmija l-ewwel kundizzjoni ma hijiex issodisfatta f'dan il-każ.

161 Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-ewwel ilment tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud.

2) Fuq l-ilment li jikkontesta l-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan applikata għall-iskambji fuq pożizzjonijiet ta' operar

162 Fil-kuntest tal-ilment odjern hemm ikkontestata l-klassifikazzjoni magħmula mill-Kummissjoni għall-aġir deskritt fil-premessi 271 sa 276 (diskussjoni tat-12 ta' Frar 2007), 286 sa 288 (diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007), 295 (diskussjoni tad-9 ta' Marzu 2007), 296 sa 298 (diskussjoni tal-14 ta' Marzu 2007) tad-deċiżjoni kkontestata. Fid-difiża tagħha, il-Kummissjoni targumenta li nżammu wkoll xi diskussjonijiet fuq il-pożizzjonijiet ta' operar fit-13 u t-28 ta' Frar u fid-19 ta' Marzu 2007.

163 Fir-rigward tad-diskussjonijiet tat-13 u t-28 ta' Frar u tad-19 ta' Marzu 2007, li għalihom tagħmel riferiment il-Kummissjoni, huwa biżżejjed jiġi enfasizzat li dawn kollha seħħew fid-dawl tal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007, jew li dawn kellhom rabta ma' din tal-aħħar, u li għaldaqstant diġà ġie konkluż li huma kienu qegħdin jipparteċipaw f'aġir li għandu għan antikompetittiv. Ir-rikorrenti ma jikkontestawx, barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan li ġiet applikata għalih, fil-kuntest ta' din il-parti tal-motiv.

164 Għandha ssir konklużjoni analoga f'dak li jirrigwarda d-diskussjonijiet tat-12 u s-16 ta' Frar 2007, peress li diġà ġie rrilevat li l-Kummissjoni kienet ġustament żammet il-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bħala għan fil-konfront tagħhom. Minn naħa, mill-ewwel parti ta' dan il-motiv jirriżulta li l-Kummissjoni ddeċidiet ġustament li d-diskussjoni tat-12 ta' Frar 2007 kienet taqa' fil-kuntest tal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007 u kienet parti minn ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE bħala tali. Min-naħa l-oħra, għar-raġunijiet esposti fil-kuntest tal-eżami tal-ewwel ilment ta' din il-parti tal-motiv, il-Kummissjoni iddeċidiet ukoll ġustament li d-diskussjoni tas-16 ta' Frar 2007 kienet parti minn ksur ta' dan l-istess Artikolu 101(1) TFUE, peress li din kienet tikkonsisti fi skambju fuq il-prezzijiet medjani. Għaldaqstant, ma huwiex neċessarju li jiġi vverifikat jekk l-istess okkorrenza ta' dan l-aġir taqax ukoll taħt il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan għal raġuni oħra.

165 Għaldaqstant, inkwistjoni jibqa' biss id-diskussjonijiet tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007.

166 Dawn id-diskussjonijiet jaqgħu taħt il-kategorija ta' aġir antikompetittiv msemmi fil-premessi 113(b), 358(b) u 392(b) tad-deċiżjoni kkontestata (skambji bejn l-operaturi fuq il-pożizzjonijiet ta' operar/espożizzjonijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tal-EIRD) u fil-premessi 113, 358 u 392(c) tad-deċiżjoni kkontestata (skambji bejn l-operaturi fuq il-possibbiltà li jallinjaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom).

167 Mill-premessi 394 u 395 tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-istess kunsiderazzjoni bħal dik użata fil-konfront tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tal-iskambji dwar il-prezzijiet medjani sservi sabiex tiġġustifika l-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan applikata għall-iskambji ta' informazzjoni fuq il-pożizzjonijiet ta' operar, jiġifieri li dawn kienu jpoġġu lill-parteċipanti f'sitwazzjoni ta' asimettrija ta' informazzjoni favorevoli, billi jżidu t-trasparenza bejn il-partijiet u billi jnaqqsu sinjifikament l-inċertezzi normali inerenti fis-suq.

168 Għandu jiġi rrilevat li ma hemm l-ebda definizzjoni tal-kunċett ta' "pożizzjoni ta' operar" fid-deċiżjoni kkontestata. Madankollu mid-diversi drabi ta' użu fl-imsemmija deċiżjoni jirriżulta li, b'din l-espressjoni, hemm koperti l-kompożizzjoni tal-portafoll ta' investiment ta' operatur (il-"book"), il-livell u s-sens ta' dawn l-espożizzjonijiet fis-suq tal-EIRD.

169 Xi punti ta' motivazzjoni dwar iktar partikolari l-pożizzjonijiet ta' operar jinsabu f'siltiet oħrajn tad-deċiżjoni kkontestata.

170 Għaldaqstant, fil-premessa 390 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni fakkret li, skont RBS, kull ġeneratur tas-suq kien iżomm ktieb tan-negozju li kienu jikkonsisti f'inventarju tal-kuntratti u ddeduċiet minn dan li "billi żvelaw lil xulxin il-pożizzjoni ta' operar tagħhom, il-ġeneraturi tas-suq

[kienu] f'pożizzjoni li jnaqqsu t-talba u l-offerta rispettiva tagħhom relattivament għal dawn il-kuntratti, u [setgħu] jużaw din l-informazzjoni għall-benefiċċju tagħhom [; dan] [seta'] iwassalhom sabiex jadattaw il-mudelli ta' negozjar rispettivi tagħhom u [kien] jippermettilhom ikunu infurmati aħjar mill-ġeneraturi tas-suq kompetituri u minn atturi oħrajn tas-suq" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

171 Fil-premessa 417 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni argumentat li "l-iskambji dwar il-pożizzjonijiet ta' operar […] kienu jservu sabiex jiġi vverifikat li l-interessi kummerċjali tal-partijiet kienu konverġenti, qabel ma jkunu jistgħu jieħdu miżuri miftiehma oħrajn sabiex jinfluwenzaw il-valur tal-EIRD b'detriment tal-kompetituri li ma kinux qegħdin jipparteċipaw fl-akkordju" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Hija żiedet li "f'suq ta' EIRD mhux trasparenti […], il-kondiviżjoni ta' tali informazzjoni kienet tippermetti lill-partijiet għall-akkordju li jkunu infurmati aħjar mill-atturi l-oħrajn tas-suq". Fl-istess premessa, il-Kummissjoni enfasizzat ukoll li, "billi żvelaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom u, għaldaqstant, billi kienu jistgħu jadattaw il-mudelli ta' negozju rispettivi tagħhom, il-partijiet għall-akkordju setgħu jinfluwenzaw il-valur tal-portafolli tagħhom, li mbagħad jinfluwenzaw il-kundizzjonijiet tan-negozju fis-sens tal-Artikolu 101(1)[(a) TFUE], u fil-fatt jaffettwaw l-istruttura tal-kompetizzjoni fis-suq tal-EIRD".

172 Il-konverżazzjoni tad-9 ta' Marzu 2007, li saret bejn operatur ta' HSBC u operatur ta' Deutsche Bank, tissemma fil-premessa 295 tad-deċiżjoni kkontestata. Il-Kummissjoni qieset fiha li din il-konverżazzjoni kienet dwar il-pożizzjonijiet ta' operar speċifiċi ta' atturi importanti u nżammet 'il barra mill-kuntest ta' negozju potenzjali.

173 Id-diskussjoni tal-14 ta' Marzu 2007 tissemma fil-premessi 296 sa 298 tad-deċiżjoni kkontestata. Minnhom jirriżulta li l-imsemmija konverżazzjoni kienet dwar spekulazzjonijiet tal-passat fuq id-differenza fir-rata bejn l-EONIA u l-Euribor-1M li fil-kuntest tagħhom l-operatur ta' HSBC għamel telf, filwaqt li dak ta' Barclays kiseb profitt finanzjarju sinjifikanti. Barra minn hekk, l-operatur ta' Barclays spjegalu kif, skont hu, ħadem is-suq u jenfasizza li għandu jkun l-istess għall-iskadenzi ta' Ġunju.

174 Sabiex tiġi evalwata l-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan applikata għal dawn id-diskussjonijiet, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ddeċidiet li dawn id-diskussjonijiet kienu kkontribwixxew għal distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD. Barra minn hekk, b'mod partikolari fil-premessa 417 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li l-konverżazzjonijiet fuq il-pożizzjonijiet ta' operar kienu influwenzaw kundizzjonijiet oħrajn tan-negozju fis-sens tal-Artikolu 101(1)(a) TFUE.

175 Fir-rigward ta' din it-tieni klassifikazzjoni, għalkemm din tista', bħala prinċipju u għar-raġunijiet spjegati fil-punti 74 sa 77 iktar 'il fuq, tittieħed inkunsiderazzjoni minkejja li din ma tissemmiex fid-dispożittiv tad-deċiżjoni kkontestata, dan huwa, madankollu, suġġett għall-kundizzjoni li din tkun immotivata b'mod suffiċjenti fid-dritt.

176 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha tindika b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li l-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jidentifikaw il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u b'mod li l-qorti kompetenti tkun tista' teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet individwali, l-obbligu li jiġu mmotivati tali deċiżjonijiet huwa għalhekk intiż, apparti li jippermetti stħarriġ ġudizzjarju, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni hijiex eventwalment ivvizzjata b'difett li minħabba fih tkun tista' tikkontesta l-validità tagħha (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 115 u l-ġurisprudenza ċċitata).

177 Issa, bħalma josservaw ġustament ir-rikorrenti fis-sottomissjonijiet bil-miktub tagħhom, id-deċiżjoni kkontestata ma tippermettix li jiġu identifikati liema huma l-"kundizzjonijiet l-oħrajn tan-negozju" li jkunu ġew ikkoordinati wara skambji fuq pożizzjonijiet ta' operar li jinvolvu lil HSBC. Minn dan isegwi li tali ġustifikazzjoni ma tissodisfax il-kriterji mfakkra mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 176 iktar 'il fuq u, għaldaqstant, ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni meta jsir l-istħarriġ tal-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' restrizzjoni bħala għan applikata għall-iskambji fuq il-pożizzjonijiet ta' operar.

178 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat fil-qafas ta' dan l-ilment jekk il-Kummissjoni setgħetx, ġustament, tiddeċiedi li tali skambji kkawżaw distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD.

179 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li skambji bejn kompetituri fuq il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' investiment tagħhom jew il-livell tal-espożizzjonijiet tagħhom ma għandhomx l-istess rilevanza għall-iffissar tal-prezzijiet fis-suq tal-EIRD bħal informazzjoni fuq il-prezzijiet medjani. Fil-fatt, minkejja li, għar-raġunijiet esposti fil-punti 139 sa 141 iktar 'il fuq, tali informazzjoni fuq il-prezzijiet medjani tiffaċilita l-identifikazzjoni tar-rata fissa proposta minn kompetitur għal prodott idderivat u l-perċezzjoni tiegħu ta' x'ser tkun ir-rata varjabbli meta jsir l-iffissar, dan ma huwiex l-istess fir-rigward ta' skambju fuq il-pożizzjonijiet ta' operar, li ma jirrigwardawx direttament ir-rati tal-EIRD.

180 Mistoqsija fuq dan il-punt matul is-seduta, il-Kummissjoni nfisha rrikonoxxiet li l-iskambji fuq il-pożizzjonijiet ta' operar ma kellhomx, intrinsikament, l-istess portata restrittiva tal-kompetizzjoni bħal skambji dwar il-prezzijiet medjani.

181 Din il-konklużjoni hija sostnuta wkoll mill-qari tad-deċiżjoni kkontestata. Minnha jirriżulta li l-maġġoranza tal-iskambji fuq il-pożizzjonijiet ta' operar pjuttost kellhom natura komplementari għal prattiċi oħrajn restrittivi tal-kompetizzjoni li għandhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni ppruvat. Għaldaqstant, fil-premessa 417 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tenfasizza li l-"iskambji fuq il-pożizzjonijiet ta' operar […] kienu jservu sabiex jiġi vverifikat li l-interessi kummerċjali tal-partijiet kienu konverġenti, qabel ma jkunu jistgħu jieħdu miżuri miftiehma oħrajn sabiex jinfluwenzaw il-valur tal-EIRD b'detriment tal-kompetituri li ma kinux qegħdin jipparteċipaw fl-akkordju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

182 Għaldaqstant, il-maġġoranza l-kbira tad-diskussjonijiet fuq il-pożizzjonijiet ta' operar li l-operaturi ta' HSBC ipparteċipaw fihom kellhom rabta mal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007. Dan huwa l-każ tad-diskussjonijiet mal-operatur ta' Barclays tat-12, it-13 u t-28 ta' Frar u tad-19 ta' Marzu 2007.

183 Dan huwa differenti fir-rigward tad-diskussjonijiet tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007, li ma seħħewx fid-dawl tal-manipulazzjoni tal-Euribor tad-19 ta' Marzu 2007.

184 Fit-tieni lok, mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 54, 55, 59 u 62 iktar 'il fuq jirriżulta li, minkejja li skambju ta' informazzjoni bejn kompetituri jista' jkun kuntrarju għar-regoli tal-kompetizzjoni meta dan itaffi jew ineħħi l-livell ta' inċertezza fil-funzjonament tas-suq inkwistjoni bil-konsegwenza ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni bejn l-impriżi, il-klassifikazzjoni ta' ksur bħala għan għandha tkun irriżervata għal dawk l-iskambji li jiżvelaw livell suffiċjenti ta' ħsara fil-konfront tal-kompetizzjoni, b'tali mod illi ma jkunx neċessarju li jiġu eżaminati l-effetti tagħhom. Dan huwa l-każ, b'mod partikolari, ta' skambju ta' informazzjoni li jista' jelimina inċertezzi fil-persuni kkonċernati fir-rigward tad-data, tal-kobor u tal-modalitajiet tal-adattazzjoni tal-aġir fis-suq li l-impriżi kkonċernati ser jimplimentaw.

185 Fit-tielet lok, u konsegwentement, għandu jiġi vverifikat jekk l-informazzjoni skambjata matul id-diskussjonijiet tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007 taffietx jew neħħietx il-livell ta' inċertezza fis-suq b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet tiddeduċi minn dan effett fuq il-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD, mingħajr ma jkollha teżamina l-effetti tagħha.

186 F'dak li jirrigwarda, l-ewwel nett, id-diskussjoni tad-9 ta' Marzu 2007, għandu jiġi enfasizzat li, fil-premessa 295 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tikkritika lill-operatur ta' HSBC li informa lil dak ta' Deutsche Bank bil-pożizzjonijiet ta' operar tiegħu, billi ddikjara, b'mod partikolari, "j'ai fait la patte 5 ans […] je suis flattener à des niveau[x] imbattables! et je reste short du court euro", għal liema l-operatur ta' HSBC wieġeb "bravo bien joué". Hija tikkritika wkoll lill-operatur ta' HSBC, matul din l-istess konverżazzjoni, li kiteb dwar il-portafoll tiegħu "flattener euro maintenant 2-5 ans short de juin et sept 7 euribor", li l-Kummissjoni interpretat bħala li jantiċipa "tnaqqis tal-ispread bejn il-prezz tal-EIRD li għandu skadenza bejn sentejn u ħames snin u [li t-trader ta' HSBC] għandu pożizzjoni ta' operar qasira fil-kuntratti forward ta' Ġunju u Settembru 2007". Il-Kummissjoni nnutat ukoll li l-operatur ta' Deutsche Bank wieġbu "moi j'ai pas de h8 et de 2y!", li l-Kummissjoni interpretat li jimplika li huwa ma kellux "kuntratti forward ta' Marzu 2008, u lanqas fuq l-EIRD għal sentejn".

187 Ċertament, għandu jiġi osservat li l-operaturi ddiskutew il-kompożizzjoni tal-portafoll tagħhom, u b'dan il-mod skambjaw informazzjoni li għandha natura kunfidenzjali, 'il barra mill-kuntest ta' negozju potenzjali.

188 Madankollu, kuntrarjament għal dak li targumenta l-Kummissjoni, hija ma tippruvax b'mod suffiċjenti fid-dritt li din id-diskussjoni tat lill-operaturi vantaġġ fil-qasam ta' informazzjoni li seta' jippermettilhom jaġġustaw konsegwentement l-istrateġiji ta' operar tagħhom.

189 Fil-fatt, minn naħa, l-impressjoni li toħroġ minn din il-konverżazzjoni hija li l-operatur ta' HSBC jiftaħar ma' dak ta' Deutsche Bank dwar negozju tajjeb li huwa għamel u dan tal-aħħar jifraħlu. L-informazzjoni pprovduta, ftit li xejn preċiża u ftit li xejn iddettaljata, ma tippermettix li wieħed jara f'din il-konverżazzjoni l-ispjegazzjoni ta' "strateġija", li l-għarfien tagħha mill-operatur wieħed ta' Deutsche Bank kien ipoġġih f'sitwazzjoni tant favorevoli meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu li l-Kummissjoni setgħet tiddeduċi minn dan li l-imsemmija konverżazzjoni kellha għan restrittiv tal-kompetizzjoni.

190 Min-naħa l-oħra, bħalma jenfasizzaw ir-rikorrenti, mingħajr ma huma kontradetti mill-Kummissjoni, il-biċċiet ta' informazzjoni pprovduti mill-operaturi fuq il-portafoll tagħhom la jikkonċernaw il-maturitajiet tar-rati tal-imgħax ikkonċernati u lanqas il-portata tal-pożizzjonijiet ikkonċernati.

191 Issa, fl-assenza ta' informazzjoni iktar preċiża ta' dan it-tip, ma jistax jiġi konkluż li din id-diskussjoni taffiet jew neħħiet il-livell ta' inċertezza fis-suq b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet tiddeduċi minnha effett fuq il-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD, mingħajr ma jkollha teżamina l-effetti tagħha.

192 F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, id-diskussjoni tal-14 ta' Marzu 2007, imsemmija fil-premessi 296 sa 298 tad-deċiżjoni kkontestata, għandu, ċertament, jiġi rrilevat li, kuntrarjament għall-konverżazzjoni preċedenti, l-informazzjoni skambjata bejn l-operaturi hija preċiża u ċara. L-operatur ta' Barclays jinforma lill-operatur ta' HSBC fuq il-mod kif fil-futur jikseb profitt finanzjarju billi juża d-differenza fir-rati bejn l-Euribor-1M u l-EONIA.

193 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, billi pproċeda b'dan il-mod, l-operatur ta' Barclays ma jipprovdi ebda informazzjoni kunfidenzjali lill-operatur ta' HSBC. Huwa sempliċement jaqsam miegħu l-osservazzjoni skont liema, essenzjalment, ir-rata tal-EONIA jista' jkollha effett fuq dik tal-Euribor-1M. Issa, anki jekk l-operatur ta' HSBC ma kienx jidher li jaf dwar din il-karatteristika tal-interazzjoni bejn dawn iż-żewġ rati, din hija biss sempliċi osservazzjoni li l-osservaturi kollha

tas-suq setgħu jagħmlu. Għaldaqstant, ma jistax jitqies li l-ispjegazzjoni tiegħu lil kompetitur ittaffi jew tneħħi l-livell ta' inċertezza fis-suq b'tali mod li l-Kummissjoni setgħet tiddeduċi minnha effett fuq il-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tal-EIRD.

194 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li d-diskussjonijiet tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007, individwalment jew flimkien, ma jistgħux jitqiesu li għandhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.

195 Għaldaqstant, fit-tieni parti tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jargumentaw ġustament li l-Kummissjoni ma setgħetx tiddeċiedi li d-diskussjonijiet tad-9 u l-14 ta' Marzu 2007 kellhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni.

2. Fuq it-tieni, it-tielet u r-raba' motiv, dwar il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu applikata mill-Kummissjoni

196 It-tieni, it-tielet u r-raba' motiv huma intiżi li jikkontestaw il-konklużjoni tal-Kummissjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' HSBC fi ksur uniku u kontinwu.

197 Skont ġurisprudenza stabbilita, ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE jista' jirriżulta mhux biss minn att individwali, iżda wkoll minn serje ta' atti jew anki minn aġir kontinwu, anki fil-każ li wieħed minn dawn l-aspetti ta' din is-serje ta' atti jew aġir kontinwu, jew iktar, jistgħu fihom infushom u individwalment, jikkostitwixxu wkoll ksur tal-imsemmija dispożizzjoni. Għalhekk, meta d-diversi azzjonijiet jagħmlu parti minn "pjan ġenerali", minħabba l-għan identiku tagħhom li tinħoloq distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern, il-Kummissjoni għandha d-dritt timputa r-responsabbiltà ta' dawn l-azzjonijiet skont il-parteċipazzjoni fil-ksur meqjus fl-intier tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 156 u l-ġurisprudenza ċċitata).

198 Impriża li tkun ipparteċipat f'tali ksur uniku u kumpless bl-aġir tagħha stess, f'għamla ta' ftehim jew ta' prattika miftiehma b'għan antikompetittiv fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE u li kienu intiżi li jikkontribwixxu għat-twettiq tal-ksur fl-intier tiegħu, tista' wkoll tkun responsabbli għall-aġir ta' impriżi oħrajn fil-kuntest tal-istess ksur għall-perijodu kollu tal-parteċipazzjoni tagħha fl-imsemmi ksur. Dan huwa l-każ meta jiġi stabbilit li l-imsemmija impriża kellha l-intenzjoni tikkontribwixxi bl-aġir tagħha stess għall-għanijiet komuni tal-parteċipanti kollha u li kellha għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur previst jew implimentat minn impriżi oħrajn fil-kisba tal-istess għanijiet, jew li hija setgħet raġonevolment tipprevedihom u kienet lesta taċċetta dan ir-riskju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 157 u l-ġurisprudenza ċċitata).

199 Għalhekk, impriża tista' tkun ipparteċipat direttament fl-aġir antikompetittiv kollu li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu, f'liema każ il-Kummissjoni tista' timputa fil-konfront tagħha r-responsabbiltà għal dan l-aġir kollu, u għalhekk għal dan il-ksur kollu fl-intier tiegħu. Impriża tista' wkoll tipparteċipa direttament f'parti biss mill-aġir antikompetittiv li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu, iżda jkollha għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur kollu l-ieħor previst jew implimentat mill-parteċipanti l-oħra fl-akkordju għall-kisba tal-istess għanijiet, jew li tkun setgħet raġonevolment ipprevediet u aċċettat li tieħu dan ir-riskju. F'każ bħal dan, il-Kummissjoni wkoll għandha dritt li timputa fuq din l-impriża r-responsabbiltà tal-aġir antikompetittiv kollu li jikkostitwixxi tali ksur u, sussegwentement, tal-ksur fl-intier tiegħu (ara s-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 158 u l-ġurisprudenza ċċitata).

200 *A contrario*, jekk impriża tkun ipparteċipat direttament f'wieħed jew iktar mill-għamliet ta' aġir antikompetittiv li jikkostitwixxu ksur uniku u kontinwu, iżda ma jkunx ġie stabbilit li, permezz tal-aġir tagħha stess, hija kellha l-intenzjoni tikkontribwixxi għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti l-oħrajn fl-akkordju u li kellha għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur l-ieħor kollu previst jew implimentat minn dawn il-parteċipanti fil-kisba tal-stes għanijiet, jew li setgħet raġonevolment tipprevedihom u li kienet lesta taċċetta dan ir-riskju, il-Kummissjoni għandha dritt timputa responsabbiltà fuq din l-impriża biss fir-rigward tal-aġir li fih hija pparteċipat direttament u għall-aġir previst jew implimentat mill-parteċipanti l-oħrajn fil-kisba tal-istess għanijiet tagħha, u fejn ikun ġie pprovat li hija kellha għarfien ta' dan jew setgħet raġonevolment tipprevedih u kienet lesta taċċetta dan ir-riskju (ara s-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2015, Fresh Del Monte Produce vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs Fresh Del Monte Produce, C-293/13 P u C-294/13 P, EU:C:2015:416, punt 159 u l-ġurisprudenza ċċitata).

201 Barra minn hekk, sabiex tipi ta' aġir differenti jiġu kklassifikati bħala ksur uniku u kontinwu, ma hemmx lok li jiġi vverifikat jekk dawn għandhomx rabta ta' komplementarjetà, fis-sens li kull wieħed minnhom huwa intiż sabiex jittratta konsegwenza jew konsegwenzi tal-kors normali tal-kompetizzjoni, u jikkontribwixxu, permezz ta' interazzjoni, għat-twettiq tal-effetti antikompetittivi kollha mixtieqa mill-awturi tagħhom, fil-kuntest ta' pjan ġenerali li jipprevedi għan wieħed. Min-naħa l-oħra, il-kundizzjoni dwar il-kunċett ta' għan wieħed timplika li għandu jiġi vverifikat jekk hemmx xi elementi li jikkaratterizzaw id-diversi tipi ta' aġir li jagħmlu parti mill-ksur li jistgħu jindikaw li l-aġir materjali ta' impriżi parteċipanti oħrajn ma għandhomx l-istess għan jew l-istess effett antikompetittiv u konsegwentement ma jaqgħux taħt "pjan ġenerali" minħabba l-għan identiku tagħhom ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Siemens *et* vs Il-Kummissjoni, C-239/11 P, C-489/11 P u C-498/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:866, punti 247 u 248).

202 Barra minn hekk, sa fejn il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu twassal li impriża tiġi imputata bil-parteċipazzjoni fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, għandu jitfakkar li, fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni, fil-każ ta' tilwima dwar l-eżistenza ta' ksur, hija l-Kummissjoni li għandha ġġib il-prova tal-ksur li hija tikkonstata u li tistabbilixxi l-provi xierqa sabiex tipprova, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-eżistenza tal-fatti li jikkostitwixxu ksur (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

203 Sabiex tiġi ppruvata l-eżistenza ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE, huwa neċessarju li l-Kummissjoni tikkunsidra provi serji, preċiżi u konkordanti. Madankollu, mhux kull prova prodotta minn din tal-aħħar għandha neċessarjament tissodisfa dawn il-kriterji fir-rigward ta' kull element tal-ksur. Huwa biżżejjed li l-ġabra ta' indizji invokati mill-imsemmija istituzzjoni, evalwati globalment, tissodisfa dan ir-rekwiżit (ara s-sentenza tal-1 ta' Lulju 2010, Knauf Gips vs Il-Kummissjoni, C-407/08 P, EU:C:2010:389, punt 47 u l-ġurisprudenza ċċitata).

204 Barra minn hekk, l-eżistenza ta' dubju f'moħħ il-qorti għandha tmur favur l-impriża destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur. Fil-fatt, il-preżunzjoni ta' innoċenza tikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li llum il-ġurnata huwa stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 72 u l-ġurisprudenza ċċitata).

205 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li l-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza japplika għall-proċeduri relatati ma' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' multi jew ta' penalità (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:738, punt 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

206 F'dan il-każ, bħalma diġà ġie enfasizzat fil-punt 70 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni applikat din il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu għal tliet gruppi ta' aġir skont jekk dawn jirrigwardawx, l-ewwel nett, il-manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet lill-Euribor (premessi 113, 358 u 392(a): skambji

dwar il-preferenzi għal livell ta' rati tal-Euribor; premessi 113, 358 u 392(d): skambji dwar il-possibbiltà li jallinjaw is-sottomissjonijiet lill-Euribor; premessi 113, 358 u 392(e): kuntatt mill-operatur implikat tal-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet Euribor fi ħdan il-bank tagħha; premessi 113, 358 u 392(f): ftehimiet sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni tentattivi sabiex jiġu influwenzati s-sottomissjonijiet lill-Euribor), it-tieni nett, skambji dwar pożizzjonijiet ta' operar f'dak li jirrigwarda l-EIRD (premessi 113, 358 u 392(b): skambji dwar il-pożizzjonijiet ta' operar/espożizzjonijiet rispettivi; premessi 113, 358 u 392(c): skambji dwar il-possibbiltà li jallinjaw il-pożizzjonijiet ta' operar tagħhom) u, it-tielet nett, skambji dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġija fil-qasam ta' prezz tal-EIRD (premessi 113, 358 u 392(g)).

207 Il-motivi mqajma fid-deċiżjoni kkontestata sabiex tiġi ġġustifikata din il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu jinsabu fil-premessi 442 sa 492 tad-deċiżjoni kkontestata u huma mqassra fil-punt 19 iktar 'il fuq. Il-Kummissjoni ddeċidiet li kien hemm għan ekonomiku uniku (premessi 444 sa 450) u qieset li d-diversi tipi ta' aġir inkwistjoni kienu jaqgħu taħt skema ta' aġir komuni (premessi 451 sa 456) u li l-operaturi tal-banek inkwistjoni kienu jafu jew misshom kienu jafu bil-portata ġenerali u l-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju fit-totalità tiegħu (premessi 457 sa 483).

208 Bħalma jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 197 u 198 iktar 'il fuq, tliet elementi huma determinanti sabiex jiġi konkluż li impriża pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu. L-ewwel wieħed jirrigwarda l-eżistenza nfisha tal-ksur uniku u kontinwu. Id-diversi tipi ta' aġir inkwistjoni għandhom jaqgħu taħt "pjan ġenerali" li għandu għan uniku. It-tieni u t-tielet elementi jirrigwardaw l-imputabbiltà tal-ksur uniku u kontinwu għal impriża. Minn naħa, din l-impriża kellu jkollha l-intenzjoni li tikkontribwixxi bl-aġir rispettiv tagħha għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha. Min-naħa l-oħra, hija ried ikollha għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur maħsub jew implimentat minn impriżi oħrajn fit-tfittxija tal-istess għanijiet, jew setgħet raġonevolment tipprevedih u tkun lesta li taċċetta dan ir-riskju. L-eżistenza ta' dawn it-tliet elementi hija kkontestata fit-tieni, it-tielet u r-raba' motiv tar-rikorrenti, rispettivament.

a) Fuq it-tieni motiv, li jikkontesta l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" li għandu għan uniku

209 Fil-kuntest tat-tieni motiv tagħhom, ir-rikorrenti jikkontestaw l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" li għandu għan uniku u jiddeduċu minnu li l-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu mogħtija mill-Kummissjoni hija żbaljata.

210 Il-motivi rilevanti tad-deċiżjoni kkontestata jinsabu fil-premessi 444 sa 456 tad-deċiżjoni kkontestata, taħt it-titolu "Għan ekonomiku uniku" [traduzzjoni mhux uffiċjali] u "Skema ta' aġir komuni" u ġew mqassra fil-punt 19 iktar 'il fuq.

211 L-argumenti tar-rikorrenti li jinsabu fit-tieni motiv jistgħu jiġi maqsuma f'żewġ partijiet, skont jekk dawn jirrigwardawx, essenzjalment, l-għan uniku tal-ksur jew l-eżistenza ta' "pjan ġenerali".

1) Fuq l-ewwel parti tal-motiv, dwar l-għan uniku tal-ksur

212 Skont ir-rikorrenti, diskussjonijiet bejn operaturi fuq kwistjonijiet li ma humiex relatati mal-manipulazzjoni tar-rati ta' referenza ma jistax ikollhom l-istess għan uniku bħal diskussjonijiet dwar il-manipulazzjoni tal-imsemmija rati.

213 Il-Kummissjoni tqis li l-aġir kollu inkwistjoni jista' jkun marbut mal-għan uniku li hija identifikat.

214 Fil-premessa 445 tad-deċiżjoni kkontestata, l-għan uniku kkunsidrat mill-Kummissjoni ġie ppreżentat bħala t-"[tnaqqis tal-] flussi tal-flus [li l-partijiet fl-akkordju] ikollhom iħallsu (jew [iż-żieda ta'] dawk li jkollhom jirċievu) u konsegwentement [iż-żieda] tal-valur tal-EIRD li huma kellhom fil-portafoll tagħhom, b'detriment tal-kontropartijiet għal dawn l-EIRD" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

215 Bħalma ġie spjegat fil-punt 100 iktar 'il fuq, il-flussi tal-flus marbuta ma' EIRD jirriżultaw mid-differenza bejn ir-rata fissa tal-kuntratt, jiġifieri dik li hija nnegozjata bejn il-partijiet, u r-rata varjabbli, li hija skont ir-rata ta' referenza.

216 B'mod preliminari, għandu jitfakkar li l-kunċett ta' għan uniku ma jistax jiġi ddeterminat b'riferiment ġenerali għad-distorsjoni tal-kompetizzjoni f'suq partikolari, peress li l-effett fuq il-kompetizzjoni jikkostitwixxi, bħala oġġett jew effett, element kostituttiv ta' kull aġir li jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE. Tali definizzjoni tal-kunċett ta' għan uniku toħloq ir-riskju li l-kunċett ta' ksur uniku u kontinwu titneħħielu parti mis-sens tiegħu sa fejn dan għandu bħala konsegwenza li diversi tipi ta' aġir, dwar settur ekonomiku, ipprojbiti mill-Artikolu 101(1) TFUE jkollhom, b'mod sistematiku, jiġu kklassifikati bħala elementi kostituttivi ta' ksur uniku (sentenzi tat-12 ta' Diċembru 2007, BASF u UCB vs Il-Kummissjoni, T-101/05 u T-111/05, EU:T:2007:380, punt 180, tat-28 ta' April 2010, Amann & Söhne u Cousin Filterie vs Il-Kummissjoni, T-446/05, EU:T:2010:165, punt 92, tat-30 ta' Novembru 2011, Quinn Barlo *et* vs Il-Kummissjoni, T-208/06, EU:T:2011:701, punt 149).

217 Minn dan jirriżulta neċessarjament li huma biss restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li fir-rigward tagħhom intwera li dawn kellhom bħala għan li joħolqu distorsjoni tal-kors normali jew tar-rata fissa jew tar-rata varjabbli tal-EIRD, li jistgħu jaqgħu taħt l-għan uniku kkunsidrat mill-Kummissjoni. Fil-fatt, ikun kuntrarju għall-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 216 iktar 'il fuq li fl-imsemmi għan jiġi inkluż aġir restrittiv tal-kompetizzjoni li ma għandux rabta suffiċjentement mill-qrib mal-iffissar ta' dawn ir-rati.

218 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat jekk it-tliet gruppi ta' aġir enfasizzati mill-Kummissjoni u mfakkra fil-punti 70 u 206 iktar 'il fuq jistgħux jiġu marbuta ma' dan l-għan uniku. F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, l-aġir li jirrigwarda l-manipulazzjoni tas-sottomissjonijiet lill-Euribor u, min-naħa l-oħra, l-iskambji li jirrigwardaw pożizzjonijiet ta' operar f'dak li jirrigwarda l-EIRD kif ukoll dawk li jirrigwardaw informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli lill-pubbliku fuq l-intenzjonijiet u l-istrateġija fil-qasam tal-prezz tal-EIRD.

219 F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-manipulazzjonijiet tas-sottomissjonijiet lill-Euribor, sa fejn ir-rata varjabbli ta' EIRD hija bbażata direttament fuq ir-rata ta' referenza, dawn jaqgħu neċessarjament taħt l-għan uniku identifikat mill-Kummissjoni.

220 Fir-rigward ta' HSBC, jistgħu għaldaqstant mingħajr diffikultà jiġu inklużi f'dan l-għan id-diskussjonijiet tat-12, it-13 u t-28 ta' Frar u d-19 ta' Marzu 2007 imsemmija fil-punti 85, 163 u 164 iktar 'il fuq li jidħlu fil-perspettiva tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007.

221 Fir-replika tagħhom, ir-rikorrenti jargumentaw, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma ppruvatx li xi manipulazzjonijiet dwar diversi maturitajiet ta' rati ta' referenza kienu suffiċjentement relatati bejniethom sabiex ikunu parti mill-istess ksur uniku.

222 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni kkunsidrat fil-konfront ta' HSBC li dan ipparteċipa f'diskussjoni fis-27 ta' Marzu 2007, deskritta fil-premessa 339 tad-deċiżjoni kkontestata, li matulha l-operatur ta' Barclays qies il-possibbiltà ta' manipulazzjoni futura tar-rati ta' referenza. Minħabba din id-diskussjoni, li l-għan restrittiv tal-kompetizzjoni tagħha ma huwiex ikkontestat mir-rikorrenti, it-tmiem tal-perijodu tal-ksur deċiż fil-konfront tar-rikorrenti ġie stabbilit għas-27 ta' Marzu 2007.

223 Minkejja li din il-kritika tar-rikorrenti ġiet ippreżentata b'mod sommarju u biss fl-istadju tar-replika, din madankollu tista' tiġi eżaminata mill-Qorti Ġenerali. Minn naħa, din il-qorti qiegħda f'pożizzjoni li tifhem is-sens ta' din il-kritika u, min-naħa l-oħra, din tikkostitwixxi sempliċi estensjoni tal-argumenti li diġà jinsabu fir-rikors u mhux il-preżentazzjoni ta' motiv ġdid matul l-istanza li huwa pprojbit bl-Artikolu 84(1) tar-Regoli tal-Proċedura. Fil-fatt, din il-kritika għandha rabta suffiċjentement

mill-qrib mar-rikors sabiex din tkun tista' titqies li tirriżulta mill-iżvilupp normali tad-dibattitu fi proċedura kontenzjuża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2017, Petrov *et* vs Il-Parlament, T-452/15, EU:T:2017:822, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

224 Fir-rigward tal-fondatezza ta' din il-kritika, għandu jiġi enfasizzat li, minkejja li l-ġurisprudenza msemmija fil-punt 216 iktar 'il fuq tipprekludi lill-Kummissjoni milli tagħti definizzjoni tal-għan uniku tant wiesgħa li tkun qisha riferiment ġenerali għal distorsjoni tal-kompetizzjoni f'settur partikolari, ikun kuntrarju għal-loġika tal-kunċett ta' ksur uniku li wieħed jimponi fuq il-Kummissjoni, fid-definizzjoni ta' dan l-għan uniku, obbligu ta' tali preċiżjoni li hija tiġi prekluża, fil-fatt, milli tinkludi fl-istess ksur aġir differenti.

225 Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li diversi manipulazzjonijiet tar-rati ta' referenza jistgħu jaqgħu taħt l-istess għan uniku.

226 Fit-tieni lok, f'dak li jirrigwarda l-iskambji dwar pożizzjonijiet ta' operar u dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-intenzjonijiet u l-istrateġija fil-qasam tal-prezz tal-EIRD, għandu jiġi rrilevat, preliminarjament, li hawnhekk inkwistjoni hemm biss l-imsemmija skambji li ma seħħewx fid-dawl ta' manipulazzjoni tar-rata ta' referenza jew flimkien magħha.

227 Fil-fatt, id-diskussjonijiet bejn operaturi li seħħew fid-dawl ta' manipulazzjoni tar-rati ta' referenza jew flimkien ma' tali manipulazzjoni jaqgħu taħt l-għan uniku tal-ksur għar-raġunijiet esposti fil-punti 219 sa 225 iktar 'il fuq. Dan huwa l-każ, f'dak li jirrigwarda lil HSBC, għar-raġunijiet esposti fil-punti 181 u 182 iktar 'il fuq, tad-diskussjonijiet fuq il-pożizzjonijiet ta' operar li l-operaturi tiegħu pparteċipaw fihom fit-12, it-13 u t-28 ta' Frar, u d-19 ta' Marzu 2007.

228 Kuntrarjament għal dak li donnhom jargumentaw ir-rikorrenti, ma jistax jiġi eskluż *prima facie* li skambji dwar pożizzjonijiet ta' operar u dwar informazzjoni ddettaljata mhux aċċessibbli għall-pubbliku fuq l-intenzjonijiet u l-istrateġija tagħhom fil-qasam tal-prezz tal-EIRD, minkejja li dawn ma nżammux fid-dawl ta' manipulazzjoni tar-rati ta' referenza jew flimkien magħha, jistgħu jaqgħu taħt l-għan uniku kkunsidrat mill-Kummissjoni. Madankollu, għar-raġunijiet spjegati fil-punti 216 u 217 iktar 'il fuq, tali inklużjoni hija possibbli biss suġġett għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni tkun uriet li l-imsemmija skambji jkollhom bħala għan li joħolqu distorsjoni tal-kors normali jew tar-rata fissa, jew tar-rata varjabbli tal-EIRD. Fir-rigward ta' HSBC, mill-punti 139 sa 161 iktar 'il fuq jirriżulta li dan kien il-każ fil-kuntest tad-diskussjonijiet tal-14 u s-16 ta' Frar 2007 li l-operaturi tiegħu pparteċipaw fihom.

229 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, l-ewwel parti tal-motiv għandha tiġi miċħuda.

2) Fuq it-tieni parti tal-motiv, li tikkontesta l-eżistenza ta' "pjan ġenerali"

230 Essenzjalment, ir-rikorrenti jikkontestaw l-affermazzjoni tal-Kummissjoni, ibbażata fuq il-kwistjoni li d-diversi tipi ta' aġir kollużiv kienu jidħlu fi pjan ġenerali bl-għan li jiġu mtejba l-pożizzjonijiet ta' operar attwali u futuri tal-bank tagħhom, għar-raġuni li ma teżisti ebda prova ta' pjan globali. F'dan ir-rigward, huma jargumentaw, essenzjalment, li l-ġustifikazzjoni bbażata fuq l-allegazzjoni li dan l-aġir kien il-fatt "ta' grupp stabbli ta' individwi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] ma tistax tapplika għal HSBC. Barra minn hekk, ir-riferiment għas-"sigriet" fid-deċiżjoni kkontestata ma jippruvax l-eżistenza ta' għan ekonomiku uniku fir-rigward ta' aġir li, min-natura tiegħu stess, huwa differenti ħafna. Huma jargumentaw ukoll li l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, li jipprovdu li d-diskussjonijiet kellhom "l-istess jew kważi l-istess kontenut" jew li kienu jirrigwardaw "dejjem l-istess tipi ta' negozju" huma żbaljati fil-fatt mill-inqas f'dak li jirrigwarda lil HSBC.

231 Il-Kummissjoni targumenta, essenzjalment, li ppruvat b'mod suffiċjenti fid-dritt l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" fid-deċiżjoni kkontestata.

232 Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni, essenzjalment, ibbażat l-eżistenza ta' "pjan ġenerali", fil-premessa 446 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq iċ-ċirkustanza li l-partijiet aderixxew b'mod ċar għal strateġija komuni li kienet tillimita l-aġir kummerċjali individwali tagħhom billi ffissaw linji gwida għall-azzjoni jew astensjoni reċiproka tagħhom fis-suq, u b'dan il-mod issostitwixxew il-kompetizzjoni bejniethom għal kooperazzjoni b'detriment tal-parteċipanti l-oħrajn fis-suq. Hija enfasizzat ukoll, fil-premessa 451, li l-akkordju kien "immexxi u mkompli" [traduzzjoni mhux uffiċjali] minn grupp stabbli ta' persuni u, fil-premessa 452, li l-partijiet kienu segwew skema simili ħafna fl-attivitajiet antikompetittivi tagħhom. F'dan ir-rigward, hija enfasizzat, fil-premessi 452 sa 456, li l-kuntatti bejn il-banek kienu ta' spiss iseħħu b'mod parallel jew kienu viċin ħafna fiż-żmien, li l-lingwaġġ użat kien juri li dawn il-komunikazzjonijiet kienu ta' spiss jintużaw mill-persuni parteċipanti fl-akkordju, li l-partijiet kienu jieħdu prekawzjonijiet sabiex jaħbu l-kuntatti tagħhom u li l-komunikazzjonijiet varji kellhom kontenut identiku jew parzjalment identiku.

233 Fid-diversi motivi enfasizzati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali tirrileva li l-element ċentrali ta' natura li jipprova l-eżistenza ta' "pjan ġenerali" jinsab fl-enfasi, fil-premessa 451 tad-deċiżjoni kkontestata, fuq l-istipulazzjoni li l-akkordju kien "immexxi u mkompli" minn grupp stabbli ta' persuni.

234 Fil-fatt, il-motivi l-oħrajn li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata u mqassra fil-punt 232 iktar 'il fuq, bħas-similarità tal-attivitajiet antikompetittivi tal-operaturi fis-suq, il-frekwenza jew ir-rieda tal-imsemmija operaturi li jżommu l-aġir tagħhom sigriet, minkejja li dawn jistgħu jagħtu l-impressjoni li jeżisti "pjan ġenerali", ma jippruvawx, waħedhom, fin-nuqqas ta' punti iktar probatorji, l-eżistenza ta' tali pjan.

235 Għaldaqstant, huwa biss sa fejn dan l-aġir differenti jista' jitqies bħala immexxi jew ikkontrollat mill-istess grupp ta' persuni li jista' jitqies li hemm l-eżistenza ta' tali "pjan ġenerali", li tiġġustifika l-klassifikazzjoni ta' ksur uniku.

236 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma jikkontestawx il-materjalità tal-motiv ibbażat fuq il-fatt li l-akkordju kien immexxi u mkompli minn grupp stabbli ta' operaturi, iżda pjuttost jargumentaw li ebda wieħed mill-operaturi ta' HSBC ma kien parti minnu. Għandu jiġi kkonstatat li dan l-argument ma huwiex daqshekk fuq il-fondatezza tal-klassifikazzjoni ta' ksur uniku kkunsidrat mill-Kummissjoni, iżda pjuttost fuq l-imputabbiltà tiegħu lil HSBC, li taqa' taħt l-eżami tar-raba' motiv.

237 B'din ir-riżerva, it-tieni parti tal-motiv u, għaldaqstant, it-tieni motiv, għandhom jiġu miċħuda.

b) Fuq ir-raba' motiv, li jikkontesta l-għarfien minn HSBC tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-parteċipanti l-oħrajn

238 Ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li kkonkludiet li HSBC kellu, jew missu kellu, għarfien tal-aġir li allegatament jikkostitwixxi ksur tal-banek l-oħrajn. Huma jargumentaw li la l-motivi tad-deċiżjoni kkontestata dwar il-banek kollha, u lanqas dawk speċifikament dwar HSBC, ma jippruvaw li HSBC kellu jew missu kellu għarfien tal-portata ġenerali u tal-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju globali.

239 Ir-rikorrenti jargumentaw, b'mod partikolari, li mid-diskussjoni tat-12 ta' Frar 2007 jista' jiġi dedott biss li l-operatur ta' HSBC kellu idea approssimattiva tal-proġett ġenerali intiż li jiġi mmanipulat l-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007, mingħajr madankollu ma kien jaf liema banek kienu qegħdin jipparteċipaw fih, u jirrifjutaw li l-operatur ta' Barclays kien informa ċarament lil dak ta' HSBC bil-parteċipazzjoni tal-banek l-oħrajn fl-imsemmija manipulazzjoni jew li dan kien kompletament konxju tagħha. Fi kwalunkwe każ, l-eventwali għarfien tal-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn fil-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 ma jfissirx għarfien tal-iskema ikbar ta' kuntatti bejn banek oħrajn li seħħew fuq perijodu itwal. Bl-istess mod, iċ-ċirkustanza rrilevata fil-premessa 491

tad-deċiżjoni kkontestata li l-operatur ta' Barclays kien semma lil operatur ta' HSBC – fis-27 ta' Marzu 2007 – repetizzjoni fil-futur tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, hija nieqsa minn rilevanza fir-rigward ta' akkordju globali bejn it-12 ta' Frar 2007 u s-26 ta' Marzu 2007.

240 Il-Kummissjoni targumenta, b'mod preliminari, li, permezz tal-kuntatti tiegħu ma' Barclays, HSBC ipparteċipa fl-aġir antikompetittiv kollu li jikkostitwixxi l-ksur uniku u kontinwu u li din iċ-ċirkustanza hija biżżejjed sabiex hija timputalu r-responsabbiltà għall-imsemmi aġir kollu.

241 Il-Kummissjoni targumenta li madankollu hija ppruvat li HSBC kellu għarfien jew seta' raġonevolment jipprevedi l-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-impriżi l-oħrajn. Hija tagħmel riferiment f'dan ir-rigward għall-kontenut tal-iskambji bejn HSBC u Barclays tat-12 ta' Frar, is-7 u d-19 ta' Marzu 2007. Il-Kummissjoni tiċħad l-argument tar-rikorrenti li jipprovdi li l-għarfien minn HSBC tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 ma jimplikax dik ta' aġir antikompetittiv ieħor.

242 Il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata dwar l-għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur jinsabu fil-premessi 457 sa 465 tad-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward tal-motivi komuni għall-banek kollha, u fil-premessi 471 sa 476 tal-imsemmija deċiżjoni, fir-rigward tal-motivi speċifiċi għal HSBC.

243 F'dak li jirrigwarda l-motivi komuni għall-banek kollha, dawn huma bbażati fuq is-suppożizzjoni, stipulata fil-premessa 457 tad-deċiżjoni kkontestata, li l-operaturi parteċipanti fl-iskambji antikompetittivi kienu professjonisti kkwalifikati u kienu jafu jew misshom kienu jafu l-portata ġenerali u l-karatteristiċi tal-akkordju. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għamlet riferiment, fil-premessa 458, għall-kuntest speċifiku ħafna li l-operaturi joperaw fih, ikkaratterizzat bi skambji bilaterali, irreġistrati u kkontrollati. It-tieni nett, hija enfasizzat, fil-premessa 459, li l-operaturi involuti fil-ftehimiet kienu jafu li l-operaturi ta' banek oħrajn kienu disposti sabiex jipparteċipaw fl-istess tip ta' aġir kollużiv dwar il-komponenti ta' ffissar tal-prezzijiet u ta' kundizzjonijiet oħrajn ta' negozjar tal-EIRD. It-tielet nett, fil-premessi 460 sa 461 tad-deċiżjoni kkontestata, hija argumentat li l-provi kienu juru li kien jeżisti għarfien ġenerali wiesa' tan-natura deklaratorja tal-proċess ta' determinazzjoni tar-rati tal-Euribor u, għaldaqstant, tal-possibbiltà li jiġu mibdula permezz tas-sottomissjonijiet tal-banek tal-bord. Ir-raba' nett, fil-premessa 463, hija enfasizzat il-fatt li kull wieħed mill-banek inkwistjoni kien ilu attiv fis-suq inkwistjoni għal diversi snin u li l-operaturi ma wrewx li kienu sorpriżi meta ġew ippreżentati b'talba għal ftehim. Hija ddeduċiet minn dawn l-elementi meħuda flimkien, fil-premessi 462 u 464, essenzjalment, li l-operaturi parteċipanti fi skambji bilaterali kellhom għarfien jew imissu kellhom għarfien li probabbli diversi banek kienu involuti fl-arranġamenti kollużivi, anki jekk din l-informazzjoni ma kinitx ġiet żvelata lilhom b'mod espliċitu. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll, fil-premessa 465, li l-operaturi kienu s-suġġett ta' livell għoli ta' reġistrazzjoni u ta' sorveljanza, b'tali mod li l-bord ta' tmexxija tagħhom kellu jitqies li kellu għarfien, jew missu kellu għarfien, tal-karatteristiċi essenzjali tal-pjan kollużiv u tal-involviment tal-impjegati tagħhom fl-imsemmi pjan. Hija żiedet li hija kellha tieħu inkunsiderazzjoni l-prekawzjonijiet meħuda mill-operaturi sabiex jaħbu l-arranġamenti tagħhom.

244 F'dak li jirrigwarda l-motivi speċifiċi għal HSBC, il-Kummissjoni, l-ewwel nett, fil-premessa 471 tad-deċiżjoni kkontestata, enfasizzat li, sa mill-bidu tal-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur tat-12 ta' Frar 2007, l-operatur ta' Barclays spjegalu l-pjan fid-dawl tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 b'mod li kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn. It-tieni nett, fil-premessa 472, hija enfasizzat li l-operatur ta' HSBC kien konxju tar-rabtiet mill-qrib ħafna li kien hemm bejn l-operatur ta' Barclays ma' dawk ta' JP Morgan, tas-Société générale u ta' Deutsche Bank. It-tielet nett, fil-premessa 472, hija rrilevat li l-operaturi ta' Deutsche Bank u ta' Barclays kienu jqisu l-operatur ta' HSBC bħala sieħeb affidabbli fl-akkordju. Hija ddeduċiet minn dan, fil-premessa 473, li l-operaturi ta' HSBC kienu jafu jew, għall-inqas, misshom kienu jafu, li d-diskussjonijiet tagħhom ma' Barclays kienu jagħmlu parti minn netwerk ta' kuntatti antikompetittivi li kienu jinkludu mill-inqas lil Barclays, Deutsche Bank, is-Société générale, HSBC u bank wieħed ieħor jew diversi banek oħrajn mhux iċċitati li kienu ser jikkontribwixxu għat-twettiq tal-effetti antikompetittivi msemmija permezz

tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007. Barra minn hekk, fil-premessi 475 u 476, hija żiedet li, fid-dawl tal-perijodu qasir li fih HSBC kien involut fl-iskambji kollużivi, il-parteċipazzjoni tiegħu fil-pjan kienet kontinwa.

245 Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li l-argument tal-Kummissjoni, irripetut fil-punt 240 iktar 'il fuq, ibbażat fuq il-premessa li HSBC ipparteċipa fl-aġir antikompetittiv inkwistjoni kollu, li jagħmilha biżżejjed sabiex hija timputalu r-responsabbiltà għall-aġir kollu, ma jistax jiġi segwit.

246 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, mill-inqas fil-konfront ta' HSBC, l-aġir antikompetittiv ikkritikat seħħ fil-qafas ta' diskussjonijiet bilaterali. Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza li d-diskussjonijiet li HSBC ipparteċipa fihom setgħu jaqgħu taħt kull waħda mill-kategoriji msemmija fil-premessi 113, 358 u 392 tad-deċiżjoni kkontestata, anki jekk ippruvata, ma tistax, fiha nfisha, tkun biżżejjed sabiex HSBC tiġi imputata bir-responsabbiltà tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-banek li hija ma kellhiex kuntatti diretti magħhom. Skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 198 iktar 'il fuq, kien l-obbligu tal-Kummissjoni li tipprova li HSBC kellu għarfien ta' dan l-aġir li jikkostitwixxi ksur maħsub jew implimentat mill-banek l-oħrajn, jew li huwa seta' jipprevedih raġonevolment.

247 F'dan ir-rigward, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u l-eventwalità tar-repetizzjoni tagħha u, min-naħa l-oħra, l-aġir l-ieħor meħud inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni bħala l-ksur uniku.

1) Fuq l-għarfien minn HSBC tal-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn fil-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u l-eventwalità tar-repetizzjoni tagħha

248 Mit-12 ta' Frar sad-19 ta' Marzu 2007, HSBC ipparteċipa fil-manipulazzjoni deskritta fil-punti 85 sa 90 iktar 'il fuq intiża li jsir profitt minn sottomissjonijiet baxxi lill-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007. Barra minn hekk, f'konverżazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 li nżammet bejn wieħed mill-operaturi ta' HSBC u l-operatur ta' Barclays, imsemmija fil-premessa 329 tad-deċiżjoni kkontestata, ġie invokat il-prinċipju ta' repetizzjoni ta' din il-manipulazzjoni. Din ir-repetizzjoni mill-ġdid ġiet maħsuba mill-operatur ta' Barclays f'diskussjoni ma' operatur ieħor ta' HSBC fis-27 ta' Marzu 2007, imsemmija fil-premessa 339 tad-deċiżjoni kkontestata.

249 Għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, il-Kummissjoni għandha provi diretti li juru l-għarfien minn HSBC tal-fatt li hija kienet qiegħda tipparteċipa fi ksur uniku u kontinwu ma' banek oħrajn.

250 Il-Kummissjoni fil-fatt ġustament tagħmel riferiment, fil-premessa 471 tad-deċiżjoni kkontestata, għall-konverżazzjoni tat-12 ta' Frar 2007 bħala li tiżvela dan l-għarfien minn HSBC tal-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn.

251 Il-qari ta' din il-konverżazzjoni juri li l-operatur ta' Barclays iwassal il-konverżazzjoni fuq il-benefiċċju li jista' jittieħed minn manipulazzjoni tal-"ispread" bejn żewġ derivattivi, il-"futuri" bbażati fuq l-Euribor-3M u swaps ibbażati fuq l-EONIA tad-19 ta' Marzu 2007.

252 Minn naħa, minn din id-diskussjoni jirriżulta li matulha l-operatur ta' Barclays jiżvela lil HSBC il-"pjan ġenerali" tal-manipulazzjoni maħsuba: jiġifieri żieda progressiva tal-pożizzjonijiet twal fil-"futuri" indiċjati fuq l-Euribor-3M, u wara azzjoni miftiehma sabiex ibaxxu din ir-rata fid-19 ta' Marzu 2007.

253 F'dan ir-rigward, kuntrarjament għal dak li jargumentaw ir-rikorrenti, il-konverżazzjoni ulterjuri tat-13 ta' Frar 2007, li fiha l-operatur ta' HSBC jenfasizza li l-aġir ta' dak ta' Barclays ma huwiex konformi mal-pjan invokat lejliet, jiżvela li huwa fehem sew kif għandha taħdem il-manipulazzjoni. Fil-fatt, l-operatur ta' HSBC jarah suspettuż li l-aġir ta' Barclays ma jidħolx fis-sens tal-istrateġija ddefinita.

Minkejja li t-tweġiba ta' Barclays ("je clean juste quelque truc") ma tantx tidher li tikkonvinċih ("mouai[s]"), xorta jibqa' l-fatt li l-enfasi mill-operatur ta' HSBC fuq aġir ta' Barclays apparentement kuntrarju għall-manipulazzjoni maħsuba huwa sinjal li huwa fehem sew.

254 Min-naħa l-oħra, l-operatur ta' Barclays enfasizza fil-konverżazzjoni tat-12 ta' Frar 2007 li xi banek oħrajn kienu qegħdin jipparteċipaw f'din il-manipulazzjoni, minkejja li huwa ma xtaqx jiżvela l-identità tagħhom. Minn dan isegwi li l-operatur ta' HSBC kien fil-fatt konxju taċ-ċirkustanza li xi banek oħrajn kienu qegħdin jipparteċipaw fl-imsemmija manipulazzjoni.

255 B'dan il-mod, anki jekk l-identità tagħhom ma ġietx żvelata mill-operatur ta' Barclays, wara din il-konverżazzjoni, l-operatur ta' HSBC kellu għarfien tal-fatt li ċertu numru ta' banek, permezz ta' azzjoni miftiehma, kienu ser ibaxxu r-rata tal-Euribor fid-19 ta' Marzu 2007. Għaldaqstant, għandu jiġi konkluż li HSBC kellu għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur maħsub jew implimentat minn impriżi oħrajn fit-tfittxija tal-istess għanijiet fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 198 iktar 'il fuq.

256 Din il-konklużjoni għandha tiġi estiża wkoll għad-diskussjonijiet dwar il-prinċipju ta' repetizzjoni ta' din il-manipulazzjoni, li nżammu fit-19 u s-27 ta' Marzu 2007. Fil-fatt, l-operaturi ta' HSBC li pparteċipaw f'dawn id-diskussjonijiet setgħu raġonevolment jipprevedu li tali repetizzjoni ssir skont modalitajiet ekwivalenti u għalhekk ma' banek oħrajn.

257 Barra minn hekk, għandu jiġi konkluż li l-parteċipazzjoni ta' HSBC f'dan il-ksur uniku seħħet b'mod kontinwu mit-12 sas-27 ta' Marzu 2007.

258 F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-prinċipju ta' ċertezza legali jeżigi li, fl-assenza ta' provi li jistgħu jistabbilixxu direttament it-tul ta' ksur, il-Kummissjoni tinvoka, għall-inqas, provi relatati ma' fatti li ġraw fi żmien qrib biżżejjed, b'mod li jkun jista' jiġi raġonevolment ammess li dan il-ksur ma kienx interrott bejn żewġ dati preċiżi (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, FSL *et* vs Il-Kummissjoni, T-655/11, EU:T:2015:383, punt 482 u l-ġurisprudenza ċċitata).

259 Għalkemm il-perijodu bejn żewġ manifestazzjonijiet ta' aġir li jikkostitwixxi ksur huwa kriterju rilevanti sabiex tiġi stabbilita n-natura kontinwa ta' ksur, xorta jibqa' l-fatt illi l-kwistjoni jekk l-imsemmi perijodu huwiex twil biżżejjed jew le sabiex jikkostitwixxi interruzzjoni tal-ksur ma għandhiex tiġi eżaminata fl-astratt. Għall-kuntrarju, din għandha tiġi evalwata fil-kuntest tat-tħaddim tal-akkordju inkwistjoni (ara s-sentenza tas-16 ta' Ġunju 2015, FSL *et* vs Il-Kummissjoni, T-655/11, EU:T:2015:383, punt 483 u l-ġurisprudenza ċċitata).

260 Ċertament, fil-kuntest tat-tħaddim tal-ksur inkwistjoni, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura ta' kuljum tal-iffissar tar-rati tal-Euribor. Minn dan jirriżulta neċessarjament li manipulazzjoni tal-imsemmija rati jkollha l-effetti tagħha limitati *ratione temporis* u teħtieġ li tiġi rrepetuta sabiex l-imsemmija effetti jkomplu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni, T-180/15, EU:T:2017:795, punt 222).

261 Bl-istess mod, għandu jitfakkar li, fiċ-ċirkustanzi fejn it-tkomplija ta' ftehim jew ta' prattiki miftiehma teżiġi miżuri pożittivi partikolari, il-Kummissjoni ma tistax tippreżumi t-tkomplija tal-akkordju fl-assenza ta' prova tal-adozzjoni tal-imsemmija miżuri (ara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni, T-180/15, EU:T:2017:795, punt 223 u l-ġurisprudenza ċċitata).

262 Madankollu, f'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, fid-19 ta' Marzu 2007, HSBC mhux biss ipparteċipa fil-manipulazzjoni prevista f'din id-data billi kellu għarfien tal-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn, iżda wkoll, permezz tal-operaturi tiegħu, iddiskuta l-prinċipju tar-repetizzjoni ta' din il-manipulazzjoni ma' Barclays, diskussjoni li tkompliet minn operatur ieħor ta' HSBC fis-27 ta' Marzu 2007. Għalhekk jista' jiġi konkluż li ġew adottati miżuri pożittivi partikolari fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 261 iktar 'il fuq.

2) Fuq l-għarfien minn HSBC tal-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn fl-aġir l-ieħor li jaqa' taħt il-ksur uniku

263 Inkwistjoni hawnhekk hemm il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni setgħetx timputa lil HSBC, minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fil-ksur uniku, l-aġir kollu tal-banek ikkonċernati l-oħrajn.

264 Mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 198 u 199 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Kummissjoni setgħet turi, alternattivament, minn naħa, l-għarfien minn HSBC tal-eżistenza ta' aġir ieħor li jikkostitwixxi ksur jew, min-naħa l-oħra, li HSBC seta' raġonevolment jipprevedih. Bl-istess mod, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 203 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni tista' tibbaża ruħha fuq ġabra ta' indizji.

265 Madankollu, minn din l-istess ġurisprudenza jirriżulta li din il-ġabra ta' indizji, evalwata globalment, għandha tikkorrispondi ma' provi serji, preċiżi u konkordanti. Barra minn hekk, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 204 iktar 'il fuq, il-preżunzjoni ta' innoċenza timplika li, jekk il-qorti jkun għad għandha xi dubju, dan għandu jmur favur l-impriża destinatarja tad-deċiżjoni li tikkonstata ksur.

266 Fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti jargumentaw ġustament, essenzjalment, li l-Kummissjoni ma ppruvatx b'mod suffiċjenti fid-dritt, fid-deċiżjoni kkontestata, li HSBC kellu għarfien, jew missu kellu għarfien, tal-eżistenza ta' "pjan ġenerali" li għandu għan uniku, ta' natura li jiġġustifika li jkun imputat lilu l-aġir kollu li jaqa' taħt l-imsemmi għan uniku, irrispettivament minn jekk huwa pparteċipax direttament fih jew le.

267 Fil-fatt, għar-raġunijiet esposti fil-punti 233 sa 235 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li l-element ċentrali li jippermetti li tiġi ġġustifikata l-eżistenza ta' tali "pjan ġenerali" jinsab fil-fatt li d-diversi tipi ta' aġir fil-ksur uniku meqjus ġew immexxija jew ikkontrollati mill-istess grupp ta' persuni.

268 Issa, ir-rikorrenti jenfasizzaw ġustament li ebda wieħed mill-operaturi ta' HSBC ma kien jagħmel parti minn dan il-grupp ta' persuni. Għall-kuntrarju, mid-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-operaturi ta' HSBC irċivew minn dak ta' Barclays biss informazzjoni inkompluta ħafna, limitata għal dak li kien strettament neċessarju għall-parteċipazzjoni tiegħu biss fil-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, u wara għar-repetizzjoni tagħha.

269 Għaldaqstant, ma jistax jiġi konkluż li l-operaturi ta' HSBC kien imisshom, huma nfushom, jestrapolaw mill-biċċiet ta' informazzjoni li kienet ġiet ikkomunikata lilhom fil-kuntest ta' aġir iddeterminat sew – il-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 – li grupp stabbli ta' operaturi, li l-identità tagħhom ma ġietx żvelata lilhom, kien qiegħed jipparteċipa f'aġir ieħor restrittiv tal-kompetizzjoni fis-suq tal-EIRD.

270 Fit-tieni lok u għal raġunijiet analogi, il-motivi tad-deċiżjoni kkontestata, imqassra fil-punti 242 sa 244 iktar 'il fuq, ma jippermettux li jintwera li HSBC kellu għarfien tal-aġir li jikkostitwixxi ksur tal-impriżi l-oħrajn jew li seta' raġonevolment jipprevedi.

271 Fil-fatt, bl-eċċezzjoni tal-enfasi mill-Kummissjoni fuq il-fatt li l-operatur ta' Barclays spjega lill-operatur ta' HSBC il-pjan fid-dawl tal-manipulazjoni tad-19 ta' Marzu 2007 b'mod li kien jinvolvi l-parteċipazzjoni ta' banek oħrajn, għandu jiġi kkonstatat li l-punti l-oħrajn imqajma mill-Kummissjoni huma bbażati, fir-realtà, fuq il-premessa li l-operaturi ta' HSBC kien imisshom jiddeduċu mill-fatt li operaturi ta' banek oħrajn li joperaw fis-suq tal-EIRD kienu jafu lil xulxin, li dawn kienu involuti fi prattiċi oħrajn restrittivi tal-kompetizzjoni li jistgħu jkollhom effett fuq il-flussi tal-flus iġġenerati mill-EIRD.

272 Għandu jiġi kkonstatat li tali premessa ma tistax tiġi aċċettata mingħajr ma tiġi injorata l-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 203 iktar 'il fuq.

273 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-parteċipazzjoni ta' HSBC fi ksur uniku u kontinwu setgħet titqies biss fil-konfront, minn naħa, tal-aġir rispettiv tagħha fl-imsemmi ksur u, min-naħa l-oħra, tal-aġir tal-banek l-oħrajn li jagħmlu parti mill-qafas tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tal-eventwali repetizzjoni tagħha.

274 Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet żbaljata meta imputat lil HSBC b'aġir ieħor differenti minn dak identifikat fil-punt 273 iktar 'il fuq.

c) Fuq it-tielet motiv, dwar l-intenzjoni ta' HSBC li jipparteċipa fil-ksur uniku u kontinwu

275 Fil-kuntest tat-tielet motiv tagħhom, ir-rikorrenti jargumentaw, essenzjalment, li l-kundizzjoni li tinsab fil-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 198 iktar 'il fuq – skont liema impriża għandu jkollha l-intenzjoni li tikkontribwixxi bl-aġir rispettiv tagħha għall-għanijiet komuni mfittxija mill-parteċipanti kollha – ma hijiex issodisfatta fil-konfront tagħhom.

276 F'dan il-kuntest, huma jargumentaw, essenzjalment, li HSBC ma setax ikun konxju li pparteċipa fi ksur uniku fid-dawl tad-diversità tal-aġir li huwa kkritikat bih. Ir-rikorrenti jenfasizzaw ukoll il-fatt li HSBC ipparteċipa fil-ksur b'mod differenti u iktar sekondarju mill-atturi prinċipali.

277 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

278 Fid-dawl tal-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali dwar ir-raba' motiv, bħalma tirriżulta mill-punt 274 iktar 'il fuq, huwa biżżejjed jiġi eżaminat dan il-motiv f'dak li jirrigwarda l-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u r-repetizzjoni tagħha.

279 Issa, fir-rigward tagħhom, l-intenzjoni li jipparteċipaw fi ksur uniku tirriżulta b'mod ċar mill-provi prodotti mill-Kummissjoni. Fir-rigward b'mod iktar partikolari tal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007, filwaqt li huwa minnu li l-operatur ta' HSBC jidher li kellu dubji dwar il-funzjonament ta' din il-manipulazzjoni – bħalma turi d-diskussjoni tat-13 ta' Frar 2007 u d-dispjaċir li huwa jidher li kellu sussegwentement li ma beniex pożizzjoni ikbar ta' xerrej ta' "futuri" indiċjati fuq l-Euribor-3M –, xorta jibqa l-fatt li huwa pparteċipa, flimkien mal-operaturi tal-banek l-oħrajn, fil-manuvra li jitbaxxew ir-rati tal-Euribor-3M fid-19 ta' Marzu 2007, billi talab lill-persuna responsabbli mis-sottomissjonijiet fi ħdan il-bank tiegħu tippreżenta sottomissjonijiet baxxi dakinhar, kif fil-fatt sar.

280 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

3. Fuq il-ħames motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali fid-dawl tal-iżvolġiment tal-proċedura amministrattiva

281 Ir-rikorrenti jargumentaw li d-deċiżjoni ta' riżolviment iġġudikat minn qabel ir-responsabbiltà ta' HSBC u imminat irrimedjabbilment id-dritt tagħhom għal smigħ. Huma jiddeduċu minn dan li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata minħabba ksur, minn naħa, tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza u, min-naħa l-oħra, tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' rispett tad-drittijiet tad-difiża. Huma jagħmlu riferiment ukoll għad-dikjarazzjonijiet tal-kummissarju Almunia dwar ir-riżultati tal-istħarriġ dwar l-EIRD u qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Huma jenfasizzaw ukoll li ma kellhomx il-possibbiltà li jippreżentaw osservazzjonijiet fuq id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet indirizzata lill-partijiet li ddeċidew li jaslu għal riżoluzzjoni.

282 Il-Kummissjoni titlob li dan il-motiv jiġi miċħud.

283 Fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni ta' riżolviment ġiet adottata bi ksur tal-prinċipju ta' preżunzjoni tal-innoċenza, għandu jitfakkar li l-imsemmi prinċipju jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li llum il-ġurnata huwa stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li japplika għall-proċeduri relatati ma' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi li jistgħu jirriżultaw fl-impożizzjoni ta' multi jew ta' penalità (ara s-sentenza tat-22 ta' Novembru 2012, E.ON Energie vs Il-Kummissjoni, C-89/11 P, EU:C:2012:738, punti 72 u 73 u l-ġurisprudenza ċċitata).

284 Il-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza jimplika li kull persuna akkużata hija preżunta innoċenti sakemm ma tiġix ippruvata l-ħtija tagħha skont il-liġi. Dan il-prinċipju għalhekk jipprekludi kwalunkwe konstatazzjoni formali kif ukoll kwalunkwe allużjoni li għandhom bħala għan ir-responsabbiltà ta' persuna akkużata bi ksur partikolari f'deċiżjoni li ttemm l-azzjoni, mingħajr ma din il-persuna tkun ingħatat l-opportunità sabiex tibbenefika mill-garanziji kollha li huma inerenti fl-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża fil-kuntest ta' proċedimenti li jsegwu l-kors normali tagħhom u li jwasslu għal deċiżjoni dwar il-fondatezza tal-kontestazzjoni (sentenza tal-10 ta' Novembru 2017, Icap *et* vs Il-Kummissjoni, T-180/15, EU:T:2017:795, punt 257 u l-ġurisprudenza ċċitata).

285 Barra minn hekk, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-Kummissjoni hija obbligata tirrispetta, matul proċedura amministrattiva fil-qasam ta' akkordji, id-dritt għal amministrazzjoni tajba, irrikonoxxut fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 154 u l-ġurisprudenza ċċitata).

286 Skont l-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, kull persuna għandha d-dritt, b'mod partikolari, li l-kawżi tagħha jinstemgħu b'mod imparzjali mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-rekwiżit ta' imparzjalità jkopri, minn naħa, l-imparzjalità suġġettiva, fis-sens li ebda membru tal-istituzzjoni kkonċernata li jkun responsabbli mill-każ ma għandu juri li ħa pożizzjoni jew li għandu preġudizzju personali u, min-naħa l-oħra, l-imparzjalità oġġettiva, fis-sens li l-istituzzjoni għandha toffri garanziji suffiċjenti sabiex jiġi eskluż f'dan ir-rigward kull dubju leġittimu (ara s-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 155 u l-ġurisprudenza ċċitata).

287 Madankollu, il-kwistjoni dwar jekk eventwali nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni li seta' jirriżulta minn ksur tal-prinċipju tal-preżunzjoni ta' innoċenza fil-konfront ta' HSBC meta ġiet adottata d-deċiżjoni ta' riżolviment setax ikollu effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata hija indissoċjabbli mill-kwistjoni dwar jekk il-konstatazzjonijiet magħmula fl-imsemmija deċiżjoni humiex debitament issostanzjati mill-provi prodotti mill-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Lulju 2000, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, T-62/98, EU:T:2000:180, punt 270, u tas-16 ta' Ġunju 2011, Bavaria vs Il-Kummissjoni, T-235/07, EU:T:2011:283, punt 226).

288 B'dan il-mod, jekk wieħed jassumi li eventwali nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni setgħet wasslitha sabiex tqis, b'mod żbaljat, minn naħa, li d-diskussjonijiet tad-9 u tal-14 ta' Marzu 2007 li HSBC kien ipparteċipa fihom kellhom għan restrittiv tal-kompetizzjoni jew, min-naħa l-oħra, li seta' jiġi imputat lilu taħt il-ksur uniku u kontinwu ċertu aġir tal-banek l-oħrajn, mhux marbut mal-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u tar-repetizzjoni tagħha, għandu jiġi rrilevat li l-illegalità ta' dawn l-aspetti tad-deċiżjoni kkontestata diġà ġiet irrilevata wara l-eżami tat-tieni parti tal-ewwel motiv u tar-raba' motiv, rispettivament.

289 Fir-rigward tal-konstatazzjonijiet l-oħrajn magħmula fid-deċiżjoni kkontestata, l-irregolarità marbuta ma' eventwali nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni tista' twassal għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni biss jekk ikun ġie stabbilit li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti (sentenza tas-6 ta' Lulju 2000, Volkswagen vs Il-Kummissjoni, T-62/98, EU:T:2000:180, punt 283). Issa, f'dan il-każ, fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' stħarriġ sħiħ tal-motivi rilevanti ta' din id-deċiżjoni, ġie kkonstatat li, bl-eċċezzjoni tal-aspetti msemmija

fil-punt 288 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni kienet stabbilixxiet b'mod suffiċjenti fid-dritt il-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur inkwistjoni. Għaldaqstant, xejn ma jagħti l-preżunzjoni li, fl-assenza tal-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' riżolviment qabel dik tad-deċiżjoni kkontestata, il-kontenut ta' din tal-aħħar kien ikun differenti.

290 Fir-replika tagħhom, ir-rikorrenti jargumentaw li n-nuqqas ta' imparzjalità oġġettiva tal-Kummissjoni fiċ-ċirkustanzi tal-każ huwa ikbar milli fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tas-6 ta' Lulju 2000, Volkswagen vs Il-Kummissjoni (T-62/98, EU:T:2000:180, punti 270 u 283) u tas-16 ta' Ġunju 2011, Bavaria vs Il-Kummissjoni (T-235/07, EU:T:2011:283, punt 226), peress li, f'dawn il-kawżi, in-nuqqas ta' imparzjalità nħoloq wara li l-partijiet kienu nstemgħu.

291 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li l-prinċipju skont liema irregolarità ta' dan it-tip tista' twassal għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata biss jekk ikun ippruvat li, fl-assenza ta' din l-irregolarità, din id-deċiżjoni kien ikollha kontenut differenti, jagħmel parti minn ġurisprudenza stabbilita sew, li tmur lura għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Diċembru 1975, Suiker Unie *et* vs Il-Kummissjoni (40/73 sa 48/73, 50/73, 54/73 sa 56/73, 111/73, 113/73 u 114/73, EU:C:1975:174, punti 90 u 91). F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li din is-sentenza ngħatat f'kuntest relattivament viċin dak ta' din il-kawża, peress li r-rikorrenti kkritikaw lill-Kummissjoni li kisret il-prinċipju ta' smigħ xieraq meta għamlet ċerti dikjarazzjonijiet pubbliċi li taw x'jifhem li l-eżistenza tal-ksur allegat kienet ippruvata, u dan meta l-persuni interessati kien għad lanqas kellhom il-possibbiltà li jieħdu pożizzjoni fuq l-ilmenti li jikkonċernawhom.

292 Għal raġunijiet analogi, għandhom jiġu miċħuda wkoll l-argumenti l-oħrajn imqajma mir-rikorrenti insostenn tal-ilment tagħhom ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kif ukoll l-ilment ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħhom, bħala ineffettivi.

293 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, il-ħames motiv għandu jiġi miċħud.

4. Fuq l-effetti tal-iżbalji kkonstatati fil-kuntest tal-ewwel u r-raba' motiv fuq il-legalità tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata

294 Skont l-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata: "[l-]impriżi li ġejjin kisru l-Artikolu 101 tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipaw, fil-perijodi indikati, fi ksur uniku u kontinwu li jikkonċerna derivattivi tar-rati tal-imgħax iddenominati f'EUR. Dan il-ksur, li kien jestendi għaż-ŻEE kollha, kien jikkonsisti fi ftehimiet u/jew fi prattiki miftiehma li għandhom bħala għan id-distorsjoni tal-kors normali tal-komponenti tal-prezz fis-settur tad-derivattivi tar-rati tal-imgħax iddenominati f'EUR: […] b) [ir-rikorrenti] mit-12 ta' Frar 2007 sas-27 ta' Marzu 2007".

295 Għandu jiġi rrilevat li l-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tal-klassifikazzjoni li hija għamlet f'dak li jirrigwarda d-diskussjonijiet tad-9 u tal-14 ta' Marzu 2007, identifikati fil-punti 166 sa 195 iktar 'il fuq, ma għandhomx effett fuq il-legalità tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u, b'mod partikolari, fuq l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kkontestata, peress li l-konklużjoni li hemm fih tibqa' ġġustifikata anki fl-assenza tat-teħid inkunsiderazzjoni ta' dawn iż-żewġ diskussjonijiet.

296 L-istess japplika għall-iżbalji mwettqa mill-Kummissjoni fir-rigward tad-determinazzjoni preċiża tal-aġir li seta' jiġi imputat lil HSBC għall-parteċipazzjoni fi ksur uniku u kontinwu, identifikat fil-punti 263 sa 274 iktar 'il fuq. Fil-fatt, il-parteċipazzjoni ta' HSBC, flimkien ma' banek oħrajn, fil-manipulazzjoni tad-19 ta' Marzu 2007 u l-fatt li ħaseb fir-repetizzjoni tagħha jippermettu, fihom infushom, li jiġi ġġustifikat b'mod suffiċjenti fid-dritt l-Artikolu 1(b) tad-deċiżjoni kkontestata.

297 Madankollu, sa fejn, fost il-punti li jidħlu fl-evalwazzjoni tal-gravità ta' ksur, hemm in-numru u l-intensità tal-aġir antikompetittiv u għall-motivi stipulati fil-punt 123 iktar 'il fuq, huwa, eventwalment, meta ssir l-evalwazzjoni tan-natura proporzjonali tal-ammont tal-multa li l-Qorti Ġenerali tislet il-konsegwenzi tan-natura żbaljata ta' dawn l-evalwazzjonijiet.

B. Fuq it-talbiet għall-annullament tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, għall-bidla tal-ammont tal-multa imposta

298 Ir-rikorrenti jikkontestaw il-legalità tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata li permezz tagħha l-Kummissjoni imponitilhom multa minħabba l-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur. Dan il-motiv jista' jinqasam f'erba partijiet, peress li r-rikorrenti jikkontestaw, l-ewwel nett, l-użu tad-dħul tal-flus skontati sabiex jiġi evalwat il-valur tal-bejgħ, it-tieni nett, il-fattur ta' gravità applikat, it-tielet nett, l-ammont addizzjonali applikat u, ir-raba' nett, l-evalwazzjoni taċ-ċirkustanzi attenwanti. Ir-rikorrenti jitolbu, prinċipalment, l-annullament tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, li l-Qorti Ġenerali tuża l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuqhom.

299 Fil-kuntest tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw lill-Kummissjoni li bbażat il-valur tal-bejgħ fuq id-dħul tal-flus tal-EIRD irċevut minn HSBC fil-perijodu tal-ksur, li għalih ġie applikat fattur ta' 98.849 %.

300 Ir-raġunament tal-Kummissjoni jinsab fil-premessi 639 sa 648 tad-deċiżjoni kkontestata.

301 Fl-ewwel lok, il-Kummissjoni kkonstatat, fil-premessa 639 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-derivattivi ta' rati tal-imgħax ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens normali tal-kelma u applikat, konsegwentement, valur ta' sostituzzjoni speċifiku għall-valur tal-bejgħ, li jikkostitwixxi punt ta' tluq għall-kalkolu tal-ammonti tal-multi. Fil-premessa 640, hija qieset li kien aħjar li ma tibbażax ruħha fuq il-valur ta' sostituzzjoni tal-bejgħ imwettaq fl-aħħar sena u, minħabba l-perijodu qasir tal-ksur imwettaq minn ċerti partijiet, id-daqs varjabbli tas-suq tal-EIRD fil-perijodu tal-ksur u d-differenzi fil-perijodu ta' parteċipazzjoni tal-banek ikkonċernati, li kien iktar xieraq li tibbaża ruħha fuq il-valur tal-bejgħ effettivament imwettaq mill-impriżi fix-xahar li jikkorrispondi mal-parteċipazzjoni ta' kull waħda minnhom fil-ksur.

302 Fil-premessa 641 tad-deċiżjoni kkontestata, hija kkunsidrat li l-bejgħ, fis-sens normali tal-kelma, kien jikkorrispondi mad-dħul ta' benefiċċji ekonomiċi li l-forma tagħhom kienet normalment flus kontanti jew ekwivalenti għal flus kontanti u osservat li l-aġir antikompetittiv fil-kawża odjerna kien jirrigwarda, b'mod partikolari, il-kollużjoni fuq il-komponenti tal-prezz rilevanti għall-flussi tal-flus assoċjati mal-EIRD. Għal dawn il-motivi, hija ddeċidiet li tiddetermina, għall-partijiet kollha, il-valur annwali tal-bejgħ abbażi tad-dħul tal-flus, jiġifieri l-"flussi tal-flus li kull bank kiseb mill-portafoll rispettiv tiegħu ta' EIRD marbuta ma' kull skandenza Euribor u/jew EONIA u konklużi ma' kontropartijiet stabbiliti fiż-ŻEE".

303 Fil-premessa 642 tad-deċiżjoni kkontestata, hija sabet li, fir-rigward ta' HSBC, l-ammont ta' dħul tal-flus kien ta' EUR 16 688 253 649.

304 Fit-tieni lok, fil-premessa 643 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset xieraq li tnaqqas l-ammont tad-dħul tal-flus ikkunsidrat fil-konfront ta' HSBC u tal-banek l-oħrajn b'fattur uniformi xieraq, sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni partikolaritajiet tas-suq tal-EIRD, u b'mod partikolari tal-kumpens inerenti fl-innegozjar ta' derivattivi. Fil-premessa 648 tad-deċiżjoni kkontestata, dan il-fattur uniformi ġie ffissat f'98.849 %.

305 Il-ġustifikazzjoni tal-livell ta' dan il-fattur ta' tnaqqis hija bbażata fid-deċiżjoni kkontestata fuq ħames serje ta' motivi. L-ewwel nett, il-Kummissjoni, fil-premessa 644, ibbażat ruħha fuq il-kumpens inerenti fl-innegozjar tad-derivattivi in ġenerali, evalwat skont l-International Swap Dealer Association fis-sens li jimplika tnaqqis ta' bejn 85 u 90 %.

306 It-tieni nett, fil-premessa 645, hija enfasizzat l-ispeċifiċità tal-kumpens tal-EIRD, peress li l-paragun tad-dħul tal-flus tal-partijiet mal-flus netti saldati skont l-EIRD juri li l-applikazzjoni ta' rata bejn 85 u 90 % twassal għal multi dissważivi ħafna.

307 It-tielet nett, fil-premessa 646, hija kkonstatat li l-akkordju fuq l-EIRD ikkawża spejjeż addizzjonali sinjifikament iktar baxxi minn dawk ta' 20 % ġeneralment ikkawżati minn dan it-tip ta' akkordju fis-setturi konvenzjonali.

308 Ir-raba' nett, fil-premessa 647, il-Kummissjoni fakkret li hija ma kinitx obbligata tapplika formula matematika preċiża u kellha marġni ta' diskrezzjoni meta hija kienet qiegħda tiddetermina l-ammont ta' kull multa.

309 Il-ħames nett, fil-premessa 648, il-Kummissjoni enfasizzat li applikat lid-destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata l-istess rata bħal dik użata sabiex tikkalkula l-ammonti tal-multi imposti fuq id-destinatarji tad-deċiżjoni ta' riżolviment.

310 Fit-tielet lok, il-Kummissjoni wieġbet għall-kritiċi ppreżentati matul il-proċedura amministrattiva. F'dan il-kuntest, fil-premessi 656 sa 662 tad-deċiżjoni kkontestata, hija ċaħdet li l-użu tad-dħul tal-flus skontat kellu natura mhux xierqa. Għaldaqstant hija argumentat li, fil-konfront tad-dħul u tal-pagamenti netti fi flus kontanti ssuġġeriti mir-rikorrenti, li setgħu jwasslu għal riżultati negattivi, it-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul tal-flus skontat kien iktar konformi mal-Linji Gwida fuq il-metodu ta' kalkolu tal-multi imposti taħt l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-2006"), skont liema l-bejgħ, u mhux il-benefiċċju, kien jikkostitwixxi l-punt ta' tluq tal-kalkolu tal-multi.

311 F'dak li jirrigwarda l-kritiċi fil-konfront tal-fattur ta' tnaqqis, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, enfasizzat fil-premessa 710 tad-deċiżjoni kkontestata, li kienet trasparenti fir-rigward tal-intenzjoni tagħha li tnaqqas id-dħul tal-flus minn fattur uniformi b'mill-inqas 97.5 %. Hija argumentat ukoll, fil-premessa 713, li ma applikatx fatturi ta' tnaqqis individwali, peress li dawn setgħu jwasslu għal inugwaljanza fit-trattament.

312 Fil-kuntest ta' din il-parti tal-motiv, ir-rikorrenti jqajmu, essenzjalment, tliet ilmenti sabiex jikkontestaw il-legalità tal-kalkolu tal-valur tal-bejgħ. L-ewwel nett, huma jikkontestaw il-prinċipju nnifsu tal-użu tad-dħul tal-flus li miegħu hemm assoċjat fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 %. It-tieni nett, huma jqisu li l-Kummissjoni kienet żbaljata meta inkludiet id-dħul tal-flus li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel l-akkordju. Fl-aħħar nett, it-tielet nett, huma jikkontestaw il-motivazzjoni tal-fattur ta' tnaqqis.

1. Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq in-natura żbaljata tal-użu tad-dħul tal-flus skontat

313 Ir-rikorrenti jargumentaw li, minkejja li l-Kummisjsoni ġustament osservat, fil-premessa 639 tad-deċiżjoni kkontestata, li d-derivattivi ta' rati tal-imgħax "ma [kinux] jiġġeneraw bejgħ fis-sens normali", huwa b'mod żbaljat li hija evalwat l-imsemmi valur tal-bejgħ billi bbażat ruħha fuq id-dħul tal-flus riċevut skont l-EIRD li miegħu kien assoċjat fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 %. Huma jikkritikaw lill-Kummissjoni li ħadet inkunsiderazzjoni biss is-sempliċi dħul tal-flus skont l-EIRD u mhux il-ħruġ tal-flus, minkejja li manipulazzjoni tar-rati ta' referenza għandha effetti fuq dawn iż-żewġ aspetti. Dan l-approċċ ikkontribwixxa għal ivvalutar eċċessiv ħafna tad-dħul iġġenerat bl-attività ta' operar tal-EIRD. Huma jargumentaw li l-motiv, li jinsab fil-premessa 659 tad-deċiżjoni kkontestata, ibbażat fuq l-argument li t-teħid inkunsiderazzjoni tal-pagamenti deħlin ma jistax iwassal għall-ebda bejgħ jew

għal bejgħ negattiv, ma jagħmilx id-dħul tal-flus indikatur xieraq tal-valur tal-bejgħ. L-istess japplika għall-enfasi, fil-premessa 660 tal-imsemmija deċiżjoni, fuq il-fatt li huwa l-bejgħ li jikkostitwixxi l-punt ta' tluq tal-kalkolu tal-multi fil-Linji Gwida tal-2006.

314 Il-Kummissjoni tqis li hija evalwat ġustament il-valur tal-bejgħ b'riferiment għad-dħul tal-flus li għalih ġie applikat fattur ta' tnaqqis.

315 Hija tosserva li l-ħruġ ta' fondi skont l-EIRD ma ġiex injorat. L-applikazzjoni tal-fattur ta' tnaqqis għandha preċiżament l-għan li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kumpens inerenti fl-attività ta' operar. Mill-angolu tad-dissważjoni, tali approċċ huwa iktar xieraq minn dak, ippreferut mir-rikorrenti, tad-dħul u pagamenti netti fi flus kontanti, li jista' jwassal għal valuri negattivi.

316 Il-Qorti Ġenerali tfakkar b'mod preliminari li, fir-rigward tal-legalità ta' deċiżjoni li timponi multa, l-istħarriġ fil-fond, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, li l-qorti tal-Unjoni teżerċita fuq il-punti kollha tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar il-proċeduri skont l-Artikoli 101 u 102 TFUE, imfakkra fil-punt 44 iktar 'il fuq, jimplika li hija ma tistax tibbaża ruħha fuq il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni, la fir-rigward tal-għażla tal-punti meħuda inkunsiderazzjoni fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija fil-linji gwida, u lanqas fir-rigward tal-evalwazzjoni ta' dawn il-punti sabiex tirrinunzja milli tagħmel tali stħarriġ fil-fond (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni, C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 62).

317 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li ma huwiex ikkontestat bejn il-partijiet li l-EIRD "ma jiġġenerawx bejgħ fis-sens normali tal-kelma" [traduzzjoni mhux uffiċjali], bħalma huwa mfakkar fil-premessa 639 tad-deċiżjoni kkontestata.

318 Fit-tieni lok, minkejja li l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003 jagħmel riferiment b'mod ġenerali għall-gravità u għat-tul tal-ksur, il-metodoloġija ppreferuta mill-Kummissjoni sabiex tapplika din id-dispożizzjoni fil-Linji Gwida tal-2006 tagħha għandha rwol ċentrali fil-kunċett ta' "valur tal-bejgħ", għaliex din tikkontribwixxi sabiex tiddetermina l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll l-importanza rispettiva ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Team Relocations *et* vs Il-Kummissjoni, C-444/11 P, mhux ippubblikata, EU:C:2013:464, punt 76). Fil-fatt, skont il-paragrafu 13 tal-Linji Gwida tal-2006, "[s]abiex tiddetermina l-ammont bażiku tal-multa li għandha tiġi imposta, il-Kummissjoni ser tuża l-valur tal-bejgħ ta' oġġetti jew servizzi, magħmul mill-impriża, b'rabta diretta jew indiretta […] mal-ksur, fis-settur ġeografiku kkonċernat ġewwa t-territorju taż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-parti introduttiva tagħhom, l-imsemmija linji gwida jippreċiżaw, fil-paragrafu 6 tagħhom li, "il-valur tal-bejgħ relatat mal-ksur meħud flimkien mat-tul tal-ksur huwa meqjus bħala valur ta' sostituzzjoni adegwat sabiex jiġu riflessi s-sinjifikanza ekonomika tal-ksur kif ukoll l-importanza rispettiva ta' kull impriża li tipparteċipa fil-ksur" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

319 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni tista' ma tapplikax il-metodu stipulat fil-linji gwida, meta xi motivi jiġġustifikaw dan. Fil-fatt, il-bżonnijiet ta' eżami partikolari ta' kull sitwazzjoni individwali mill-Kummissjoni meta hija timponi sanzjonijiet skont l-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 1/2003 ma jimplikawx neċessarjament li hija twarrab, skont il-każ jekk l-ispeċifiċità tas-sitwazzjoni individwali teżiġi dan, il-metodoloġija tal-linji gwida. Din il-possibbiltà, enfasizzata mill-ġurisprudenza (sentenza tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, EU:C:2005:408, punti 209 u 210) hija issa espliċitament imsemmija fil-paragrafu 37 tal-Linji Gwida tal-2006.

320 F'dan il-każ, għandu jiġi vverifikat jekk il-Kummissjoni wettqitx żball ta' evalwazzjoni meta evalwat il-valur tal-bejgħ tal-EIRD abbażi tad-dħul tal-flus skontat. Dan jinvolvi, b'mod partikolari, li jiġi eżaminat jekk l-approċċ ippreferut mill-Kummissjoni kienx jippermetti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kumpens inerenti fl-EIRD, peress li dawn il-kuntratti jagħtu lok kemm għal dħul kif ukoll għal pagamenti.

321 Għandu jitfakkar li mill-paragrafi 15 u 16 tal-Linji Gwida tal-2006 jirriżulta li, sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ ta' impriża, il-Kummissjoni għandha tuża l-aħjar data disponibbli ta' din l-impriża. Meta d-data li ssir disponibbli minn impriża tkun inkompleta jew mhux affidabbli, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-valur tal-bejgħ ta' din l-impriża abbażi tad-data parzjali li hija tkun kisbet jew abbażi ta' kull informazzjoni oħra li hija tqis bħala rilevanti jew xierqa.

322 Għandu jiġi kkonstatat li l-approċċ ipprivileġġat mill-Kummissjoni għandu t-tendenza li jirrifletti aħjar il-valur tal-bejgħ – u għalhekk is-sinjifikanza ekonomika tal-ksur – mill-approċċ alternattiv propost mir-rikorrenti matul il-proċedura amministrattiva, ibbażat fuq id-dħul u pagamenti netti fi flus kontanti. Dan jinvolvi, essenzjalment, li jittieħed inkunsiderazzjoni biss il-bilanċ tal-flussi tal-flus fil-perijodu tal-ksur, jiġifieri figura li hija paragunabbli għall-benefiċċju mislut mill-attivitajiet ta' operar.

323 Fil-fatt, bħalma fakkret ġustament il-Kummissjoni fil-premessa 659 tad-deċiżjoni kkontestata, tali limitazzjoni tmur kontra l-loġika li ddeterminat l-għażla tagħha li tistabbilixxi, fil-metodoloġija li tinsab fil-Linji Gwida tal-2006, l-ammont bażiku b'riferiment għall-valur tal-bejgħ, jiġifieri li jiġu riflessi s-sinjifikanza ekonomika tal-ksur u l-importanza tal-parteċipazzjoni tal-impriża kkonċernata.

324 Għaldaqstant, peress li, minn naħa, l-approċċ ippreferut mill-Kummissjoni huwa konformi mal-loġika wara l-għażla tal-valur tal-bejgħ u, min-naħa l-oħra, ir-rikorrenti ma pproponewx metodi alternattivi iktar xierqa fil-proċedura amministrattiva, ma jistax jiġi konkluż li l-prinċipju tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul tal-flus skontat għandu, intrinsikament, natura żbaljata.

325 Xorta jibqa' l-fatt li, fl-approċċ ippreferut mill-Kummissjoni, ma huwiex biss importanti li d-determinazzjoni tal-ammont tad-dħul tal-flus ma tkunx ivvizzjata. Huwa importanti wkoll li tingħata attenzjoni partikolari għar-rata tal-fattur ta' tnaqqis applikata.

326 Fil-fatt, din għandha rwol essenzjali fid-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ, minħabba l-ammont partikolarment għoli li jimplika t-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul tal-flus biss, jiġifieri mingħajr tnaqqis tal-pagamenti korrispondenti.

327 Għaldaqstant, bħala eżempju, abbażi tal-applikazzjoni tal-punti dwar il-gravità, it-tul, l-ammont addizzjonali u ċ-ċirkustanzi attenwanti kkunsidrati mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata, u mingħajr ma tiġi mminata l-fondatezza tagħhom, il-Qorti Ġenerali tirrileva li varjazzjoni ta' 0.1 % tar-rata tal-imsemmi fattur ikollha effett fuq l-ammont finali tal-multa ta' kważi EUR 16 221 000.

328 Minn dan kollu preċedenti jirriżulta li, fil-mudell ippreferut mill-Kummissjoni sabiex tiddetermina l-valur tal-bejgħ, il-preċiżjoni tar-rata tal-fattur ta' tnaqqis hija fundamentali, peress li anki l-iċken varjazzjoni tal-imsemmi fattur jista' jkollha effetti kbar fuq l-ammont tal-multa imposta fuq l-impriżi kkonċernati.

329 Suġġett għal din ir-riżerva, l-ewwel ilment għandu jiġi miċħud.

2. Fuq it-tieni lment, ibbażat fuq in-natura żbaljata tat-teħid inkunsiderazzjoni tad-dħul tal-flus li jirriżulta minn kuntratti konklużi qabel il-bidu tal-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur

330 Ir-rikorrenti jargumentaw li l-Kummissjoni, b'mod żbaljat, ħadet inkunsiderazzjoni d-dħul tal-flus skontat iġġenerat minn kuntratti konklużi qabel l-aġir ikkritikat ta' HSBC.

331 Il-Kummissjoni titlob li dan l-ilment jiġi miċħud.

332 Bħalma l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tenfasizza, il-paragrafu 13 tal-Linji Gwida tal-2006 għandu l-għan li, bħala punt ta' tluq għall-kalkolu tal-multa imposta fuq impriża, jittieħed ammont li jirrifletti s-sinjifikanza ekonomika tal-ksur u l-importanza relattiva ta' din l-impriża fih. Konsegwentement, minkejja li l-kunċett ta' "valur tal-bejgħ" imsemmi f'dan il-paragrafu 13 ma jistax, ċertament, jiġi estiż sabiex jinkludi l-bejgħ imwettaq mill-impriża inkwistjoni li ma jaqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-akkordju kkritikat, xorta waħda, madankollu, jiġi mminat l-għan ta' din id-dispożizzjoni jekk dan il-kunċett kellu jinftiehem bħala li jipprevedi biss id-dħul mill-bejgħ li jkun sar biss mill-bejgħ li huwa stabbilit li jkun ġie affettwat realment minn dan l-akkordju (sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 19).

333 Għaldaqstant, bejgħ imwettaq skont kuntratti konklużi qabel il-perijodu tal-ksur jista' validament jiġi inkluż fil-valur tal-bejgħ ikkalkulat skont il-paragrafu 13 tal-Linji Gwida tal-2006, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont bażiku tal-multa, bħall-bejgħ imwettaq skont kuntratti konklużi fil-perijodu tal-ksur, iżda li ma ntweriex li dawn kienu speċifikament is-suġġett ta' kollużjoni (sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Pilkington Group *et* vs Il-Kummissjoni, C-101/15 P, EU:C:2016:631, punt 20).

334 Tali soluzzjoni hija iktar u iktar trasponibbli għaċ-ċirkustanzi tal-każ għaliex il-manipulazzjoni tal-Euribor li HSBC ipparteċipa fiha kienet taffettwa r-rata varjabbli tal-kuntratti indiċjati fuq l-Euribor-3M li jiskadu fid-19 ta' Marzu 2007, irrispettivament minn jekk id-data tal-konklużjoni tagħhom kinitx qabel jew wara t-12 ta' Frar 2007, punt ta' tluq tal-parteċipazzjoni ta' HSBC fil-ksur.

335 Għaldaqstant, it-tieni lment għandu jiġi miċħud.

3. Fuq it-tielet ilment, ibbażat fuq in-natura insuffiċjentement immotivata tal-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 % applikat mill-Kummissjoni

336 Ir-rikorrenti jargumentaw li d-determinazzjoni tal-fattur ta' tnaqqis hija vvizzjata b'insuffiċjenza ta' motivazzjoni, sa fejn din ma tippermettilhomx ikunu jafu r-raġunijiet li għalihom l-ammont bażiku tal-multa ġie ffissat f'dan il-livell. Huma jenfasizzaw, b'mod partikolari, li dan jieħu inkunsiderazzjoni l-ipoteżi ta' spejjeż addizzjonali ipotetiċi bejn 2 u 4 punti bażi, mingħajr ma jiġi spjegat b'liema mod tali spejjeż addizzjonali kienu realistiċi f'ċirkustanzi fejn bank seta', fir-realtà, ivarja r-rata ta' referenza l-iktar l-iktar b'0.1 punt bażi biss, bħalma turi n-nota ta' qiegħ il-paġna fil-paġna Nru 441 tad-deċiżjoni kkontestata. Ir-rikorrenti jfakkru li l-applikazzjoni mill-Kummissjoni ta' approċċ ġdid u mingħajr preċedent għad-determinazzjoni tal-valur tal-bejgħ kien jagħmel l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni dejjem iktar neċessarja.

337 Il-Kummissjoni targumenta li l-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 % huwa suffiċjentement immotivat, peress li l-motivi li jinsabu fil-premessi 643 sa 646 tad-deċiżjoni kkontestata jippermettu lir-rikorrenti jifhmu b'liema mod dan il-fattur ġie meqjus xieraq. Fir-rigward tal-fatt li jissemmew l-ispejjeż addizzjonali ta' 2 sa 4 punti bażi meħuda inkunsiderazzjoni fil-premessa 646, huwa ppreċiżat fid-deċiżjoni kkontestata li inkwistjoni hemmhekk hemm spejjeż addizzjonali ipotetiċi. Il-Kummissjoni tfakkar, f'dan ir-rigward, li hija għandha marġni ta' diskrezzjoni meta hija tiddetermina l-ammont ta' kull multa u li hija ma hijiex obbligata ssegwi approċċ matematiku.

338 Bħalma ġie rrikonoxxut minn ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni previst fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 296 TFUE jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali essenzjali li għandu jkun distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivi, li jirrigwardaw il-legalità fil-mertu tal-att ikkontestat. F'din il-perspettiva, il-motivazzjoni rikjesta għandha tiġi adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-istituzzjoni, awtriċi tal-att, b'mod li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati li jsiru jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti li teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet individwali, l-obbligu li jiġu mmotivati tali deċiżjonijiet għandu l-għan, minbarra li jippermetti stħarriġ ġudizzjarju, li jipprovdi lill-persuna kkonċernata indikazzjoni suffiċjenti sabiex tkun taf jekk id-deċiżjoni

hijiex eventwalment ivvizzjata b'xi żball li jippermetti li tiġi kkontestata l-validità tagħha (ara s-sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punti 146 sa 148 u l-ġurisprudenza ċċitata; tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punti 114 u 115, u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 44).

339 Barra minn hekk, il-ħtieġa ta' motivazzjoni għandha tkun evalwata skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari tal-kontenut tal-att, tan-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarji tal-att jew persuni oħrajn kkonċernati direttament u individwalment hekk kif previst fl-Artikolu 263(4) TFEU jista' jkollhom li jirċievu spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti rilevanti kollha ta' fatt u ta' liġi, sa fejn il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' att kinitx tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 296 TFUE għandha tiġi evalwata fid-dawl mhux biss tal-kliem tagħha, iżda wkoll tal-kuntest tagħha kif ukoll tar-regoli legali kollha li jirregolaw il-qasam ikkonċernat (sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 150; tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 116, u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 45).

340 Il-ġurisprudenza ppreċiżat ukoll li l-motivazzjoni kellha għaldaqstant, bħala prinċipju, tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata fl-istess ħin mad-deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju. L-assenza ta' motivazzjoni ma tistax tiġi rregolarizzata bil-fatt li l-persuna kkonċernata ssir taf il-motivi tad-deċiżjoni matul il-proċeduri quddiem il-qrati tal-Unjoni (sentenzi tad-29 ta' Settembru 2011, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P, EU:C:2011:620, punt 149; tad-19 ta' Lulju 2012, Alliance One International u Standard Commercial Tobacco vs Il-Kummissjoni, C-628/10 P u C-14/11 P, EU:C:2012:479, punt 74, u tat-13 ta' Diċembru 2016, Printeos *et* vs Il-Kummissjoni, T-95/15, EU:T:2016:722, punt 46).

341 Fir-rigward ta' deċiżjoni li timponi multa, il-Kummissjoni hija marbuta tipprovdi motivazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammont tal-multa imposta u fir-rigward tal-metodu magħżul f'dan ir-rigward (sentenza tas-27 ta' Settembru 2006, Jungbunzlauer vs Il-Kummissjoni, T-43/02, EU:T:2006:270, punt 91). Huwa l-obbligu tal-Kummissjoni li tindika, fid-deċiżjoni tagħha, il-punti ta' evalwazzjoni li ppermettewlha tkejjel il-gravità u t-tul tal-ksur, mingħajr ma hija obbligata li tipprovdi, fl-istess deċiżjoni, raġunijiet iktar fid-dettall jew iċ-ċifri relatati mal-metodu tal-kalkolu tal-multa (sentenza tat-13 ta' Lulju 2011, Schindler Holding *et* vs Il-Kummissjoni, T-138/07, EU:T:2011:362, punt 243). Madankollu hija għandha tispjega r-riflessjoni u l-evalwazzjoni li tkun għamlet tal-punti meħuda inkunsiderazzjoni (sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Chalkor vs Il-Kummissjoni, C-386/10 P, EU:C:2011:815, punt 61).

342 Preċiżjonijiet magħmula mill-awtur ta' deċiżjoni kkontestata, matul il-proċedura kontenzjuża, li jikkompletaw motivazzjoni diġà fiha nfisha suffiċjenti, ma jaqgħux strettament taħt l-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni, anki jekk dawn jistgħu jintużaw għall-istħarriġ intern tal-motivi tad-deċiżjoni, eżerċitat mill-qorti tal-Unjoni, għaliex dawn jippermettu lill-istituzzjoni tispjega r-raġunijiet li d-deċiżjoni tagħha hija bbażata fuqhom. Għaldaqstant spjegazzjonijiet addizzjonali, li jmorru lil hinn mill-obbligu ta' motivazzjoni tagħha, jistgħu jippermettu lill-impriżi li jkunu jafu fid-dettall il-mod ta' kalkolu tal-multa li hija imposta fuqhom u, b'mod iktar ġenerali, jagħmlu l-azzjoni amministrattiva iktar trasparenti u jiffaċilitaw l-eżerċizzju mill-Qorti Ġenerali tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, li għandu jippermettilha tevalwa, lil hinn mil-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, in-natura xierqa tal-multa imposta. Madankollu, din il-possibbiltà ma hijiex ta' natura li tbiddel il-portata tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-obbligu ta' motivazzjoni (sentenza tas-16 ta' Novembru 2000, Cascades vs Il-Kummissjoni, C-279/98 P, EU:C:2000:626, punti 45 u 47).

343 Il-Kummissjoni tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 341 iktar 'il fuq sabiex tenfasizza, essenzjalment, li hija ma kinitx obbligata tispjega b'mod preċiż fid-deċiżjoni kkontestata l-evalwazzjoni taċ-ċifri li wasslet għall-applikazzjoni ta' fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 %.

344 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali tirrileva li, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 339 iktar 'il fuq, ir-rekwiżit ta' motivazzjoni għandu jiġi evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ. Issa, dawn għandhom żewġ speċifiċitajiet notevoli.

345 Minn naħa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tapplika l-metodoloġija li tinsab fil-Linji Gwida tal-2006 iktar milli twarrabha, fatt li hija setgħet tagħmel skont il-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 319 iktar 'il fuq u l-paragrafu 37 tal-imsemmija linji gwida. Għaldaqstant, hija għamlet l-għażla li ssegwi metodoloġija li fiha, għar-raġunijiet esposti fil-punt 318 iktar 'il fuq, id-determinazzjoni tal-"valur tal-bejgħ" kellha rwol ċentrali, minkejja li hija kienet irrilevat fil-premessa 639 tad-deċiżjoni kkontestata li l-EIRD ma kinux jiġġeneraw bejgħ fis-sens normali tal-kelma.

346 Għaldaqstant, kien essenzjali li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata tippermetti lir-rikorrenti jivverifikaw jekk il-valur ta' sostituzzjoni magħżul mill-Kummissjoni kienx eventwalment ivvizzjat b'difett li jippermetti li tiġi kkontestata l-validità tiegħu u lill-Qorti Ġenerali li teżerċita l-istħarriġ tagħha.

347 Min-naħa l-oħra, bħalma ġie enfasizzat fil-punt 325 iktar 'il fuq, fl-approċċ segwit mill-Kummissjoni, il-fattur ta' tnaqqis għandu rwol essenzjali minħabba l-ammont partikolarment għoli tad-dħul tal-flus li huwa jista' japplika għalih.

348 Minn dan isegwi li, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, peress li l-Kummissjoni ddeċidiet li tiddetermina l-ammont bażiku tal-multa skont mudell numeriku li fih il-fattur ta' tnaqqis għandu rwol essenzjali, kien neċessarju li l-impriżi kkonċernati jitpoġġew f'pożizzjoni li fiha jkunu jistgħu jifhmu kif hija kienet waslet għal fattur ta' tnaqqis iffissat preċiżament f'98.849 % u li l-Qorti Ġenerali tkun tista' teżerċita stħarriġ fid-dettall, fid-dritt kif ukoll fil-fatt, fuq dan il-punt tad-deċiżjoni kkontestata, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 316 iktar 'il fuq.

349 Issa, mill-premessi 643, 644 sa 646 u 648 biss tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-fattur ta' tnaqqis kellu jkun ta' iktar minn 90 % peress li, minn naħa, il-paragun tad-dħul tal-flus tal-partijiet mal-flus netti saldati skont l-EIRD kien juri li l-applikazzjoni ta' rata bejn 85 u 90 % twassal għal multi dissważivi wisq u, min-naħa l-oħra, li l-akkordju inkwistjoni kkawża spejjeż addizzjonali sinjifikament iktar baxxi minn dawk ta' 20 % ġeneralment ikkawżati minn dan it-tip ta' akkordju fis-setturi konvenzjonali. Fil-premessa 648 tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tindika, minn naħa, li għamlet stima tal-fatturi msemmija fil-premessi 643 sa 646 mingħajr madankollu ma tippreċiża x'valur attribwiet għal dawn id-diversi fatturi sabiex tiffissa r-rata ta' tnaqqis preċiżament f'98.849 %. Min-naħa l-oħra, hija tindika li applikat l-istess metodoloġija fid-determinazzjoni tal-valuri tal-bejgħ bħal dik użata għall-kalkolu tal-ammonti tal-multi fid-deċiżjoni ta' riżolviment. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li ebda indikazzjoni addizzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tar-rata ta' tnaqqis f'98.849 % ma tirriżulta mid-deċiżjoni ta' riżolviment.

350 L-unika indikazzjoni oħra li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata tikkonsisti f'li tfakkar, fil-premessa 710, dak li l-Kummissjoni kienet enfasizzat matul il-proċedura amministrattiva li l-fattur ta' tnaqqis uniformi huwa ta' mill-inqas 97.5 %.

351 Għandu jiġi kkonstatat li dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jipprovdux lir-rikorrenti spjegazzjoni tar-raġunijiet li għalihom il-fattur ta' tnaqqis ġie ffissat f'98.849 % milli f'livell eventwalment ogħla. Bl-istess mod, minħabba l-assenza ta' spjegazzjonijiet iktar iddettaljati fuq ir-raġunijiet li għalihom dawn il-kunsiderazzjonijiet wasslu għall-iffissar tal-fattur ta' tnaqqis f'dan il-livell preċiż, il-Qorti Ġenerali ma hijiex f'pożizzjoni li teżerċita stħarriġ fil-fond fid-dritt u fil-fatt fuq punt tad-deċiżjoni li seta' jkollu effett sinjifikanti fuq l-ammont tal-multa imposta fuq ir-rikorrenti.

352 Ċertament, wara s-seduta l-Kummissjoni pprovdiet lill-Qorti Ġenerali bi spjegazzjonijiet addizzjonali dwar id-determinazzjoni ta' dan il-fattur ta' tnaqqis ta' 98.849 %. Madankollu, minn qari flimkien tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 340 u 342 iktar 'il fuq jirriżulta li tali spjegazzjonijiet addizzjonali

jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Qorti Ġenerali, f'dak li jirrigwarda l-istħarriġ intern tal-motivi tad-deċiżjoni, biss suġġett għall-kundizzjoni li dawn jikkompletaw motivazzjoni diġà suffiċjenti fiha nfisha. Issa, dan ma huwiex il-każ fil-kawża odjerna.

353 Fid-dawl ta' dan kollu preċedenti, it-tielet ilment tal-ewwel parti tal-motiv għandha tintlaqa' u, għaldaqstant, l-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi annullat, mingħajr il-ħtieġa li jiġu eżaminati l-partijiet l-oħrajn tal-motiv.

354 Sa fejn intlaqgħu t-talbiet ippreżentati prinċipalment intiżi għall-annullament tal-Artikolu 2(b) tad-deċiżjoni kkontestata, ma hemmx lok li jiġu eżaminati t-talbiet għal bidla ppreżentati sussidjarjament mir-rikorrenti.

Fuq l-ispejjeż

355 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura, jekk il-partijiet jitilfu rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża jkun jidher iġġustifikat, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li waħda mill-partijiet għandha, minbarra l-ispejjeż tagħha, tbati parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

356 F'dan il-każ, ir-rikorrenti tilfu fit-talbiet tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u rebħu fit-talba tagħhom għall-annullament tal-Artikolu 2(b) tal-imsemmija deċiżjoni. F'dawn il-kundizzjonijiet, issir evalwazzjoni ġusta taċ-ċirkustanzi tal-każ jekk jiġi deċiż li kull parti tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) L-Artikolu 2(b) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2016) 8530 finali tas-7 ta' Diċembru 2016 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39914 – Euro Interest Rate Derivatives), huwa annullat.

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

3) HSBC Holdings plc, HSBC Bank plc u HSBC France huma kkundannati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Prek Buttigieg Schalin

Berke Costeira

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fl-24 ta' Settembru 2019.

Firem